A.L. 177 ta' l-2005

REGOLAMENTI TA' l-2005 DWAR KUNTRATTI PUBBLIĊI

Taqsima I

Disposizzjonijiet Ġenerali

1 Titolu

2 Tisfir

3 Għan

4 Ebda diskriminazzjoni u kunfidenzjalità

5 Direttur tal-Kuntratti

6 Rimedji - Kompetenza tad-Dipartiment tal-Kuntratti

7 Diskrezzjoni li ssir riferenza

8 Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali

9 Kumitat tal-Kuntratti Speċjali

10 Kumitat tal-Kuntratti

11 Limiti stabbiliti

12 Ħtieġa ta' approvazzjoni qabel il-ħruġ u l-pubblikazzjoni ta' offerti

13 Rapport annwali

14 Applikabilità

15 Regoli dwar il-kalkolu tal-valur stmat li japplika

16 Ebda applikabilità

Taqsima II

Regoli li jirregolaw il-kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom ma jeċċedix Lm20,000

17 Applikabilità

18 Skop

19 Proċeduri dwar akkwisti pubbliċi għal awtoritajiet kontraenti

20 Jedd li jsir ilment

Taqsima III

Regoli li jirregolaw il-kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom jeċċedi Lm20,000 iżda ma jeċċedix il-limiti stabbiliti

21 Applikabilità

22 Regolamentazzjoni

Taqsima IV

Regoli komuni għal kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom jeċċedi Lm20,000

23 Applikabilità

24 Proċeduri ta' għoti

25 Ftehim qafas

26 Sistemi dinamiċi ta' xiri

27 Kriterji dwar l-għoti

28 Konsiderazzjonijiet speċjali li jirrigwardaw regoli li jirregolaw il-kriterji dwar l-għoti

29 Użu ta' bejgħ bl-irkant elettroniku

30 Appaltar u kondizzjonjiet għat-twettieq

31 Offerti konġunti u fi grupp

32 Lottijiet separati

33 Bord ta' l-Appelli

34 Rapporti statistiċi u rapporti oħra

35 Listi uffiċjali

Taqsima V

Regoli li jirregolaw kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom ikun daqs jew jeċċedi l-limitu stabbilit

36 Applikabilità

37 Għadd ta' offerenti

38 Proċeduri negozjati

39 Termini ta' żmien biex jiġu riċevuti talbiet għall-parteċipazzjoni kif ukoll offerti

40 Termini massimi ta' żmien

41 Terminu għal kuntratt ta' konċessjoni dwar xogħlijiet pubbliċi

42 Applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1182/71

43 Stedina u informazzjoni

44 Komunikazzjoni

45 Speċifikazzjonijiet tekniċi

46 Elementi li jvarjaw

47 Djalogu kompetittiv

48 Avviżi ta' l-UE

49 Kriterji ta' għażla kwalitattiva

50 Prova tal-qagħda finanzjarja u ekonomika

51 Prova ta' kapaċità teknika

52 Tagħrif li jissupplimenta

53 Rapport lill-Kummissjoni

Taqsima VI

Tipi ta' Kuntratti

Sezzjoni A - Kuntratti ta' servizzi pubbliċi

54 Skop

55 Applikazzjoni

56 Applikazzjoni fuq żewġ stadji

57 Kompetizzjonijiet dwar id-disinni

58 Wara l-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE

59 Mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE

60 Informazzjoni

61 Ċħid ta' elementi li jvarjaw

62 Jedd li titwettaq attività ta' servizzi

63 Pajjiżi terzi

Sezzjoni B - Kuntratti ta' provvista pubblika

64 Skop

65 Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE

66 Mingħajr il-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE

67 Ċħid ta' elementi li jvarjaw

68 Pajjiżi terzi

Sezzjoni Ċ - Kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi

69 Skop

70 Konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi

71 Wara l-pubblikazzjoni minn qabel

72 Mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel

73 Disinn u kostruzzjoni f'kuntratti ta' djar pubbliċi

74 Tagħrif

75 Pajjiżi terzi

Taqsima VII

Kuntratti dwar akkwisti pubbliċi ta' entitajiet li joperaw fis-settur ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali

76 Skop

Taqsima VIII

Ordnijiet ta' varjazzjoni

77 Kuntratti mogħtija minn Awtoritajiet elenkati fi Skeda 2

78 Kuntratti mogħtija minn Awtoritajiet elenkati fi Skeda 3

Taqsima IX

Kumitati tal-Kuntratti

79 Kumitati tal-Kuntratti

Taqsima X

Funzjonijiet tal-Kumitati tal-Kuntratti

80 Funzjonijiet tal-Kumitati tal-Kuntratti

Taqsima XI

Kumitati għall-Akkwisti Pubbliċi

81 Kumitati għall-akkwisti pubbliċi

Taqsima XII

Offerti magħmulin f'pakketti separati

82 Offerti magħmulin f'pakketti separati

Taqsima XIII

Proċedura għall-preżentata ta' appelli

83 Proċedura għall-preżentata ta' appelli

Taqsima XIV

Bord ta’ l-Apelli dwar l-Kuntratti Pubbliċi

84 Bord ta’ l-Appelli

85 Revoka tar-Regolamenti ta’ l-2003 dwar il-Kuntratti Pubbliċi

SKEDI

Skeda 1 Lista sħiħa ta’ Awtoritajiet Kontraenti

Skeda 2 Awtoritajiet Kontraenti li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Dipartiment tal-Kuntratti

Skeda 3 Lista ta’ Awtoritajiet Kontraenti li jamministraw l-Akkwisti Pubbliċi tagħhom skond id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti

Skeda 4 Lista ta’ l-Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali

Skeda 5 Attivitajiet tal-Kuntratti tax-Xogħlijiet Pubbliċi

Skeda 6 Servizzi skond it-tifsira tar-regolament 56(1)

Skeda 7 Servizzi skond it-tifsira tar-regolament 56(2)

Skeda 8 Valuri ta’ limiti stabbiliti skond ir-regolament 11

Skeda 9 Avviżi dwar kuntratti pubbliċi

Skeda 10 Lista ta’ Prodotti fil-qasam tad-Difiża

Skeda 11 Ħtiġiet relatati ma’ tagħmir biex jiġu riċevuti Offerti b’mezzi elettroniċi, Talbiet għal Parteċipazzjoni u Pjanti u Proġetti fil-Kompetizzjonijiet

A.L. 177 ta' l-2005

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA

(KAP. 174)

Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

TAQSIMA I

Disposizzjonijiet Ġenerali

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

(2) Dawn il-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fit-3 ta' Ġunju, 2005.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"avviż" tfisser avviż pubblikat fil-Gazzetta;

"avviż dwar kuntratt" tfisser avviż li għandu jiġi pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u fil-Gazzetta;

"avviż indikattiv perjodiku" tfisser l-avviż ta' l-UE dwar informazzjoni minn qabel imsemmi fir-regolament 48;

"awtoritajiet tal-gvern ċentrali" tfisser l-awtoritajiet elenkati fl-Iskeda 4;

"awtorità kontraenti" tfisser l-awtoritajiet Statali, reġjonali jew lokali, korpi regolati bid-dritt pubbliku, assoċjazzjonijiet li ġew iffurmati b'xi waħda jew diversi minn dawn l-awtoritajiet jew wieħed jew aktar minn dawn il-korpi regolati bid-dritt pubbliku;

"bejgħ bl-irkant elettroniku" tfisser proċess ripetittiv li jinvolvi tagħmir elettroniku għall-preżentazzjoni ta' prezzijiet ġodda, riveduti 'l isfel, u, jew valuri ġodda li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti elementi ta' l-offerti, li jseħħu wara valutazzjoni inizjali sħiħa ta' l-offerti, biex tgħin sabiex jitqiegħdu fuq lista ta' skala bl-użu tal-metodi awtomatiċi ta' valutazzjoni. Ċerti kuntratti tas-servizzi u ċerti kuntratti tax-xogħlijiet li huma msejsa fuq prestazzjonijiet

intelletwali, bħal ma hu x-xogħol tad-disinn, jistgħu ma jkunux l-oġġett ta' bejgħ bl-irkant elettroniku;

"Bord ta' l-Appelli" tfisser il-Bord li hemm it-tifsira tiegħu fir-regolament 33;

"Bordijiet ta' Deċiżjoni Dipartimentali" tfisser bordijiet jew kumitati maħtura mill-awtoritajiet kontraenti bil-għan li jaġġudikaw offerti riċevuti u għall-għemil ta' rakkomandazzjonijiet dwarhom;

"Direttur" tfisser il-Kap tad-Dipartiment tal-Kuntratti;

"djalogu kompetittiv" tfisser proċedura li fiha operatur ekonomiku jista' jitlob li jipparteċipa u li biha l-awtorità kontraenti twettaq djalogu mal-kandidati li ġew mdaħħla f'dik il-proċedura, bil-għan li tiġi żviluppata alternattiva adatta waħda jew aktar li jkunu kapaċi li jilqgħu l-kondizzjonijiet meħtieġa, u li fuq dik il-bażi l-kandidati magħżula jkunu mistiedna li jitfgħu l-offerta. Għall-finijiet ta' l-użu tal-proċedura, kuntratt pubbliku jitqies li huwa "partikolarment kumpless" fejn l-awtoritajiet kontraenti m'humiex kapaċi oġġettivament li jiddefinixxu l-mezzi tekniċi skond ir-regolament 45(2)(b), (ċ) jew (d), li huma kapaċi li jissodisfaw il-bżonnijiet jew l-miri tagħhom, u, jew mhumiex kapaċi oġġettivament li jispeċifikaw il-formazzjoni legali u, jew finanzjarja tal-proġett;

"fornitur" tfisser persuna naturali jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' dawk il-persuni u, jew korpi li joffru servizzi fis-suq;

"ftehim qafas" tfisser ftehim bejn xi waħda jew aktar mill-awtoritajiet kontraenti u xi wieħed jew aktar mill-operaturi ekonomiċi, li jkollu l-għan li jistabbilixxi l-pattijiet, b'mod partikolari dwar il-prezzijiet u, meta jkun xieraq, il-kwantità prevista, li jirregola l-kuntratti li għandhom jingħataw matul xi żmien partikolari;

"ġranet tax-xogħol" tfisser ġranet tax-xogħol f'Malta;

"intrapriża assoċjata" tfisser kull intrapriża li fuqha intrapriża li tkun ingħatat konċessjoni ta' xogħlijiet tista' teżerċita, direttament jew indirettament influwenza dominanti jew li tista' teżerċita influwenza dominanti fuq il-konċessjonarju jew li, flimkien mal-konċessjonarju, tkun soġġetta għall-influwenza dominanti ta' intrapriża oħra bis-saħħa li tkun proprjetarja, tal-parteċipazzjoni finanzjarja jew tar-regoli li jirregolawha. Għandu jitqies li jkun hemm influwenza dominanti minn naħa ta' xi intrapriża meta, direttament jew indirettament, għar-rigward ta' intrapriża oħra, dik l-intrapriża:

(a) jkollha l-maġġoranza tal-kapital sottoskritt ta' l-intrapriża, jew

(b) tkun tikkontrolla l-maġġoranza tal-voti marbutin ma' l-ishma maħruġa mill-intrapriżi; jew

(ċ) tista' taħtar aktar minn nofs tal-korp intraprendenti amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju;

"intrapriża pubblika" tfisser kull intrapriża li fuqha l-awtorità kontraenti tista' direttament jew indirettament teżerċita influwenza dominanti għaliex tkun proprjetarja tagħha, permezz tal-parteċipazzjoni finanzjarja fiha, jew minħabba fir-regoli li jirregolawha. Jitqies li jkun hemm influwenza dominanti minn naħa ta' l-awtorità kontraenti meta dawn l-awtoritajiet, direttament jew indirettament, għar-rigward ta' intrapriża -

(a) ikollhom fil-kontroll tagħhom il-parti l-kbira tal-kapital sottoskritt ta' l-intrapriża, jew

(b) ikunu jikkontrollaw l-parti l-kbira tal-voti konnessi ma' ishma maħruġa mill-intrapriża, jew

(ċ) jistgħu jaħtru iżjed minn nofs il-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' l-intrapriża;

"kandidat" tfisser operatur ekonomiku li fittex stedina biex jipparteċipa fi proċedura ristretta jew negozjata jew fi djalogu kompetittiv;

"kompetizzjoni dwar id-disinn" tfisser dawk il-proċeduri li bihom l-awtorità kontraenti tista' takkwista, prinċipalment fl-oqsma ta' l-ippjanar ta' żoni, l-arkitettura u l-inġinerija ċivili, jew ta' l-ipproċessar ta' l-informazzjoni, xi pjan jew disinn li jintgħażel minn korp wara li ssir kompetizzjoni dwaru li tista' jew ma tistax tkun marbuta ma' l-għoti ta' premjijiet;

"konċessjonarju" tfisser persuna li tkun ingħatat konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi;

"konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi" tfisser kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi, ħlief għall-fatt li l-korrispettiv għax-xogħlijiet li jkunu ser isiru jkun jikkonsisti jew unikament fil-jedd li tiġi sfruttata l-kostruzzjoni jew f'dak id-dritt flimkien mal-ħlas;

"korp ċentrali għall-akkwisti" tfisser id-Dipartiment tal-Kuntratti;

"korp regolat bid-dritt pubbliku" tfisser kull korp:

(a) stabbilit għall-għan speċifiku li jilħaq l-esiġenzi li jinqalgħu fl-interess ġenerali, mingħajr ma jkollu ebda xeħta industrijali jew kummerċjali; u

(b) li għandu personalità ġuridika; u

(ċ) iffinanzjat, mill-biċċa l-kbira, mill-Istat, jew awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku; jew soġġett għas-supervizzjoni manigerjali minn dawk il-korpi, jew li għandu bord amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu huma maħtura mill-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku;

"Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti" tfisser il-Kumitat li hemm it-tifsira tiegħu fir-regolament 8;

"Kumitati tal-Kuntratti" tfisser il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti u, jew il-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti;

"Kumitat Speċjali tal-Kuntratti" tfisser il-Kumitat li hemm it-tifsira tiegħu fir-regolament 9;

"il-Kummissjoni " tfisser il-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea;

"kuntratt ta' konċessjoni ta' servizzi pubbliċi" tfisser kuntratt ta' servizzi pubbliċi ħlief għall-fatt li l-korrispettiv għas-servizzi li jkunu ser jingħataw ikun unikament jikkonsisti fid-dritt ta' sfruttament ta' l-għoti tas-servizz lill-pubbliku jew f'dan id-dritt flimkien ma' ħlas;

"kuntratt ta' provvista pubblika" tfisser kuntratt pubbliku li ma jkunx kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi li jkollu bħala l-għan tiegħu x-xiri, is-self, il-kiri jew il-*hire-purchase*, sew jekk bl-għażla jew mingħajrha li jsir ix-xiri, ta' prodotti. Kuntratt pubbliku li jkollu bħala l-għan tiegħu l-provvista ta' prodotti u li jkopri wkoll, bħala materja inċidentali, s-sejbien ta' sit u l-istallazzjoni jitqies bħala kuntratt ta' provvista pubblika;

"kuntratt pubbliku" tfisser kuntratt b'interess ta' flus li jsir bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar u li jkollu bħala għan l-esekuzzjoni ta' xogħlijiet, il-provvista ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi kif imfissra f'dan ir-regolament;

"kuntratt għal servizzi pubbliċi" tfisser kuntratt pubbliku barra minn kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi jew kuntratt għall-provvisti li

għandhom bħala l-għan tagħhom l-għoti tas-servizzi msemmija fi Skedi 6 u 7. Kuntratt pubbliku li għandu bħala l-għan tiegħu sew il-prodotti kif ukoll is-servizzi fl-ambitu ta' Skedi 6 u 7 jitqies bħala kuntratt għal servizzi pubbliċi jekk il-valur tas-servizzi in kwistjoni jaqbeż dak tal-prodotti koperti bil-kuntratt. Kuntratt pubbliku li għandu bħala l-għan tiegħu servizzi skond it-tifsira ta' Skedi 6 u 7 u li jinkludi attivitajiet skond it-tifsira ta' Skeda 5 li huma biss inċidentali għall-għan prinċipali tal-kuntratt jitqies bħala kuntratt għal servizzi pubbliċi;

"kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi" tfisser kuntratt li l-għan tiegħu huwa jew l-eżekuzzjoni, jew kemm l-eżekuzzjoni u d-disinn, ta' xogħlijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' xi attività msemmija fi Skeda 5, jew xi xogħol, kif imfisser f'dan ir-regolament, jew ir-realizzazzjoni b'kull mezz li jkun, ta' xi xogħol li jkun jikkorrispondi mal-ħtiġiet speċifikati mill-awtorità kontraenti;

"kuntratti diretti" tfisser kuntratti li jingħataw mingħajr il-ħtieġa minn qabel ta' kompetizzjoni;

"kuntrattur" tfisser persuna naturali jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' dawk il-persuni u, jew korpi li joffru fis-suq l-esekuzzjoni ta' xogħlijiet u, jew xi xogħol;

"limiti stabbiliti" tfisser l-ammonti elenkati fi Skeda 8 u stabbiliti skond ir-regolament 11;

"mezzi elettroniċi" tfisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluż kompressar diġitali) u l-ħażna ta' informazzjoni li hija trasmessa, mwassla u riċevuta bil-fili, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettromanjetiċi;

"miktub" jew "bil-miktub" tfisser kull espressjoni li tikkonsisti fi kliem jew figuri u li tista' tinqara', tiġi riprodotta u komunikata sussegwentement. Jista' ikun fiha informazzjoni li tiġi trasmessa u tinħażen b'mezzi elettroniċi;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"offerent" tfisser operatur ekonomiku li jkun ippreżenta offerta;

"offerta dipartimentali" tfisser offerti maħruġa minn awtoritajiet kontraenti konformi mat-Taqsima II;

"offerta mhux konformi" tfisser offerta li ma tkunx tikkonforma mal-pattijiet u l-kondizzjonijiet speċifikati fl-avviż jew fl-avviż ta' l-UE biex isiru offerti jew fid-dokumenti ta' l-offerta nnifishom;

"operatur ekonomiku" tkopri ugwalment il-kunċetti ta' kuntrattur, ta' fornitur u ta' min jipprovdi s-servizz;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż li mhuwiex membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"proċeduri miftuħa" tfisser dawk il-proċeduri li bihom kull operatur ekonomiku interessat jista' jagħmel l-offerti tiegħu;

"proċeduri negozjati" tfisser dawk il-proċeduri li bihom l-awtoritajiet kontraenti jikkonsultaw ma' l-operaturi ekonomiċi li jagħżlu huma stess u jinnegozjaw il-pattijiet ta' kuntratt ma' xi wieħed jew aktar minnhom;

"proċeduri ristretti" tfisser dawk il-proċeduri li operatur ekonomiku jista' jitlob li jipparteċipa fihom u li bihom ikunu biss dawk l-operaturi ekonomiċi li jiġu mistednin mill-awtoritajiet kontraenti li jkunu jistgħu jagħmlu l-offerti tagħhom;

"provditur ta' servizzi" tfisser persuna naturali jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' dawk il-persuni u, jew korpi li joffru servizzi fis-suq;

"Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi" tfisser ir-Regolamenti ta' l-2005 dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur ta' l-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali;

"sejħa għall-offerti" tfisser kompetizzjoni għall-għoti ta' kuntratt pubbliku magħmula wara avviż formali jew avviż ta' l-UE;

"sistema dinamika ta' xiri" hija proċess kompletament elettroniku biex isir xiri komuni, li l-karatteristika tiegħu, hekk kif ikun ġeneralment disponibbli fis-suq, tosserva l-kondizzjonijiet meħtieġa ta' l-awtorità kontraenti, li huwa limitat fiż-żmien u miftuħ matul il-validità tiegħu għal kull operatur ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' l-għazla u li jkun tefa' offerta indikattiva li tikkonforma ma' l-ispeċifikazzjoni;

"speċifikazzjonijiet tekniċi" għandha t-tifsira mogħtija lilha skond l-artikolu 45;

"Stat Membru" tfisser stat membru tal-Komunitajiet Ewropej kif imfisser fil-kelma "Kummissjoni" f'dawn ir-regolamenti;

"stat rilevanti" tfisser stat li miegħu l-Unjoni Ewropea tkun għamlet ftehim dwar akkwisti pubbliċi inklużi b'mod partikolari l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, Ftehim Ewropej, kull ftehim bilaterali u, meta dan ikun japplika, il-Ftehim dwar l-Akkwisti

Pubbliċi ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

"VAT" tfisser taxxa fuq il-valur miżjud skond l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; Kap 406.

"il-vokabolarju komuni dwar l-akkwisti pubbliċi" jew "CPV" jistabbilixxi n-nomenklatura ta' referenza applikabbli għall-kuntratti pubbliċi. Fl-eventwalità ta' interpretazzjonijiet diversi minħabba d-differenzi possibbli bejn il-CPV u n-nomenklaturi ta' l-NACE jew bejn in-nomenklaturi tal-CPV u l-CPC (versjoni provviżorja), in-nomenklatura tal-NACE jew tal-CPC rispettivament jieħdu preċedenza;

"xogħol" tfisser l-eżitu finali ta' xi xogħlijiet ta' bini jew inġinerija ċivili meħuda fl-intier tagħhom li hu biżżejjed fih innifsu biex iwettaq funzjoni ekonomika u teknika.

Għan.

3. Dawn ir-regolamenti għandhom jipprovdu għar-regolamentazzjoni ta' kuntratti pubbliċi mogħtijin minn awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 1 u kategorizzati fi Skeda 2 u fi Skeda 3.

Ebda diskriminazzjoni u kunfidenzjalità.

4. (1) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn operaturi ekonomiċi, u li l-operaturi ekonomiċi kollha jiġu trattati b'mod ugwali u bi trasparenza kull meta ssir sejħa għal offerti ikun x'ikun il-valur stmat tagħhom.

(2) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn intrapriżi li jkunu qegħdin jallegaw xi ħsara fil-kuntest ta' proċedura għall-għoti ta' kuntratt bħala riżultat tad-distinzjoni li ssir b'dan ir-regolament bejn regoli nazzjonali li jimplimentaw id-Dritt Komunitarju u regoli oħra nazzjonali.

(3) Id-disposizzjoni tar-regolament 34(2) għandha tapplika għall-awtoritajiet kontraenti kollha irrispettivament mill-valur tal-kuntratt.

4) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jirrispettaw għalkollox ix-xorta konfidenzjali ta' kull informazzjoni mogħtija minn operaturi ekonomiċi. Din l-informazzjoni tinkludi, b'mod partikolari, sigrieti tekniċi jew tan-negozju u l-aspetti konfidenzjali ta' l-offerti:

Iżda dan ikun mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet f'dan ir-regolament li għandhom x'jaqsmu ma' l-obbligi dwar ir-reklamar ta' kuntratti mogħtija u l-informazzjoni mogħtija lill-kandidati u lill-offerenti skond dan ir-regolament u skond il-liġi.

(5) Fil-kuntest ta' l-għoti ta' speċifikazzjonijiet tekniċi lil kandidati u offerenti li jkollhom interess, tal-kwalifika ta' kandidati u

l-għażla ta' offerenti u ta' l-għoti ta' kuntratti, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jimponu ħtiġiet bil-għan li jħarsu x-xorta konfidenzjali ta' l-informazzjoni li huma jagħmlu disponibbli.

Direttur tal-Kuntratti.

5. (1) Ikun hemm Direttur tal-Kuntratti li jkun responsabbli għat-tmexxija tad-Dipartiment tal-Kuntratti u ġeneralment għall-amministrazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist kif stipulati f'dawn ir-regolamenti.

(2) Kemm-il darba ma jiġix xort'oħra provdut f'dawn ir-regolamenti, id-Direttur tal-Kuntratti jkollu l-funzjoni li -

(a) jistabbilixxi u, jew japprova l-kondizzjonijiet ġenerali ta' dokumenti ta' l-offerti;

(b) jawtorizza diverġenzi minn kondizzjonijiet *standard* skond ir-regolamenti hawn isfel stabbiliti u li jistgħu jiddaħħlu fid-dokumenti ta' l-offerti;

(ċ) jiżgura li l-kondizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerti ma jkunux jagħtu xi vantaġġ jew żvantaġġ mhux dovut lil xi offerent partikolari u lil xi persuna li jkollha jew li darba kellha interess f'li tikseb xi kuntratt pubbliku partikolari;

(d) jordna li jittawwal il-perjodu għall-għemil ta' offerti fil-każ ta' xi sejħa għal offerti msemmija f'dawn ir-regolamenti jekk huwa jqis li dik l-estensjoni tkun ġustifikata fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

(e) jifli u japprova, b'xi tibdil jew mingħajru, dokumenti ta' l-offerti, qabel ma dawn jinħarġu u jiġu pubblikati;

(f) jiżgura li dawn ir-regolamenti jkunu osservati mill-partijiet kollha involuti;

(g) jistabbilixxi u jirregola l-proċedura li għandha tiġi osservata matul il-laqgħat tal-Kumitat tal-Kuntratti u l-Bordijiet ta' Deċiżjoni Dipartimentali, u fil-waqt tal-ħruġ u l-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal offerti, id-dħul ta' l-offerti, il-ftuħ ta' l-offerti, l-eżami ta' l-offerti u l-għoti ta' kuntratti skond ir-regoli stabbiliti f'dawn ir-regolamenti;

(h) jikseb informazzjoni mingħand l-awtoritajiet elenkati fi Skeda 1 li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti dwar l-għoti ta' kuntratti li l-valur tagħhom ikun ta' inqas minn Lm 20,000 inklużi iżda mhux limitati għal ordnijiet ta' varjazzjoni, penalitajiet, imposti jew rimessi, u ġeneralment

skond ma jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex ikun jista' jiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti;

(i) japprova, skond ma jkun adatt, kif previst fit-Taqsima VIII, varjazzjonijiet li jkunu jolqtu l-valuri oriġinali ta' kuntratti b'iżjed minn 5 fil-mija;

(j) japprova estensjonijiet fil-perjodu kemm idumu l-kuntratti li jiġu mogħtija minnu jekk huwa jqis li ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jitolbu fl-interess pubbliku;

(k) jidentifika u jimplimenta mezzi adatti biex ikun jista' jissorvelja l-eżekuzzjoni kif suppost ta' kuntratti mogħtija minnu u, bil-parir tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti, jimponi jew jagħti lura, kif ikun xieraq, penalitajiet u danni dovuti fuq dawk il-kuntratti;

(l) jipproċedi u jiddefendi kull proċediment ġudizzjarju jew ta' arbitraġġ li jistgħu jkunu meħtieġa dwar xi kuntratt mogħti minnu;

(m) (i) joħroġ sejħiet għal offerti u jagħti kuntratti perjodiċi għall-forniment ta' tagħmir, provvisti, xogħlijiet jew servizzi li jkunu ta' xorta ta' użu komuni għall-awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 2; u

(ii) javża perjodikament lill-Kapijiet ta' Dipartimenti bil-prezzijiet u l-kondizzjonijiet li jkunu japplikaw, u l-proċedura li għandha tiġi adottata fl-akkwist ta' dak it-tagħmir, provvisti, xogħlijiet jew servizzi:

Iżda l-Kapijiet ta' Dipartimenti għandhom jakkwistaw dak it-tagħmir, provvisti, xogħlijiet jew servizzi direttament mingħand il-kuntrattur skond dawk il-kondizzjonijiet u proċeduri li jkunu avżati mid-Direttur kif hawn previst;

(n) jagħmel regolamenti dwar l-għoti ta' offerti f'isem u għall-Gvern ta' Malta għar-rigward ta' awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 2:

Iżda l-awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 2 għandhom -

(i) iħejju d-dokumenti ta' l-offerti;

(ii) jagħmlu kull ħlas dwar l-offerta mogħtija; u

(iii) jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' l-offerta;

(o) jippubblika fil-Gazzetta avviż dwar l-għotjiet kollha dwar offerti inklużi l-varjazzjonijiet barra mil-limiti tal-kondizzjonijiet ta' l-offerta, fi żmien sitt xhur mill-għoti tagħhom.

Rimedji - Kompetenza tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

6. (1) Id-Dipartiment tal-Kuntratti jkun responsabbli għall-għoti ta' rimedji qabel il-kuntratt lil kandidati u offerenti u lil kull min ikollu jew darba kellu xi interess f'li jikseb xi kuntratt pubbliku partikolari għar-rigward tal-kuntratti pubbliċi kollha jkun xi jkun il-valur tagħhom. Dawk ir-rimedji għandhom jingħataw mid-Direttur tal-Kuntratti jew minn xi uffiċjal ieħor fid-Dipartiment tal-Kuntratti kif debitament awtorizzat mid-Direttur.

(2) Skond dan ir-regolament id-Direttur għandu:

(a) jieħu, ma' l-ewwel opportunità, miżuri temporanji bil-għan li jikkorreġi xi ksur allegat jew jipprevjeni kull ħsara ulterjuri fl-interessi inkwistjoni, inklużi miżuri biex jissospendi jew jiżgura s-sospensjoni tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku jew l-implimentazzjoni ta' kull deċiżjoni li tittieħed mill-awtorità kontraenti:

Iżda fl-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat, id-Direttur jista' jqis il-konsegwenzi probabbli tal-miżuri għal kull ħaġa li x'aktarx li ssirilha ħsara, kif ukoll l-interess pubbliku, u jista' jiddeċiedi li ma jagħtix dawk il-miżuri meta l-konsegwenzi negattivi tagħhom ikunu jistgħu jeċċedu l-benefiċċji tagħhom:

Iżda wkoll deċiżjoni li ma jingħatawx miżuri temporanji ma għandha tippreġudika ebda pretensjoni oħra ġejja mill-persuna li tkun qed tfittex li tikseb dawn il-miżuri;

(b) jew iwarrab jew jiżgura li jitwarrbu deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu b'mod mhux leġittimu, inkluża t-tneħħija ta' speċifikazzjonijiet diskriminatorji ta' xorta teknika, ekonomika jew finanzjarja fl-istedina għal offerta, fid-dokumenti tal-kuntratt jew f'xi dokument ieħor li jirrigwarda l-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt;

(ċ) ma' l-ewwel opportunità, jieħu miżuri li ma jkunux dawk li hemm provdut dwarhom fil-paragrafi (a) u (b) bil-għan li jiġi korrett kull ksur identifikat u li tiġi prevjenuta ħsara għall-interessi inkwistjoni u jirrapporta lill-Ministru dwar każijiet meta awtorità kontraenti tonqos milli tikkoreġi xi ksur b'risposta għall-istruzzjonijiet tiegħu;

(d) fil-każ ta' tħassir ta' sejħa għall-offerti, id-Direttur ikollu l-awtorità jordna r-rimbors tan-nefqa mġarrba minn xi offerent u minn kull min ikollu jew darba kellu xi interess f'li jikseb xi kuntratt pubbliku partikolari fil-ksib ta' kopja tad-dokumenti ta' l-offerta jew, jekk l-offerta tkun ser tinħareġ mill-ġdid, li jiżgura li dak l-offerent u kull min ikollu jew darba kellu xi interess f'li jikseb xi kuntratt pubbliku partikolari, jikseb id-dokument ta' l-offerta ġdid mingħajr ebda ħlas.

(3) Id-deċiżjonijiet tad-Direttur skond is-subregolament (2) għandhom jiġu riprodotti bil-miktub fil-Gazzetta u għandhom ikunu jindikaw il-motivazzjonijiet li dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet fuqhom.

(4) Kull persuna interessata li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni li tittieħed mid-Direttur tal-Kuntratti skond dan ir-regolament tista', dwar punt ta' liġi, tappella quddiem il-Qorti ta' l-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri) kif kostitwita skond l-artikolu 41(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz ta' rikors li jiġi ppreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti fi żmien tletin ġurnata tax-xogħol minn meta dik id-deċiżjoni tkun saret pubblika. Kap. 12.

7. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni u ta' kull ordni jew direttiva li tingħata mill-Ministru - Diskrezzjoni li ssir riferenza. Kap. 249.

(a) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaċċetta jew jiċħad ir-rakkomandazzjonijiet tal-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għall-aċċettazzjoni jew ir-rifjut ta' xi offerta;

(b) meta -

(i) id-Direttur ma jkunx jaqbel ma' xi rakkomandazzjoni tal-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti; jew

(ii) xi rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti tkun tidifferixxi minn dik ippreżentata mid-Dipartiment jew minn xi korp ieħor li għalih għandu jsir l-akkwist,

id-Direttur jista' jirreferi l-kwistjoni għad-deċiżjoni tal-Ministru:

Iżda d-Direttur għandu dejjem jirreferi kull ħaġa li dwarha ma jkunx jaqbel mal-parti l-kbira tal-membri ta' Kumitat Speċjali tal-Kuntratti għad-deċiżjoni tal-Ministru;

(ċ) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jirreferi kull ħaġa għad-deċiżjoni tal-Ministru iżda kull deċiżjoni li tittieħed mill-Ministru taħt l-Att dwar l-Interpretazzjoni jew wara xi riferenza li ssirlu mid-Direttur u li jkollha influwenza diretta fuq l-għoti ta' xi kuntratt mid-Direttur lil xi offerent partikolari ma għandha b'ebda mod iċċaħħad il-jedd ta' xi kandidat jew offerent u ta' kull min ikollu jew darba kellu xi interess f'li jikseb xi kuntratt pubbliku partikolari milli jirrikorri għall-proċeduri dwar l-appelli li hemm previsti f'dawn ir-regolamenti.

Kap. 249.

(2) Kull ħaġa li tiġi riferita għad-deċiżjoni tal-Ministru għandha tiġi hekk riferita bil-miktub u d-deċiżjoni tal-Ministru għandha bl-istess mod tiġi komunikata bil-miktub.

Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali.

8. (1) Ikun hemm Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali li jkollu l-membri tiegħu li jinħatru mill-Prim Ministru b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet kif jistgħu jiġu speċifikati fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

(2) Il-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali jinħatru għal żmien stabbilit ta' mhux iktar minn tliet snin, u jistgħu jerġgħu jiġu maħtura.

(3) Kull membru tal-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali jista', matul iż-żmien li jkun qed jokkupa l-kariga, jitneħħa mill-Prim Ministru jekk huwa jkun sodisfatt li kien hemm każ ċar ta' mġieba ħażina minn dak il-membru jew li dak il-membru ma jkunx kapaċi jwettaq il-funzjonijiet tiegħu jew meta jkunu jeżistu dawk iċ-ċirkostanzi li kieku kienu jiskwalifikaw lil dak il-membru milli jibqa' membru tal-Kumitat tal-Kuntratti.

(4) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IX għandhom japplikaw għall-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali.

Kumitat tal-Kuntratti Speċjali.

9. (1) Meta l-Prim Ministru jistabbilixxi li l-eżami ta' offerti għall-għoti ta' xi kuntratt partikolari jkun jeħtieġ xi maestrija, sengħa jew attributi speċjali oħra, huwa jista' jaħtar Kumitat tal-Kuntratti Speċjali sabiex ikun jista' jingħata dak il-kuntratt pubbliku.

(2) Il-membri ta' Kumitat tal-Kuntratti Speċjali għandhom jinħatru għaż-żmien li matulu jdum għaddej il-proċess ta' eżami ta' dik is-sejħa għall-offerti partikolari, sakemm tingħata l-offerta jew sakemm id-Direttur tal-Kuntratti jiddikjara li l-għoti tal-kuntratt pubbliku jkun irtirat.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, ir-regolament 8 għandu japplika għall-membri ta' Kumitat tal-Kuntratti Speċjali bħalma japplika għall-membri tal-Kumitat tal-Kuntratti

Ġenerali.

(4) Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IX għandhom japplikaw għall-Kumitat tal-Kuntratti Speċjali.

Kumitat tal-Kuntratti.

10. (1) Il-laqgħat tal-Kumitati għandhom jissejħu miċ-*Chairman* li jippresjedi dawk il-laqgħat. Tliet membri tal-Kumitat tal-Kuntratti jagħmlu *quorum* f'laqgħa ta' dak il-Kumitat.

(2) Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u li jkunu qegħdin jivvotaw. Iċ-*Chairman* għandu, fil-każ li jkun hemm voti indaqs, ikollu dritt għal vot deċiżiv.

(3) Meta jkunu qegħdin jinfetħu l-offerti, il-laqgħat tal-Kumitati tal-Kuntratti jkunu miftuħa għall-pubbliku. L-elenku ta' offerti riċevuti, flimkien mal-prezzijiet rispettivi, ħlief għal offerti magħmulin skond ir-regolament 32, għandhom jitħabbru pubblikament mid-Direttur minnufih wara l-ftuħ u l-iskedar tagħhom.

(4) Il-Kumitati tal-Kuntratti mwaqqfa skond dawn ir-regolamenti għandhom jirregolaw il-proċedimenti tagħhom infushom, kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'dawn ir-regolamenti. Iċ-*Chairman* ta' kull kumitat mwaqqaf bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti jkollu vot deċiżiv.

(5) Il-Kumitati tal-Kuntratti jkollhom il-funzjoni li jgħinu lid-Direttur fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu skond dawn ir-regolamenti. Fit-twettieq tal-funzjonijiet tagħhom, il-Kumitati tal-Kuntratti għandhom jiġu regolati b'mod ġenerali bid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u b'mod partikolari bid-disposizzjonijiet tat-Taqsima X.

Limiti stabbiliti.

11. Il-Ministru għandu, minn żmien għal żmien b'regolamenti, jistabbilixxi l-limiti stabbiliti li japplikaw taħt dawn ir-regolamenti. Dawk il-limiti stabbiliti għandhom ikunu daqs, u kategorizzati bl-istess mod, bħal-limiti stabbiliti konformement mad-Direttivi ta' l-Unjoni Ewropea rilevanti kif pubblikati minn żmien għal żmien fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Htieġa ta' approvazzjoni qabel il-ħruġ u l-pubblikazzjoni ta' offerti.

12. Meta awtorità kontraenti tkun bi ħsiebha toħroġ sejħa għall-offerti li twassal għall-għoti ta' kuntratt pubbliku, li l-valur stmat tiegħu jkun jinkwadra fid-disposizzjonijiet tar-regolament 14(b) u (ċ), għaldaqstant l-awtorità kontraenti għandha qabel il-ħruġ u l-pubblikazzjoni tas-sejħa tibgħat kopja tad-dokument ta' l-offerta lid-Direttur inkluża kull dokumentazzjoni oħra rilevanti u ta' sostenn.

Rapport annwali.

13. (1) Id-Direttur tal-Kuntratti għandu, sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara tmiem kull sena finanzjarja, jagħmel u jibgħat

lill-Ministru rapport li jkun jittratta b'mod ġenerali dwar il-ħidma tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti, il-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti u l-Bord ta' l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi matul is-sena finanzjarja li jkun qed isir ir-rapport dwarha. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jipprovdi dettalji li jirrigwardaw appelli ppreżentati mill-kandidati u l-offerenti u kull min ikollu jew darba kellu xi interess f'li jikseb xi kuntratt pubbliku partikolari skond dawn ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti u l-Bord ta' l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi skond ma jkun il-każ.

(2) Il-Ministru għandu jqiegħed kopja ta' kull rapport annwali bħal dak fuq il-Mejda tal-Kamra ma' l-ewwel opportunità li jkollu.

Applikabilità.

14. Mingħajr preġudizzju għall-applikabilità tad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, kuntratti pubbliċi -

(a) li l-valur stmat tagħhom ma jeċċedix Lm 20,000, jkunu soġġetti għat-Taqsima II;

(b) li l-valur stmat tagħhom jeċċedi Lm 20,000 iżda ma jeċċedix il-limiti stabbiliti, jkunu soġġetti għat-Taqsimiet III u IV;

(ċ) li l-valur stmat tagħhom ikun daqs jew jeċċedi l-limiti stabbiliti, jkunu soġġetti għat-Taqsima IV, V, VI Sezzjoni A, VI Sezzjoni B, VI Sezzjoni Ċ u VII skond ma jkunu japplikaw.

Fil-kalkolu tal-valuri stmati ta' kuntratti pubbliċi l-awtorità kontraenti għandha tħaddem id-disposizzjonijiet stipulati fir-regolament 15.

Regoli dwar il-kalkolu tal-valur stmat li japplika.

15. (1) Fil-kalkolu tal-valur stmat, l-awtorità kontraenti għandha tqis il-valur stmat ta' rimunerazzjoni dovuta lill-offerent li jirbaħ il-kuntratt mingħajr ebda VAT. Din l-istima għandha tqis l-ammont totali stmat, inkluża kull forma ta' għażla u kull tiġdid tal-kuntratt. Meta l-awtorità kontraenti tkun ipprovdiet għal premjijiet jew ħlasijiet għall-kandidati jew offerenti, għandha tqishom meta tikkalkola l-valur stmat tal-kuntratt. L-istima għandha tkun valida fil-mument li fih l-avviż dwar kuntratt jintbagħat jew fil-każijiet fejn dak l-avviż mhux meħtieġ, fil-mument li fih l-awtorità kontraenti tibda' l-proċess ta' l-għoti tal-kuntratt.

(2) Awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jistabbilixxu l-valur stmat ta' kuntratt pubbliku bil-ħsieb li jevitaw l-applikazzjoni, f'parti jew kollha kemm hi, ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Awtoritajiet kontraenti ma għandhom japplikaw ebda

mekkaniżmu, inkluża s-suddiviżjoni ta' kuntratti pubbliċi, li jkollu l-għan li jdur ma' l-applikazzjoni, f'parti jew kollha kemm hi, ta' dawn ir-regolamenti.

(4) (a) Meta xogħol propost jew ix-xiri ta' servizzi jista' jirriżulta f'li jingħataw kuntratti fl-istess waqt fil-forma ta' diversi lottijiet, b'kull lott jkun jifforma s-suġġett ta' kuntratt, għandu jitqies il-valur ta' kull lott bil-għan li jsir il-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt pubbliku u b'hekk l-applikabilità ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda fil-każ ta' servizzi pubbliċi jew kuntratt ta' xogħlijiet, awtoritajiet kontraenti jistgħu jqisu l-lottijiet separati bħala kuntratti separati fir-rigward ta' xi lott li jkollu valur stmat, mingħajr ebda VAT, ta' inqas minn Lm32,000 għal servizzi u Lm400,000 għal xogħlijiet u sakemm il-valur totali ta' dawk il-lottijiet ma jkunx jeċċedi 20 fil-mija tal-valur totali tal-lottijiet kollha.

(b) Meta proposta għall-akkwist ta' provvisti simili tista' tirriżulta f'li jingħataw kuntratti fl-istess waqt fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jitqies il-valur totali stmat ta' dawk il-lottijiet għall-għan li ssir l-istima tal-valur tal-kuntratt. Madankollu, awtoritajiet kontraenti jistgħu jqisu l-lottijiet separati bħala kuntratti separati għal lottijiet li l-valur stmat tagħhom ikun inqas minn Lm32,000 mingħajr ebda VAT sakemm il-kost aggregat ta' dawk il-lottijiet ma jkunx iżjed minn 20 fil-mija tal-valur aggregat tal-lottijiet kollha.

(5) (a) Meta kuntratt ta' provvista pubblika jew kuntratt ta' servizzi pubbliċi jkun kuntratt regolari, serje ta' kuntratti, jew kuntratt li għandu jiġġedded fi żmien stabbilit, il-valur stmat tal-kuntratt pubbliku għandu jiġi stabbilit abbażi ta':

(i) jew il-valur totali aggregat attwali ta' kuntratti simili li jkunu saru matul is-sena fiskali jew it-tnax-il xahar ta' qabel, aġġustati meta jkun possibbli, għal bdil antiċipat fil-kwantità jew fil-valur matul it-tnax-il xahar li jiġu wara l-ewwel kuntratt;

(ii) jew il-valur aggregat stmat matul it-tnax-il xahar li jiġu wara l-ewwel kunsinna jew matul iż-żmien tal-kuntratt, meta dan ikun jeċċedi it-tnax-il xahar:

Iżda l-għażla tal-metodu li jintuża biex jiġi kalkolat il-valur stmat ta' kuntratt pubbliku ma għandhiex issir bil-ħsieb li tiġi evitata l-applikazzjoni ta' l-obbligi aktar oneruži taħt dan ir-regolament.

(b) Meta akkwist propost ta' provvisti jew servizzi ta' l-istess tip jista' jwassal għal kuntratti li jingħataw fl-istess waqt f'biċċiet separati, il-valur stmat ta' l-ammont totali ta' flus ta' dawn il-biċċiet għandu jittieħed bħala l-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat.

(6) Meta kuntratt għal servizzi pubbliċi ma jispeċifikax prezz totali, il-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-valur tal-kuntratt pubbliku għandha tkun:

(a) fil-każ ta' kuntratti pubbliċi għal żmien fiss, meta ż-żmien tagħhom ikun wieħed ta' tmienja u erbgħin xahar jew inqas, bil-valur tal-kuntratt totali għal kemm dan idum;

(b) fil-każ ta' kuntratti pubbliċi għal żmien indefinit, jew li jkollhom żmien ta' iżjed minn tmienja u erbgħin xahar, bil-pagament ta' kull xahar moltiplikat bi tmienja u erbgħin.

(7) Meta kuntratt ta' provvista pubblika jkun dwar xi kirja, kiri jew *hire purchase* ta' prodotti, il-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt ta' provvista pubblika għandha tkun:

(a) fil-każ ta' kuntratti għal żmien fiss, meta ż-żmien tagħhom ikun ta' tnax-il xahar jew inqas, il-valur tal-kuntratt totali jkun għal kemm dan idum, jew, meta ż-żmien jeċċedi tnax-il xahar, il-valur tiegħu totali inkluż il-valur stmat residwu;

(b) fil-każ tal-kuntratti għal żmien indefinit jew f'dawk il-każijiet meta jkun hemm dubju dwar kemm għal kemm żmien ikunu ser idumu l-kuntratti, il-valur ta' kull xahar moltiplikat bi tmienja u erbgħin.

(8) Għal kuntratti ta' servizzi pubbliċi, il-valur li għandu jittieħed bħala bażi biex jiġi kalkolat il-valur stmat ta' kuntratt għandu, fejn ikun adatt, ikun dan li ġej:

(a) dwar servizzi ta' l-assigurazzjoni, il-*premium* li jitħallas;

(b) dwar il-kummerċ bankarju u servizzi finanzjarji oħra, id-drittijiet, il-kummissjonijiet, l-imgħax u kull tip ieħor ta' rimunerazzjoni;

(ċ) dwar kuntratti li jinvolvu xi disinn, id-dritt jew il kummissjoni li għandha titħallas.

(9) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi, l-awtorità kontraenti għandha tqis mhux biss il-valur tax-xogħlijiet iżda wkoll il-valur stmat tal-provvisti meħtieġa

biex jitwettqu x-xogħlijiet li l-awtoritajiet kontraenti jagħmlu disponibbli lill-kuntrattur.

(10) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-valur stmat ta' kuntratt li jinkludi kemm provvisti kif ukoll servizzi, għandu jitqies il-valur totali tal-provvisti u s-servizzi, mingħajr ma jitqiesu l-valuri rispettivi tagħhom. Il-kalkolu għandu jinkludi l-valur ta' sejbien ta' sit u ħidmiet ta' istallazzjoni.

(11) Il-bażi tal-kalkolu tal-valur ta' ftehim qafas u ta' sistema dinamika ta' xiri għandu jkun l-ogħla valur kalkolat mingħajr ebda VAT tal-kuntratti kollha previsti għall-perjodu kollu tal-ftehim qafas jew tas-sistema dinamika ta' xiri.

Ebda applikabilità.

16. (1) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal:

(a) kuntratti pubbliċi regolati b'regoli proċedurali differenti u mogħtija konformement ma' xi ftehim internazzjonali magħmul bejn Malta u xi pajjiż terz wieħed jew aktar li jkopri provvisti jew xogħlijiet maħsuba għall-implimentazzjoni konġunta jew l-isfruttament konġunt ta' proġett mill-Istati firmatarji:

Iżda l-ftehim internazzjonali għandu jkun sar b'mod konformi mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u għandu jkun ġie mgħarraf lill-Kummissjoni;

(b) kuntratti pubbliċi regolati b'regoli proċedurali differenti u mogħtija konformement mal-proċedura partikolari ta' xi organizzazzjoni internazzjonali;

(ċ) kuntratti pubbliċi li jiġu dikjarati sigrieti jew li għandu jkun hemm ma' l-eżekuzzjoni tagħhom miżuri ta' sigurtà speċjali skond il-liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien f'Malta jew meta l-ħarsien tas-sigurtà ta' Malta ikun hekk jeħtieġ;

(d) intrapriżi fi Stat Membru jew pajjiż terz konformement ma' ftehim internazzjonali li jirrigwarda l-istazzjonar ta' truppi u li jirrigwarda l-intrapriżi ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;

(e) kuntratti pubbliċi li l-għan prinċipali tagħhom huwa li jippermettu li l-awtoritajiet kontraenti jipprovdu jew jisfruttaw *networks* pubbliċi ta' telekomunikazzjoni jew li jipprovdu lill-pubbliku servizz wieħed jew aktar ta' telekomunikazzjonijiet;

(f) kuntratti ta' servizzi pubbliċi għax-xiri jew il-kiri, jkunu liema jkunu l-mezzi finanzjarji, ta' art, bini eżistenti jew proprjetà immobbli oħra jew rigward drittijiet fuqhom; madankollu kuntratti ta' servizzi finanzjarji magħmula fl-istess waqt, qabel jew wara l-kuntratt ta' xiri jew kiri, f'kull forma tkun xi tkun, ikunu soġġetti għal dan ir-regolament;

(g) kuntratti ta' servizzi pubbliċi għax-xiri, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-produzzjoni konġunta ta' materjal ta' programmi maħsub għax-xandir minn xandara u kuntratti għal ħin fuq ix-xandir;

(h) kuntratti ta' servizzi pubbliċi għal servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni;

(i) kuntratti ta' servizzi pubbliċi għal servizzi finanzjarji li għandhom x'jaqsmu mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' sigurtajiet jew strumenti finanzjarji oħra, b'mod partikolari operazzjonijiet mill-awtoritajiet kontraenti biex jinġabru flus jew kapital, u servizzi ta' bank ċentrali;

(j) kuntratti ta' servizzi pubbliċi għal kuntratti ta' l-impjieg;

(k) kuntratti ta' servizzi pubbliċi għal servizzi ta' riċerka u żvilupp ħlief dawk fejn il-benefiċċji jmorru esklużivament għand l-awtorità kontraenti għall-użu tagħha fit-tmexxija ta' l-affarijiet tagħha, bil-kondizzjoni li jkun hemm rimunerazzjoni sħiħa mill-awtorità kontraenti għas-servizz provdut.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regolament 64(2), dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kuntratti ta' konċessjoni ta' servizzi pubbliċi.

(3) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kuntratti ta' servizzi pubbliċi mogħtija minn awtorità kontraenti lil awtorità kontraenti oħra jew lil xi assoċjazzjoni ta' awtoritajiet kontraenti abbażi ta' dritt esklużiv li huma jgawdu minnu konformement ma' xi liġi, regolament jew disposizzjoni amministrattiva li hija kompatibbli mat-Trattat tal-KE.

(4) Awtoritajiet kontraenti ma jkollhom ebda obbligu li jagħtu informazzjoni li l-kxif tagħha jitqies kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà ta' Malta.

TAQSIMA II

Regoli li jirregolaw kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom ma jeċċedix Lm 20,000

Applikabilità.

17. Meta l-valur stmat ta' kuntratt pubbliku ma jeċċedix Lm 20,000 għandhom japplikaw biss id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Taqsima I u t- Taqsima II kollha.

Skop.

18. Il-kuntratti pubbliċi kollha, li l-valur stmat tagħhom ma jeċċedix Lm 20,000, għandhom ikunu regolati u amministrati mill-awtorità kontraenti, li għandha madankollu tiżgura li jitħarsu d-disposizzjonijiet kollha applikabbli li jinsabu fit-Taqsima I u t-Taqsima II.

Proċeduri dwar akkwisti pubbliċi għal awtoritajiet kontraenti.

19. (1) Hlief meta l-Ministru jordna jew japprova xort'oħra, il-proċedura għall-akkwist ta' kull tagħmir, provvista, xogħlijiet jew servizzi mill-awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 2 tkun din li ġejja:

(a) meta l-istima tal-valur ma tkunx iżjed minn Lm 1,000 it-tagħmir, il-ħażna, ix-xogħlijiet jew is-servizzi jistgħu jiġu akkwistati mid-dipartiment nnifsu jew wara li jkunu nkisbu l-kwotazzjonijiet jew direttament mis-suq liberu fid-diskrezzjoni tal-Kap tad-Dipartiment wara li jqis xi jkun l-ammont involut, l-urġenza li biha jkun irid isir l-akkwist u r-restrizzjonijiet ta' l-għażla u d-disponibbilità;

(b) meta l-istima tal-valur tkun iżjed minn Lm 1,000 iżda mhux iżjed minn Lm 2,500 kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati mid-dipartiment wara li ssir sejħa għall-offerti, jew wara li jkunu nkisbu l-kwotazzjonijiet, jew direttament mis-suq liberu, wara li jitqies xi jkun l-ammont involut, l-urġenza li biha jkun irid isir l-akkwist u r-restrizzjonijiet ta' l-għażla u d-disponibbiltà, u l-akkwist għandu jiġi approvat mill-Ministru responsabbli għal dak id-dipartiment, jew minn dak il-membru tad-dipartiment skond ma jista' jiġi awtorizzat minn dak il-Ministru;

(ċ) ix-xiri ta' l-istess materjal jew ta' materjal li jkun simili ħafna għalih fi kwantitajiet differenti taħt il-paragrafi (a) u (b) matul perjodu ta' sitt xhur, ma għandux ikun jeċċedi valur totali ta' Lm 10,000;

(d) meta l-istima tal-valur tkun iżjed minn Lm 2,500 iżda mhux iżjed minn Lm 20,000, kull tagħmir, ħażna, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati wara sejħa għall-offerti li ssir mid-dipartiment. Dawk l-offerti għandhom jinfetħu

fil-pubbliku minn tliet uffiċjali anzjani ta' dak id-dipartiment u l-prezzijiet offruti għandhom ukoll jintgħamlu pubbliċi. Id-disposizzjonijiet tar-regolament 27 għandhom ikunu japplikaw għall-eżami ta' l-offerti li jkunu saru:

Iżda l-Ministru jista' b'regolamenti jippermetti li jkun hemm limiti ogħla minn Lm 20,000 sal-limiti stabbiliti, fil-każ ta' xi dipartimenti partikolari, u jista' jawtorizza, kif u meta huwa jqis li jkun hekk adatt, it-twaqqif ta' kumitati għall-akkwisti skond kif hemm provdut f'dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll il-Ministru jista' jippermetti li jiġu approvati varjazzjonijiet, u l-imposizzjoni jew il-maħfra ta' penalitajiet għar-rigward ta' dawk il-kuntratti mill-Ministru li taħtu tkun taqa' r-responsabbiltà għal dak id-dipartiment, li jista' jiddelega l-awtorità tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Parlamentari, lis-Segretarju Permanenti jew lill-Kap tad-Dipartiment.

(2) Kull sitt xhur il-Kap tad-Dipartiment għandu jippubblika fil-Gazzetta elenku sħiħ ta' dawk il-kuntratti dipartimentali kollha li jkun ta u elenku tal-każijiet kollha li jkunu jinkludu varjazzjonijiet li jkunu jeċċedu l-valuri tal-kuntratt oriġinali b'iżjed minn 5 fil-mija. F'dawk il-każijiet id-dettalji għandhom ikunu jinkludu ix-xorta tal-kuntratti, il-valuri tal-kuntratt oriġinali u l-valuri tal-kuntratt finali.

(3) Fil-każijiet kollha li dwarhom l-awtoritajiet elenkati fl-Iskeda 2 ikunu jridu jadottaw il-proċedura ristretta sabiex iwettqu l-akkwist tagħhom taħt dan ir-regolament, ikun meħtieġ il-kunsens minn qabel tad-Direttur tal-Kuntratti.

(4) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1)(d), kuntratti diretti li jkollhom valur li jeċċedi Lm 2,500 jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jingħataw minn xi awtorità kontraenti elenkata fi Skeda 2 wara li dik l-awtorità tikseb minn qabel u bil-miktub l-approvazzjoni tal-Ministru li jista' jiddelega l-awtorità tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Permanenti jew lil kull uffiċjal ieħor anzjan fil-Ministeru tiegħu.

(5) Il-limiti finanzjarji msemmija f'dan ir-regolament jistgħu jiġu mibdula b'ordni tal-Ministru li jiġi ppubblikat b'regolamenti.

(6) Awtoritajiet kontraenti li jkunu qegħdin joperaw skond xi liġi li tagħti setgħa għandhom fl-għoti ta' kuntratti diretti jsegwu l-proċeduri stipulati f'dik il-liġi.

Jedd li jsir ilment.

20. (1) Meta il-valur stmat tal-kuntratt pubbliku jkun jeċċedi Lm 5,000 iżda mhux Lm 20,000 u jkun maħruġ minn Kunsill

Lokali jew minn xi awtorità elenkata fi Skeda 2, kull operatur ekonomiku interessat ikollu jedd jagħmel ilment lill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti skond il-proċedura stipulata f'dawn ir-regolamenti.

(2) L-Awtorità kontraenti jkollha l-obbligu li toħroġ avviż u twaħħal riklam, f'post prominenti fil-fond tagħha, fejn jiġi indikat li jkun ġie mogħti kuntratt pubbliku, l-aspett finanzjarju ta' l-għoti u l-isem ta' l-offerent li jirbaħ il-kuntratt.

(3) Kull operatur ekonomiku interessat li jista' jkun aggravat bl-għoti għandu, fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mill-pubblikazzjoni ta' l-avviż, jippreżenta ittra ta' oġġezzjoni, flimkien ma' depożitu ta' Lm100, lill-awtorità kontraenti, fejn jiddikjara b'mod l-aktar ċar xi jkunu r-raġunijiet għall-ilment tiegħu. L-ittra ta' l-offerent li jkun qed jilmenta għandha titwaħħal man-*notice board* ta' l-awtorità kontraenti u għandha tinġieb għall-attenzjoni ta' l-offerent rakkomandat. L-awtorità kontraenti ma għandhiex titħalla teżegwixxi l-kuntratt matul il-perjodu mogħti biex jiġu preżentati l-appelli. Il-proċess ta' l-għoti għandu jiġi sospiż għal kollox jekk eventwalment isir appell.

(4) Wara li jiskadi l-perjodu permess għall-preżentata ta' l-ilment, l-awtorità kontraenti għandha tibgħat lid-Direttur tal-Kuntratti l-ittra bl-ilment, l-irċevuta għad-depożitu u d-dokumenti kollha li jirrigwardaw il-kuntratt pubbliku inkwistjoni.

(5) Id-Direttur tal-Kuntratti għandu jirreferi l-każ lill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti li għandu jeżamina l-kwistjoni b'mod ġust u ekwu u jiddeċiedi dak l-ilment billi jilqgħu jew jiċħdu. Id-deċiżjoni bil-miktub tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għandha titwaħħal man-*notice board* ta' l-awtorità kontraenti u għandhom jingħataw kopji tagħha lill-partijiet kollha involuti.

(6) Fid-deliberazzjoni tiegħu l-Kumitat ikollu l-awtorità jikseb b'kull mod li jqis xieraq, kull tagħrif ieħor li ma jkunx diġà ġie mogħti mill-awtorità kontraenti. Id-deċiżjoni tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għandha tkun waħda finali u li torbot lill-awtorità kontraenti u lill-operatur ekonomiku interessat li ma għandu jingħata ebda mod ieħor ta' oġġezzjoni.

(7) Id-dokumenti ta' l-offerta li jinħarġu skond din it-Taqsima għandu jkun fihom klawżola li tinforma lill-offerenti li l-għoti tal-kuntratt jkun soġġett għall-jedd li jsir ilment kif hemm previst f'dan ir-regolament, u għandu jkun hemm kopja ta' din il-klawżola fid-dokumenti.

(8) Il-Ministru jkollu l-awtorità jordna b'avviż legali, li l-jedd li jsir ilment kif previst f'dan ir-regolament ikun ukoll disponibbli

għall-awtoritajiet elenkati fi Skeda 3 u li jippreskrivi l-proċedura kif għandu jingħata dak il-jedd li jsir ilment.

TAQSIMA III

Regoli li jirregolaw kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom jeċċedi Lm 20,000 iżda ma jeċċedix il-limiti stabbiliti

Applikabilità.

21. (1) B'żieda ma' din it-Taqsima, it-Taqsimiet I u IV u r-regolamenti 39 sa 41 japplikaw ukoll għal kuntratti pubbliċi meta l-valur stmat ikun jeċċedi Lm20,000 iżda ma jkunx jeċċedi l-limiti stabbiliti:

Iżda l-avviżi dwar il-kuntratt għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta biss u f'dik forma kif jiġi stabbilit mid-Direttur.

(2) Kemm-il darba l-Ministru ma jordnax jew ma japprovax xort'oħra, il-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għandha tkun dik stipulata fit-Taqsimiet I u IV. Il-Ministru jista' jiddelega l-awtorità tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Permanenti jew lil kull uffiċjal anzjan ieħor fil-Ministeru tiegħu.

Regolamentazzjoni.

22. Il-kuntratti pubbliċi kollha, li jkollhom valur stmat li jeċċedi Lm 20,000 iżda ma jeċċedix il-limiti stabbiliti, jkunu soġġetti għall-funzjonijiet regolatorji u oħrajn tad-Dipartiment u tad-Direttur tal-Kuntratti:

Iżda kuntratti pubbliċi li jkunu meħtieġa minn awtorità kontraenti elenkata fl-Iskeda 2 għandhom jinħarġu, jkunu amministrati u stabbiliti mid-Dipartiment tal-Kuntratti, li għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jaġixxi f'isem l-awtorità kontraenti:

Iżda wkoll kuntratti pubbliċi li jkunu meħtieġa minn dawk l-awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 3 għandhom ikunu maħruġa, jiġu amministrati u stabbiliti mill-awtoritajiet kontraenti hemm elenkati bla ħsara għad-disposizzjonijiet stipulati f'dawn ir-regolamenti inkluż, iżda mhux limitat għall-jedd ta' l-appell.

TAQSIMA IV

Regoli komuni għal kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom jeċċedi Lm 20,000

Applikabilità.

23. Din it-Taqsima għandha tapplika għall-kuntratti pubbliċi kollha li l-valur tagħhom jeċċedi Lm 20,000.

Proċeduri ta' għoti

24. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-

regolamenti, l-akkwist pubbliku ta' servizzi, provvisti u xogħlijiet għandu jsir b'kuntratt pubbliku wara sejħa għall-offerti skond dawn ir-regolamenti.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, meta jkun qed jingħata kuntratt pubbliku, awtorità kontraenti għandha tapplika l-proċeduri miftuħa jew ristretti kif imfissra f'dawn ir-regolamenti.

(3) Fiċ-ċirkostanzi speċifiċi li hemm provdut dwarhom espressament fir-regolament 47, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu l-kuntratti pubbliċi tagħhom permezz ta' djalogu kompetittiv.

(4) Fil-każijiet u ċirkostanzi speċifiċi espressament imsemmija fir-regolamenti 58, 59, 65, 66, 71 u 72, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jadottaw proċedura negozjata, bil-pubblikazzjoni jew mingħajr il-pubblikazzjoni ta' l-avviż dwar kuntratt.

(5) Fil-każijiet kollha li dwarhom l-awtoritajiet elenkati fi Skeda 2 jixtiequ jadottaw il-proċedura ristretta jew negozjata biex jitwettaq l-akkwist pubbliku tagħhom, tkun meħtieġa l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur.

(6) Fil-każijiet kollha li dwarhom l-awtoritajiet elenkati fi Skeda 3 jixtiequ jadottaw il-proċedura ristretta jew negozjata biex jitwettaq l-akkwist pubbliku tagħhom, tkun meħtieġa l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministru responsabbli għal dik l-awtorità, jew ta' uffiċjal anzjan f'dak il-Ministeru kif delegat kif imiss bil-miktub mill-Ministru tiegħu biex jagħti dik l-approvazzjoni.

(7) Fi proċeduri u negozjati ristretti b'sejħa għall-kompetizzjoni l-awtoritajiet kontraenti għandhom, abbażi tat-tagħrif li jingħata li jirrigwarda l-pożizzjoni personali tal-kandidat kif ukoll tat-tagħrif u l-formalitajiet meħtieġa għall-finijiet tar-regolament 49, jagħżlu lill-kandidati li jkunu ser jistiednu biex jippreżentaw offerta jew biex jinnegozjaw.

Ftehim qafas.

25. (1) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkonkludu ftehim qafas.

(2) (a) Sabiex jikkonkludu ftehim qafas, l-awtoritajiet kontraenti għandhom josservaw ir-regoli ta' proċedura li jinsabu f'dawn ir-regolamenti għall-fażijiet kollha sa l-għoti tal-kuntratti bażati fuq ftehim qafas. Il-partijiet tal-ftehim qafas jintgħażlu billi jiġu applikati l-kriterji ta' l-għoti skond ir-regolament 27.

(b) Kuntratti bażati fuq ftehim qafas jingħataw skond il-proċeduri stabbiliti fis-subregolamenti (3) u (4). Dawk il-proċeduri

jiġu applikati biss bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-operaturi ekonomiċi li jkunu oriġinarjament jagġmlu parti fil-ftehim qafas.

(c) Meta jingħataw kuntratti bażati fuq ftehim qafas, il-partijiet ma jistgħu taħt ebda ċirkostanza jagħmlu emendi sostanzjali għall-pattijiet stabbiliti f'dak il-ftehim qafas, b'mod partikolari fil-każ imsemmi fis-subregolament (3).

(d) Il-perjodu ta' ftehim qafas ma jistax ikun ta' iżjed minn erba' snin, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati, b'mod partikolari bis-suġġett tal-ftehim qafas.

(e) Awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jużaw ftehim qafas b'mod mhux adatt jew b'xi mod li jostakola, jirrestriġi jew jgħawweġ il-kompetizzjoni.

(3) Meta ftehim qafas isir ma' operatur ekonomiku wieħed, il-kuntratti bażati fuq dak il-ftehim jingħataw fil-limiti tal-pattijiet stabbiliti fil-ftehim qafas. Għall-għoti ta' dawk il-kuntratti, awtoritajiet kontraenti jistgħu jikkonsultaw bil-miktub ma' l-operatur li jkun parti fil-ftehim qafas, u jitolbuh li jissupplimenta l-offerta tiegħu kif ikun meħtieġ.

(4) (a) Meta ftehim qafas isir ma' bosta operaturi ekonomiċi, dawk l-operaturi għandhom għallinqas ikunu tlieta fin-numru, safejn ikun hemm numru suffiċjenti ta' operaturi ekonomiċi biex jissodisfaw il-kriterji ta' l-għażla u, jew ta' offerti aċċettabbli li jkunu skond il-kriterji ta' l-għoti.

(b) Kuntratti bażati fuq ftehim qafas konklużi ma' bosta operaturi ekonomiċi jistgħu jingħataw:

(i) jew billi jiġu applikati l-pattijiet stabbiliti fil-ftehim qafas mingħajr ma terġa' tinfetaħ il-kompetizzjoni;

(ii) jew meta ma jkunux ġew stabbiliti l-pattijiet kollha fil-ftehim qafas, meta l-partijiet jerġgħu jkunu f'kompetizzjoni abbażi ta' l-istess pattijiet li, jekk ikun meħtieġ, jistgħu jiġu formulati b'aktar preċiżjoni, u, fejn ikun adatt, pattijiet oħra msemmija fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ftehim qafas, skond il-proċedura li hemm fil-paragrafu (ċ).

(ċ) (i) Dwar kull kuntratt li għandu jingħata, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jikkonsultaw bil-miktub ma' l-operaturi ekonomiċi li jkunu kapaċi jwettqu l-kuntratt.

(ii) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu terminu perentorju li jkun twil hu biżżejjed biex

jippermetti li jsiru l-offerti għal kull kuntratt speċifiku, filwaqt li jitqiesu fatturi bħal ma huma l-komplessità tas-suġġett tal-kuntratt u taż-żmien meħtieġ biex jintbagħtu l-offerti.

(iii) L-offerti għandhom isiru bil-miktub, u l-kontenut tagħhom għandu jibqa' kunfidenzjali sa meta jiskadi t-terminu ta' żmien stipulat għar-risposti.

(iv) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu kull kuntratt lill-offerent li jkun issottometta l-aħjar offerta abbażi tal-kriterji ta' l-għoti stabbiliti fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ftehim qafas.

Sistemi dinamiċi ta' xiri.

26. (1) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jużaw is-sistema dinamika ta' xiri.

(2) (a) Biex jistabbilixxu sistema dinamika ta' xiri, l-awtoritajiet kontraenti għandhom josservaw ir-regoli tal-proċedura miftuħa fil-fażijiet kollha sa l-għoti tal-kuntratti li jkunu ser isiru taħt din is-sistema. L-offerenti kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' l-għażla u li jkunu għamlu offerta indikattiva li hi konformi ma' l-ispeċifikazzjoni u xi dokumenti oħra addizzjonali jiġu ammessi fis-sistema. Offerti indikattivi jistgħu jinbidlu għall-aħjar f'kull ħin sakemm jibqgħu konformi ma' l-ispeċifikazzjoni.

(b) Bil-ħsieb li jistabbilixxu s-sistema u l-għoti tal-kuntratti taħt dik is-sistema, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jużaw mezzi li jkunu unikament elettroniċi skond ir-regolament 44.

(3) Sabiex tiġi stabbilita sistema dinamika ta' xiri, l-awtoritajiet kontraenti għandhom:

(a) jippubblikaw avviż dwar kuntratt fejn jagħmulha ċara li jkun hemm involuta sistema dinamika ta' xiri;

(b) jindikaw fl-ispeċifikazzjoni, fost affarijiet oħra, in-natura ta' xiri maħsub taħt is-sistema, kif ukoll kull tagħrif neċessarju li jirrigwarda is-sistema tax-xiri, it-tagħmir elettroniku użat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet għall-konnessjoni teknika;

(ċ) joffru permezz ta' mezzi elettroniċi, wara l-pubblikazzjoni ta' l-avviż u sa meta tiskadi s-sistema, aċċess mhux limitat, dirett u sħiħ għall-ispeċifikazzjoni u għal kull dokument addizzjonali u għandhom jindikaw fl-avviż l-indirizz fuq l-internet fejn dawk id-dokumenti jkunu jistgħu jinqraw.

(4) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu lil kull operatur

ekonomiku, matul il-perjodu kollu tas-sistema dinamika ta' xiri, il-possibbilità li jagħmel offerta indikattiva u li jiġi ammess fis-sistema taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolament (2). Għandhom jikkompletaw il-valutazzjoni fi żmien massimu ta' ħmistax-il ġurnata minn meta ssir l-offerta indikattiva. Madankollu, jistgħu jtawwlu l-perjodu ta' valutazzjoni sakemm fil-frattemp ma tinħareġ ebda stedina għal offerti. L-awtorità kontraenti għandha tinforma lill-offerent hawn imsemmi mill-aktar fis possibbli dwar l-ammissjoni tiegħu għas-sistema dinamika ta' xiri jew li l-offerta indikattiva tiegħu tkun ġiet miċħuda.

(5) Kull kuntratt speċifiku għandu jkun suġġett għal stedina għal offerti. Qabel ma joħorġu l-istedina għall-offerti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jippubblikaw avviż simplifikat dwar kuntratt li fih jistiednu l-operaturi ekonomiċi kollha biex jagħmlu offerta indikattiva, skond is-subregolament (4), fi żmien perentorju li ma jistax ikun inqas minn ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha jkun intbagħat l-avviż simplifikat. L-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jgħaddu għall-offerti qabel ma jkunu temmew l-evalwazzjoni ta' l-offerti kollha indikattivi li jkunu rċevew sa dak it-terminu perentorju.

(6) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-offerenti kollha li jkunu ġew ammessi fis-sistema biex jagħmlu offerta għal kull kuntratt speċifiku li jkun ser jingħata taħt is-sistema. Għal dak il-għan għandhom jistabbilixxu terminu perentorju biex isiru l-offerti. Għandhom jagħtu l-kuntratt lill-offerent li jkun għamel l-aħjar offerta abbażi tal-kriterji ta' l-għoti stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt biex titwaqqaf is-sistema dinamika ta' xiri. Dawk il-kriterji jistgħu, jekk ikunu adatti, jiġu formulati b'aktar preċiżjoni fl-istedina hawn imsemmija.

(7) Sistema dinamika ta' xiri ma għandhiex iddum għal aktar minn erba' snin, ħlief f'każijiet eċċezzjonali li jkunu debitament ġustifikati. L-awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jużaw din is-sistema biex jostakolaw, jirrestringu jew jgħawwġu l-kompetizzjoni. Ma jistgħu jintalbu ebda ħlasijiet mingħand operaturi ekonomiċi li jkollhom interess jew mingħand partijiet fis-sistema.

Kriterji dwar l-għoti.

27. (1) Il-kuntratti għandhom jingħataw abbażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-regolament u fir-regolament 28, wara li jitqies ir-regolament 46, wara li tiġi kontrollata mill-awtoritajiet kontraenti l-idoneità ta' l-operaturi ekonomiċi mhux eskluż taħt ir-regolamenti 49 u 51(4) u (5), skond il-kriterji tal-qagħda ekonomika u finanzjarja, tal-konoxxenza jew kapaċità professjonali u tekniċi msemmija fir-regolamenti 35, 50, 51 u 52 u, fejn ikun adatt, skond ir-regoli ta' ebda diskriminazzjoni u ta' kriterji msemmija fis-subregolament (3).

(2) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li l-kandidati u l-offerenti jissodisfaw il-livelli minimi ta' kapaċità skond ir-regolamenti 50 u 51. L-ammont ta' tagħrif imsemmi fir-regolamenti 51 u 52 u l-livelli minimi ta' kapaċità meħtieġa għal kuntratt speċifiku għandhom ikunu relatati u proporzjonati mas-suġġett tal-kuntratt. Għandha ssir referenza għal-livelli minimi fl-avviż dwar kuntratt.

(3) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu l-għoti ta' kuntratti pubbliċi skond dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) l-iktar offerta ekonomika vantaġġuża; jew

(b) l-iktar prezz baxx offrut konformement ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta.

(4) Meta l-għoti jiġi aġġudikat favur l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża, għandhom jitqiesu diversi kriterji li jirrigwardaw il-kuntratt, inklużi imma mhux limitati biss għall-prezz, id-data tal-kunsinna, il-perjodu tal-kunsinna jew il-perjodu tat-tlestija, l-ispejjeż kurrenti, l-effettività tan-nefqa, il-kwalità, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, il-mertu tekniku, il-profittabilità, is-servizz li jingħata wara l-bejgħ u l-assistenza teknika.

(5) Meta l-kuntratt għandu jiġi aġġudikat abbażi ta' l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża, l-awtorità kontraenti għandha tindika, fid-dokumenti tal-kuntratt jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument ta' deskrizzjoni, il-kriterji kollha li tkun bi ħsiebha tapplika sabiex ikun jista' jiġi stabbilit l-għoti, filwaqt li tindika l-importanza relattiva tagħhom:

Iżda l-importanza tista' tiġi espressa billi tingħata medda b'firxa massima adatta:

Iżda wkoll meta, fl-opinjoni ta' l-awtorità kontraenti, ma tistax tingħata dik l-importanza għal raġunijiet li għandhom jingħataw, l-awtorità kontraenti għandha tindika fl-avviż dwar kuntratt jew fid-dokumenti tal-kuntratt jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument ta' deskrizzjoni, il-kriterji ta' importanza f'ordni minn fuq għal isfel.

Konsiderazzjonijiet speċjali li jirrigwardaw regoli li jirregolaw il-kriterji dwar l-għoti.

28. (1) Awtorità kontraenti ikollha jedd tiċħad offerti li jkunu jidhru b'mod xejn normali bħala baxxi għar-rigward tal-ħidma li tkun ser issir, imma tista' titlob lill-offerenti jippreżentaw bil-miktub, dettalji ta' l-elementi kostituttivi ta' l-offerta hija tqis bħala rilevanti u għandha tivverifika dawk l-elementi kostituttivi wara li tqis x'ikunu l-ispjegazzjonijiet li tkun irċeviet.

(2) L-awtorità kontraenti tista' tqis l-ispjegazzjonijiet ta' l-offerent li jirrigwardaw l-ekonomija tal-proċess ta' manifattura, jew is-soluzzjonijiet tekniċi proposti, jew il-kondizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli li jkollha disponibbli, jew l-originalità tal-proposta ta' l-offerent, l-osservanza tad-disposizzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-protezzjoni ta' l-impjiegi u l-kondizzjonijiet tax-xogħol li jkunu fis-seħħ fil-post fen ix-xogħol, is-servizz jew il-provvista ser jitwettqu, u l-possibbiltà li l-offerent jikseb għajnuna statali:

Iżda meta awtorità kontraenti tistabbilixxi li offerta tkun b'mod xejn normali baxxa għax l-offerent ikun kiseb għajnuna statali, l-offerta tista' tiġi miċħuda għal dik ir-raġuni biss wara li ssir konsultazzjoni ma' l-offerent meta l-offerent ma jkunx jista' jagħti prova, f'perjodu ta' żmien biżżejjed stabbilit mill-awtorità kontraenti, li l-għajnuna inkwistjoni tkun ġiet mogħtija skond il-liġi. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lid-Direttur meta jirrifjutaw offerta f'dawn iċ-ċirkostanzi.

(3) Meta d-dokumenti li jirrigwardaw kuntratt pubbliku jkunu jipprovdu dwar l-għoti tiegħu bl-iktar prezz baxx offrut, l-awtorità kontraenti għandha tikkomunika lid-Direttur kull raġuni għal rifjut ta' offerti li hija tqis li jkunu baxxi ħafna.

(4) L-offerti għandhom isiru bil-miktub. Madankollu, meta jiġi hekk awtorizzat mill-awtorità kontraenti, l-offerti jistgħu jiġu preżentati b'kull mezz sakemm -

(a) kull offerta jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex din tkun tista' tiġi valutata;

(b) tinżamm il-kunfidenzjalità ta' l-offerti matul il-perjodu li jkunu qegħdin jiġu valutati;

(ċ) fejn ikun meħtieġ, għal raġunijiet ta' prova legali, dawk l-offerti jiġu konfermati kemm jista' jkun malajr bil-miktub jew billi tintbagħat kopja awtentikata;

(d) l-offerti jinfetħu wara li jkun għadda ż-żmien biex dawn isiru.

Użu ta' bejgħ bl-irkant elettroniku.

29. (1) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jużaw bejgħ bl-irkant elettroniku.

(2) (a) Fi proċeduri miftuħa, ristretti jew negozjati fil-każ imsemmi fir-regolament 38(1), l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li l-għoti ta' kuntratt pubbliku għandu jkun preċedut minn bejgħ bl-irkant elettroniku meta l-ispeċifikazzjonijiet tal-

kuntratt jistgħu jiġu stabbiliti bi preċiżjoni.

(b) Fl-istess ċirkostanzi, bejgħ bl-irkant elettroniku jista' jsir meta terġa' tinfetaħ il-kompetizzjoni bejn il-partijiet fi ftehim qafas kif provdut fir-regolament 25(2)(b) u fil-ftuħ għall-kompetizzjoni ta' kuntratti li għandhom jingħataw taħt is-sistema dinamika ta' xiri msemmija fir-regolament 26.

(ċ) Il-bejgħ bl-irkant elettroniku għandu jkun ibbażat:

(i) jew unikament fuq il-prezzijiet meta l-kuntratt jingħata għall-inqas prezz,

(ii) jew fuq il-prezzijiet u, jew fuq il-valuri ġodda tal-karatteristiċi ta' l-offerenti indikati fl-ispeċifikazzjoni meta l-kuntratt jingħata lill-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża.

(3) Awtoritajiet kontraenti li jiddeċiedu li jagħmlu bejgħ bl-irkant elettroniku għandhom jiddikjaraw dak il-fatt fl-avviż dwar kuntratt. L-ispeċifikazzjonijiet għandu jkun fihom, fost l-oħrajn, id-dettalji li ġejjin:

(a) il-karatteristiċi, li l-valuri tagħhom ser ikunu s-suġġett tal-bejgħ bl-irkant elettroniku, sakemm dawk il-karatteristiċi jistgħu jiġu kwantifikati u espressi f'figuri jew f'perċentwali;

(b) kull limitu fuq il-valuri li jistgħu jiġu preżentati, kif dan jirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet li jirrigwardaw is-suġġett tal-kuntratt;

(ċ) l-informazzjoni li tkun disponibbli għall-offerenti waqt il-bejgħ bl-irkant elettroniku u, fejn ikun adatt, meta din tkun disponibbli għalihom;

(d) l-informazzjoni rilevanti dwar il-proċess tal-bejgħ bl-irkant elettroniku;

(e) il-kondizzjonijiet li taħthom l-offerenti jkunu jistgħu jagħmlu l-offerti u, b'mod partikolari, id-differenzi minimi li jkunu meħtieġa, fejn ikun adatt, meta jsiru l-offerti;

(f) l-informazzjoni rilevanti dwar it-tagħmir elettroniku użat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-konnessjoni.

(4) Qabel ma jgħaddu għal bejgħ bl-irkant elettroniku, l-

awtoritajiet kontraenti għandhom jagħmlu valutazzjoni sħiħa inizjali ta' l-offerti skond kull kriterju ta' l-għoti li jkun ġie stabbilit u skond l-importanza mogħtija lilhom.

L-offerenti kollha li jkunu ssottomettew offerti ammissibbli jiġu mistiedna fl-istess ħin permezz ta' mezzi elettroniċi biex jippreżentaw prezzijiet ġodda u, jew valuri ġodda; l-istedina għandu jkun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha x'taqsam mal-konnessjoni individwali mat-tagħmir elettroniku li jintuża u għandha tiddikjara d-data u l-ħin tal-bidu tal-bejgħ bl-irkant elettroniku. Il-bejgħ bl-irkant elettroniku jista' jsir f'għadd ta' fażijiet waħda wara l-oħra. Il-bejgħ bl-irkant elettroniku ma jistax jibda aktar kmieni minn jumejn tax-xogħol wara d-data li fiha tkun intbagħtet l-istedina.

(5) Meta l-kuntratt ser jingħata abbażi ta' l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża, l-istedina għandu jkollha magħha r-riżultat ta' valutazzjoni sħiħa ta' l-offerent rilevanti, imwettqa skond stima ta' importanza stabbilita fuq medda b'firxa massima adatta. Stedina bħal dik għandha wkoll tiddikjara l-formula matematika li għandha tintuża fil-bejgħ bl-irkant elettroniku sabiex jiġi stabbilit ordni awtomatiku mill-ġdid skond il-prezzijiet ġodda u, jew il-valuri ġodda preżentati. Dik il-formula għandha tinkorpora l-importanza li tingħata lill-kriterji kollha stabbiliti biex tiġi stabbilita l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, kif indikat fl-avviż dwar kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet; għal dak il-għan, il-meded kollha għandhom, madankollu, jitnaqqsu minn qabel għal valur speċifiku. Meta jiġu awtorizzati elementi li jvarjaw, għandha tintuża formula separata għal kull element li jvarja.

(6) Matul kull fażi ta' bejgħ bl-irkant elettroniku l-awtoritajiet kontraenti għandhom mill-ewwel jikkomunikaw lill-offerenti kollha għall-inqas informazzjoni biżżejjed biex jkunu jistgħu jikkonfermaw il-gradwazzjoni tagħhom f'kull waqt. Jistgħu wkoll jikkomunikaw informazzjoni oħra dwar prezzijiet jew valuri oħra preżentati, sakemm dan ikun ġie ddikjarat fl-ispeċifikazzjonijiet. Jistgħu wkoll f'kull waqt iħabbru l-għadd ta' parteċipanti f'dik il-fażi tal-bejgħ bl-irkant. Madankollu, f'ebda każ ma jistgħu jiżvelaw l-identitajiet ta' l-offerenti waqt xi fażi ta' bejgħ bl-irkant elettroniku.

(7) Awtoritajiet kontraenti għandhom jagħlqu bejgħ bl-irkant elettroniku b'xi wieħed jew aktar mill-metodi li ġejjin:

(a) fl-istedina għall-parteċipazzjoni fl-irkant għandhom jindikaw id-data u l-ħin li jkunu ġew stabbiliti bil-quddiem;

(b) meta ma jirċievux aktar prezzijiet ġodda jew valuri ġodda li jkunu josservaw l-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mad-

differenzi minimi. F'dak il-każ, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiddikjaraw fl-istedina għall-parteċipazzjoni fl-irkant iż-żmien li ser iħallu jgħaddi wara li jirċievu l-aħħar sottomissjoni qabel ma jagħlqu l-bejgħ bl-irkant elettroniku;

(ċ) meta l-għadd ta' fażijiet fl-irkant, stabbilit fl-istedina għall-parteċipazzjoni fl-irkant, ikun ġie mitmum.

Meta l-awtoritajiet kontraenti jiddeċiedu li jagħlqu bejgħ bl-irkant elettroniku skond il-paragrafu (ċ), possibbilment flimkien ma' l-arranġamenti stabbiliti fil-paragrafu (b), l-istedina biex wieħed jipparteċipa fl-irkant għandha tindika kalendarju għal kull fażi ta' l-irkant.

(8) Wara li jagħlqu bejgħ bl-irkant elettroniku l-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu l-kuntratt skond ir-regolament 27 abbażi tar-riżultati tal-bejgħ bl-irkant elettroniku. L-awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jużaw ħażin bejgħ bl-irkant elettroniku, u l-anqas ma jistgħu jużawh hekk li jostakolaw, jirrestrinġu jew jgħawwġu l-kompetizzjoni jew jibdlu s-suġġett tal-kuntratt, kif dan ikun deher fis-sejħa għall-offerti u kif imfisser fl-ispeċifikazzjoni.

Appaltar u kondizzjonjiet għat-twettieq.

30. (1) Fid-dokumenti tal-kuntratt, l-awtorità kontraenti tista' titlob lill-offerent jindika fl-offerta tiegħu kull sehem mill-kuntratt li jkun bi ħsiebu jappalta lil terzi u l-ismijiet ta' appaltaturi proposti. Dik l-indikazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà ta' l-offerent.

(2) Fid-dokumenti tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu kondizzjonijiet speċjali li jkollhom x'jaqsmu mat-twettiq tal-kuntratt, sakemm dawn ikunu kompatibbli mal-liġi Komunitarja u jiġu indikati fl-avviż dwar kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-twettiq ta' kuntratt jistgħu, b'mod partikolari, jirrigwardaw konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali.

Offerti konġunti u fi grupp.

31. (1) Gruppi ta' operaturi ekonomiċi jistgħu jippreżentaw offerti jew joffru ruħhom bħala kandidati. Dawn il-gruppi ma jkunu meħtieġa jassumu ebda forma legali speċifika mill-awtoritajiet kontraenti; madankollu, il-grupp magħżul jista' jkun meħtieġ jagħmel dan meta jingħata l-kuntratt, sal-limitu li dik il-bidla tkun meħtieġa biex il-kuntratt ikun jista' jitwettaq b'mod sodisfaċenti.

(2) Fil-każ ta' kuntratti ta' servizz pubbliku u xogħlijiet pubbliċi u kuntratti ta' provvista pubblika li jkopru, b'żjieda, servizz u, jew ta' sejbien ta' sit u ħidmiet ta' istallazzjoni, persuni ġuridiċi jistgħu jkunu meħtieġa jindikaw fl-offerta jew fit-talba biex jipparteċipaw, l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali rilevanti tal-

persunal responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni.

Lottijiet separati.

32. Meta, skond sejħa għal offerti, offerta tkun tikkonsisti f'pakketti separati, għandha tiġi segwita l-proċedura stipulata fit-Taqsima XII.

Bord ta' l-Appelli.

33. (1) Għandu jiġi mwaqqaf Bord ta' l-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi li jkun magħruf bħala l-Bord ta' l-Appelli u li jkun regolat skond it-Taqsima XIV.

(2) Il-Bord għandu l-funzjoni li jittratta u jiddeċiedi dwar ilmenti li jsiru minn min ikollu jew darba kellu interess li jakkwista kuntratt partikolari ta' provvista pubblika, servizz pubbliku jew xogħlijiet pubbliċi u li tkun saritlu jew li jirriskja li ssirlu xi ħsara b'xi ksur allegat minn dawk l-awtoritajiet elenkati fi Skeda 1 u li l-valur tagħhom ikun jeċċedi Lm 20,000, skond il-proċeduri stipulati fit-Taqsimiet XII u XIII.

(3) Kull awtorità kontraenti, elenkata fi Skeda 1, għandha tindika fid-dokumenti ta' l-offerta tagħha li l-għoti tal-kuntratt ikun soġġett għall-proċedura ta' appelli stabbilita f'dawn ir-regolamenti. Id-dokument għandu jkun jinkludi kopja tat-Taqsimiet XII jew XIII, skond ma jkun il-każ, għall-gwida ta' l-offerenti.

Rapporti statistiċi u rapporti oħra.

34. (1) L-awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 3 għandhom, sa mhux aktar tard minn April ta' kull sena, jibgħatu lid-Direttur rapport dwar kull kuntratt pubbliku mogħti minnhom matul is-sena kalendarja ta' qabel. Dan ir-rapport għandu jinkludi, minbarra d-dettalji li hemm fir-regolament 43(4):

(a) il-valur, stmat jekk meħtieġ, tal-korrispettiv li jitħallas taħt il-kuntratt;

(b) jekk tkunx intużat il-proċedura miftuħa, negozjata jew ristretta;

(ċ) jekk tkun intużat il-proċedura ristretta, skond liema proċeduri din tkun intużat;

(d) il-kategorija prinċipali ta' servizz, provvista jew xogħol li għandhom isiru; u

(e) iċ-ċittadinanza tal-persuna li jkun ingħatalha l-kuntratt.

(2) Awtorità kontraenti għandha tibgħat lid-Direttur rapport li jkun fih dak it-tagħrif li d-Direttur jista' minn żmien għal żmien

jeħtieġ dwar xi kuntratt pubbliku partikolari irrispettivament mill-valur tiegħu.

Listi uffiċjali.

35. (1) Operaturi ekonomiċi reġistrati fil-listi uffiċjali ta' pajjiżhom jistgħu, għal kull kuntratt, jippreżentaw lill-awtorità kontraenti ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun fih ir-riferenza li permezz tagħha setgħu jkunu reġistrati fil-lista u l-klassifika li tingħata f'din il-lista.

(2) Ir-reġistrazzjoni awtentikata fil-listi uffiċjali ta' operaturi ekonomiċi mill-korpi kompetenti fi Stati Membri ta' l-UE għandha tikkostitwixxi preżunzjoni ta' adattabilità li tkun tikkorrispondi għall-klassifika ta' l-intrapriża.

(3) Ma jistax jiġi mistħarreġ tagħrif li jista' jkun inferit minn xi reġistrazzjoni fil-listi uffiċjali. Madankollu, dwar il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali, jista' jkun meħtieġ ċertifikat addizzjonali ta' kull intrapriża reġistrata kull meta jiġi offrut xi kuntratt.

(4) L-awtoritajiet kontraenti għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' hawn aktar qabel unikament favur operaturi ekonomiċi stabbiliti fl-Istat Membru li jkollu l-lista uffiċjali.

(5) Meta jkunu qegħdin jiġu reġistrati operaturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra f'lista uffiċjali lokali, ma għandha tintalab ebda prova jew dikjarazzjoni b'żjieda ma' dawk li jkunu meħtieġa mingħand intrapriżi nazzjonali.

TAQSIMA V

Regoli li jirregolaw kuntratti pubbliċi li l-valur tagħhom ikun daqs jew jeċċedi l-limitu stabbilit

Applikabilità.

36. (1) Kuntratti pubbliċi li jkollhom valur stmat daqs il-limitu stabbilit jew li jkun jeċċedih għandhom ikunu regolati bit-Taqsima I, t-Taqsima IV u din it-Taqsima u għandhom jingħataw billi tintuża il-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta jew f'każijiet eċċezzjonali previsti fir-regolamenti 58, 59, 65, 66, 71 u 72, il-proċedura negozjata:

Iżda kuntratti pubbliċi li jkunu meħtieġa minn dawk l-awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 2 għandhom ikunu maħruġa, jiġu amministrati u stabbiliti mid-Dipartiment tal-Kuntratti, li għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jaġixxi f'isimhom; u kuntratti pubbliċi li jkunu meħtieġa minn dawk l-awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 3 għandhom ikunu maħruġa, jiġu amministrati u

stabbiliti mill-awtoritajiet kontraenti hemm elenkati bla ħsara għad-disposizzjonijiet stipulati f'dawn ir-regolamenti.

(2) Din it-Taqsima tapplika wkoll għal kuntratti pubbliċi mogħtija minn awtoritajiet kontraenti fil-qasam tad-difiża, bla ħsara għall-Artikolu 296 tat-Trattat tal-K.E.

Għadd ta' offerenti.

37. (1) (a) Fi proċeduri ristretti, proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt u fi proċedura ta' djalogu kompetittiv, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jillimitaw l-għadd ta' kandidati adatti li jkunu ser jistiednu biex jagħmlu l-offerti, biex jinnegozjaw jew biex ikollhom djalogu magħhom, sakemm ikun hemm għadd biżżejjed ta' kandidati adatti. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jindikaw fl-avviż dwar kuntratt l-għan u l-kriterji ta' ebda diskriminazzjoni jew regoli li jkunu bi ħsiebhom japplikaw, l-inqas għadd ta' kandidati li jkunu bi ħsiebhom jistiednu u, fejn ikun adatt, l-ogħla għadd.

(b) Fi proċedura ristretta l-inqas għadd ikun ta' ħamsa. Fil-proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt u fil-proċedura ta' djalogu kompetittiv, l-inqas għadd ikun ta' tlieta. F'kull każ l-għadd ta' kandidati mistiedna għandu jkun biżżejjed biex jiżgura li jkun hemm kompetizzjoni ġenwina.

(ċ) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jistiednu għadd ta' kandidati mill-inqas ugwali għall-inqas għadd stabbilit min qabel. Meta l-għadd ta' kandidati li jossodisfaw il-kriterji ta' l-għażla u l-livelli minimi ta' abilità jkunu taħt l-inqas għadd, l-awtorità kontraenti tista' tkompli l-proċedura billi tistieden il-kandidati li jkollhom l-kapaċitajiet meħtieġa. Fil-kuntest ta' din l-istess proċedura, l-awtorità kontraenti ma tistax tinkludi operaturi ekonomiċi oħra li ma jkunux talbu biex jipparteċipaw, jew kandidati li ma jkollhomx il-kapaċitajiet meħtieġa.

(2) Meta l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jnaqqsu l-għadd ta' soluzzjonijiet li għandhom jiġu diskussi jew ta' offerti li għandhom jiġu negozjati, kif provdut fir-regolamenti 47(4), 58(4), 65(4) u 71(4), huma għandhom jagħmlu dan billi japplikaw il-kriterji ta' l-għoti ddikjarati fl-avviż dwar kuntratt, fl-ispeċifikazzjonijiet jew fid-dokument ta' deskrizzjoni. Fl-istadju finali, l-għadd stabbilit jitqies bħala li jipprovdi kompetizzjoni ġenwina safejn ikun hemm biżżejjed soluzzjonijiet jew kandidati adatti.

Proċeduri negozjati.

38. (1) Awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratt pubbliku bi proċedura negozjata, wara l-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE fil-każijiet imsemmija fir-regolamenti 58, 65 u 71.

(2) Awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratt pubbliku bi proċedura negozjata, mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE fil-każijiet imsemmija fir-regolamenti 59, 66, u 72.

(3) L-awtoritajiet elenkati fi Skeda 2 għandu jkollhom il-kunsens tad-Direttur jekk ikunu jridu jadottaw il-proċeduri negozjati jew ristretti biex jagħmlu l-akkwisti pubbliċi tagħhom taħt dan ir-regolament.

(4) L-awtoritajiet elenkati fi Skeda 3 li jkunu jridu jadottaw il-proċedura ristretta jew negozjata biex jagħmlu l-akkwisti pubbliċi tagħhom taħt dan ir-regolament, ikunu jeħtieġu l-kunsens minn qabel tal-Ministru responsabbli għal dik l-awtorità, jew ta' xi uffiċjal f'dak il-Ministeru delegat bil-miktub kif imiss mill-Ministru tiegħu.

(5) (a) Fiċ-ċirkostanzi kollha fejn tiġi adottata l-proċedura negozjata skond dan ir-regolament, il-kwistjoni tista' tiġi riferita mid-Direttur tal-Kuntratti jew mill-awtorità kontraenti lill-Ministru li għandu jaħtar kumitat *ad hoc* bir-responsabilità li jmexxi l-proċedura negozjata, skond dan ir-regolament, f'isem l-awtorità kontraenti.

(b) Il-kumitat *ad hoc* ikun magħmul minn dak l-għadd ta' persuni skond ma l-Ministru jista' jqis xieraq wara li jkun qies sew il-komplessità tal-kuntratt partikolari.

(ċ) Il-kumitat *ad hoc* għandu jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament jiġu osservati kif imiss, u għandu jidentifika l-offerent li jkun ippreżenta l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

(d) Il-kumitat *ad hoc* għandu jopera taħt is-superviżjoni tad-Direttur tal-Kuntratti.

Termini ta' żmien biex jiġu riċevuti talbiet għall-parteċipazzjoni kif ukoll offerti.

39. Meta jiġu stabbiliti t-termini perentorji ta' żmien biex jiġu riċevuti offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni, l-awtoritajiet kontraenti għandhom iqisu b'mod partikolari l-komplessità tal-kuntratt u ż-żmien meħtieġ biex jitħejjew l-offerti, mingħajr preġudizzju għaż-żminijiet perentorji stabbiliti fir-regolament 40.

Termini massimi ta' żmien.

40. (1) Fil-każ ta' proċeduri miftuħa, iż-żmien perentorju minimu biex jiġu riċevuti l-offerti jkun ta' tnejn u ħamsin ġurnata mid-data li fiha jintbagħat l-avviż dwar kuntratt.

(2) Fil-każ ta' proċeduri ristretti, proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt imsemmi fir-regolament 38(1) u djalogu kompetittiv:

(a) il-limitu perentorju minimu biex jiġu riċevuti talbiet għall-parteċipazzjoni jkun ta' sebgħa u tletin ġurnata mid-data li fiha jintbagħat l-avviż dwar kuntratt;

(b) fil-każ ta' proċeduri restrittivi, il-limitu perentorju minimu biex jiġu riċevuti l-offerti jkun ta' erbgħin ġurnata mid-data li fiha tintbagħat l-istedina.

(3) (a) Meta l-awtoritajiet kontraenti jkunu ppubblikaw avviż ta' informazzjoni minn qabel, it-terminu perentorju minimu biex jiġu riċevuti l-offerti taħt is-subregolamenti (1) u (2)(b) jista', bħala regola ġenerali, jitqassar għal sitta u tletin ġurnata, iżda taħt ebda ċirkostanza ma jista' jkun ta' inqas minn tnejn u għoxrin ġurnata.

(b) It-terminu ta' żmien jibda jiddekorri mid-data li fiha l-avviż dwar kuntratt ikun intbagħat fi proċeduri miftuħa, u mid-data li fiha tkun intbagħtet l-istedina għall-offerti, fi proċeduri ristretti.

(ċ) It-terminu perentorju imnaqqas kif hawn imfisser ikun permess sakemm l-avviż bl-informazzjoni minn qabel ikun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-avviż dwar kuntratt fl-Anness I A ma' Skeda 9, safejn dik l-informazzjoni tkun disponibbli fiż-żmien meta jiġi pubblikat l-avviż u sakemm l-avviż dwar informazzjoni minn qabel ikun intbagħat għall-pubblikazzjoni bejn tnejn u ħamsin ġurnata u tnax-il xahar qabel id-data li fiha jkun intbagħat l-avviż dwar kuntratt.

(4) Meta jitħejjew u jiġu trasmessi permezz ta' mezzi elettroniċi avviżi skond il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fil-punt 3 ta' l-Anness II ma' Skeda 9, it-termini perentorji biex jiġu riċevuti l-offerti msemmija fis-subregolamenti (1) u (3) fi proċeduri miftuħa, u t-termini perentorji biex tiġi riċevuta t-talba għall-parteċipazzjoni msemmija fis-subregolament (2)(a), fi proċeduri ristretti u negozjati u d-djalogu kompetittiv, jistgħu jitnaqqsu b'sebat ijiem.

(5) It-termini perentorji biex jiġu riċevuti l-offerti msemmija fis-subregolamenti (1) u (2)(b) jistgħu jitnaqqsu b'ħamest ijiem meta l-awtorità kontraenti toffri aċċess mhux ristrett u għalkollox dirett permezz ta' mezzi elettroniċi għad-dokumenti tal-kuntratt u kull dokument supplimentari mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż skond Skeda 9, Anness II, li jispeċifika t-test ta' l-avviż u l-indirizz fuq l-internet fejn tkun aċċessibbli d-dokumentazzjoni. Dan it-tnaqqis jista' jiżdied ma' dak imsemmi fis-subregolament (4).

(6) Jekk għal xi raġuni jew oħra, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ jew l-informazzjoni addizzjonali, għalkemm ikunu ġew mitluba f'waqthom, ma jiġux provduti fit-termini perentorji stabbiliti fis-subregolament (8) u fir-regolament 43, jew meta l-offerti jkunu jistgħu jsiru biss wara żjara fuq il-post jew wara spezzjoni fuq il-post ta' dokumenti li jkunu ta' sostenn għad-dokumenti tal-kuntratt, it-termini perentorji biex jiġu riċevuti l-offerti għandhom jittawlu sabiex kull operatur ekonomiku interessat ikun jaf bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex isiru l-offerti.

(7) Fil-każ ta' proċeduri ristretti u proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt imsemmi fir-regolament 38(1), meta l-urġenza tirrendi t-termini perentorji stabbiliti f'dan ir-regolament imprattikabbli, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu:

(a) terminu perentorju biex jiġu riċevuti talbiet għall-parteċipazzjoni li ma jistgħux ikunu inqas minn ħmistax-il ġurnata mid-data li fiha l-avviż dwar kuntratt ikun ġie mibgħut, jew inqas minn għaxart ijiem jekk l-avviż ikun intbagħat b'mezzi elettroniċi, skond il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fil-punt 3 ta' l-Anness II ma' Skeda 9; u

(b) fil-każ ta' proċeduri restrittivi, terminu perentorju biex jiġu riċevuti l-offerti li ma għandhomx ikunu inqas minn għaxart ijiem mid-data ta' l-istedina għall-offerti.

(8) Fi proċeduri miftuħa, meta l-awtoritajiet kontraenti ma joffrux aċċess mhux ristrett u għalkollox dirett permezz ta' mezzi elettroniċi skond is-subregolament (5) għall-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumentazzjoni ta' sostenn, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti ta' sostenn għandhom jintbagħtu lill-operaturi ekonomiċi mill-awtorità kontraenti fi żmien sitt ijiem minn meta tkun ġiet riċevuta t-talba għall-parteċipazzjoni, sakemm it-talba tkun saret f'waqtha qabel ma jkun skada ż-żmien għall-preżentata ta' l-offerti:

Iżda l-operaturi ekonomiċi għandhom jaqblu li jkunu huma li jġarrbu n-nefqa kollha biex dawn jintbagħtulhom:

Iżda wkoll meta operaturi ekonomiċi jkunu qegħdin Malta, id-dokumenti kollha għandhom, skond ma jagħżel kull operatur ekonomiku, jew jingħabru mill-operaturi ekonomiċi mill-post li jkun indikat fl-avviż dwar kuntratt jew inkella jintbagħtulhom sakemm l-operaturi ekonomiċi jaqblu li jħallsu kull nefqa biex dawn jintbagħtulhom.

(9) Sakemm tkun ġiet mitluba f'waqtha, informazzjoni

addizzjonali li tirrigwarda d-dokumenti tal-kuntratt għandha tingħata mill-awtoritajiet kontraenti jew mid-dipartimenti kompetenti mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel l-aħħar data stabbilita biex jiġu riċevuti l-offerti.

Terminu għal kuntratt ta' konċessjoni dwar xogħlijiet pubbliċi.

41. Meta awtorità kontraenti tkun bi ħsiebha tati kuntratt ta' konċessjoni għal xogħlijiet pubbliċi, għandhom ikunu japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 70.

Applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1182/71.

42. Il-kalkolu tat-termini perentorji taħt din it-Taqsima għandu jsir skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli li japplikawi għal perjodi, dati u termini perentorji.

Stedina u informazzjoni.

43. (1) (a) Fi proċeduri ristretti, proċeduri ta' djalogu kompetittiv u proċeduri negozjati bil-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt skond it-tifsira tar-regolament 38(1), l-awtoritajiet kontraenti għandhom fl-istess ħin u bil-miktub jistiednu l-kandidati magħżula biex jiġbħmlu l-offerti tagħhom jew biex jinnegozjaw jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, biex jieħdu sehem fid-djalogu.

(b) L-istedina lill-kandidati għandu jkun fiha:

(i) jew kopja ta' l-ispeċifikazzjonijiet jew tad-dokument ta' deskrizzjoni u ta' kull dokument ta' appoġġ,

(ii) jew referenza għall-aċċess għall-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti l-oħra msemmija fis-subparagrafu (i), meta dawn jistgħu jinkisbu direttament b'mezzi elettroniċi skond ir-regolament 40(5).

(ċ) Meta entità li ma tkunx l-awtorità kontraenti responsabbli għall-proċedura ta' l-għoti jkollha l-ispeċifikazzjonijiet, id-dokument ta' deskrizzjoni u, jew kull dokument ta' sostenn, l-istedina għandu jkun fiha l-indirizz minn fejn dawk l-ispeċifikazzjonijiet, dak id-dokument ta' deskrizzjoni u dawk id-dokumenti jistgħu jiġu mitluba u, jekk ikun adatt, it-terminu perentorju biex jintalbu dawk id-dokumenti, u s-somma flus li għandha titħallas biex dawn jinkisbu u l-proċeduri dwar il-ħlas. Id-dipartiment kompetenti għandu jibgħat dik id-dokumentazzjoni lill-operatur ekonomiku mill-aktar fis wara li jirċievi talba.

(d) L-informazzjoni addizzjonali dwar l-ispeċifikazzjonijiet, id-dokument ta' deskrizzjoni jew id-dokumenti ta' appoġġ għandhom jintbagħtu mill-awtorità kontraenti jew mid-dipartiment kompetenti mhux anqas minn sitt ijiem qabel it-terminu

perentorju stabbilit biex jiġu riċevuti l-offerti, sakemm din tintalab f'waqtha. Fil-każ ta' proċedura ristretta jew aċċellerata, dak il-perjodu jkun ta' erbat ijiem.

(e) B'żjieda ma' dan, l-istedina biex issir offerta, għal parteċipazzjoni fid-djalogu jew biex wieħed jinnegozja għandu għall-inqas ikun fiha:

(i) referenza għall-avviż dwar kuntratt ippubblikat;

(ii) iż-żmien perentorju biex jiġu riċevuti l-offerti, l-indirizz fejn għandhom jintbagħtu l-offerti u l-lingwa jew l-lingwi li bihom għandhom jitħejjew l-offerti;

(iii) fil-każ ta' djalogu kompetittiv id-data u l-indirizz stabbiliti għall-bidu tal-konsultazzjoni u l-lingwa jew lingwi użati;

(iv) referenza dwar dokumenti mehmuża possibbli li għandhom jiġu preżentati, jew bħala appoġġ ta' dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu verifikati mill-offerent skond ir-regolament 27(1) u (2) u r-regolament 37 jew biex tiġi supplimentata l-informazzjoni msemmija f'dak ir-regolament, u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 50 u 51;

(v) l-importanza relativa tal-kriterji għall-għoti tal-kuntratt jew, fejn ikun adatt, l-ordni ta' importanza minn fuq 'l isfel għal dawk il-kriterji, jekk ma jingħatawx fl-avviż dwar kuntratt, fl-ispeċifikazzjonijiet jew fid-dokument ta' deskrizzjoni:

Iżda, fil-każ ta' kuntratti mogħtija skond ir-regoli stabbiliti fir-regolament 47, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (e)(ii) ma għandhiex tidher fl-istedina għall-parteċipazzjoni fid-djalogu iżda għandha tidher fl-istedina biex issir offerta.

(2) (a) Awtoritajiet kontraenti għandhom minnufih jinfurmaw lill-kandidati u lill-offerenti dwar id-deċiżjonijiet li jittieħdu fir-rigward tal-konklużjoni ta' ftehim qafas, l-għoti ta' kuntratti jew l-ammissjoni għal sistema dinamika ta' xiri, u għandhom jagħmlu dan bil-miktub jekk jiġu hekk mitluba jagħmlu mill-kandidati jew l-offerenti.

(b) Awtoritajiet kontraenti għandhom jinformaw lill-kandidati u lill-offerenti dwar ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni biex ma jsirx ftehim qafas jew l-għoti ta' kuntratt li għalih kien hemm sejħa għall-kompetizzjoni, jew dwar deċiżjoni tagħhom biex jerġgħu jibdew il-proċedura jew l-implimentazzjoni ta' sistema dinamika ta' xiri, u għandhom jagħmlu dan bil-miktub jekk jiġu hekk mitluba jagħmlu mill-kandidati jew mill-offerenti.

(ċ) Fil-każijiet kollha msemmija fil-paragrafi (a) u (b), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinfurmaw lid-Direttur dwar l-affarijiet hemm imsemmija.

(3) L-awtorità kontraenti għandha, fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta tkun ġiet riċevuta t-talba minn parti interessata tinforma:

(a) lil kull kandidat li jkun ġie eliminat bir-raġunijiet għar-rifjut ta' l-applikazzjoni tiegħu;

(b) lil kull offerent li jkun ġie eliminat bir-raġunijiet għar-rifjut ta' l-offerta tiegħu, inklużi, fil-każijiet imsemmija fir-regolamenti 45(3) u (4), ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha dwar nuqqas ta' ekwivalenza jew id-deċiżjoni tagħha li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi ma jilħqux il-ħtiġiet ta' twettieq jew ta' funzjoni;

(ċ) lil kull offerent li jkun ippreżenta offerta ammissibbli dwar il-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi ta' l-offerta magħżula kif ukoll bl-isem ta' l-offerent li jkun ingħata l-kuntratt jew il-partijiet fil-ftehim qafas:

Iżda l-awtorità kontraenti tista' tiddeċiedi li żżomm xi tagħrif dwar l-għoti tal-kuntratt, imsemmi f'dan ir-regolament, meta r-rilaxx ta' dak it-tagħrif ikun jimpedixxi l-infurzar tal-liġi jew ikun xort'oħra kuntrarju għall-interess pubbliku jew ikun jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operaturi ekonomiċi, pubbliċi jew privati, jew ikun jista' jippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejniethom.

(4) Għal kull kuntratt, ftehim qafas, u kull twaqqif ta' sistema dinamika ta' xiri, l-awtorità kontraenti għandha tieħu l-passi xierqa biex tiddokumenta l-progress tal-proċeduri ta' l-għoti u għandha thejji rapport bil-miktub li jkun fih għall-inqas dan li ġej u li għandu jinbagħat lid-Direttur, u lill-Kummissjoni jekk il-Kummissjoni hekk titlob:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-awtorità kontraenti, is-suġġett u l-valur tal-kuntratt, ftehim qafas jew sistema dinamika

ta' xiri;

(b) l-ismijiet tal-kandidati jew offerenti ammessi għall-parteċipazzjoni jew l-offerta u r-raġunijiet għall-għażla;

(ċ) l-ismijiet tal-kandidati jew ta' l-offerenti miċħuda milli jipparteċipaw jew li joffru u r-raġunijiet għal dak ir-rifjut;

(d) ir-raġuni għar-rifjut ta' offerti li jinsabu li jkunu baxxi b'mod mhux normali;

(e) l-isem ta' l-offerent li jirnexxi u r-raġunijiet għaliex tkun intgħażlet l-offerta tiegħu u, jekk ikun magħruf, kull parti mill-kuntratt jew mill-ftehim qafas li l-offerent li jirnexxi jista' jkollu ħsieb li jagħti b'appalt lil terzi;

(f) jekk l-awtorità kontraenti tkun użat proċeduri negozjati, iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-użu ta' dawk il-proċeduri;

(g) sa fejn għandu x'jaqsam djalogu kompetittiv, iċ-ċirkostanzi kif imfissra fir-regolament 47 li jiġġustifikaw l-użu ta' din il-proċedura;

(h) jekk ikun neċessarju, ir-raġunijiet għaliex l-awtorità kontraenti tkun iddeċidiet li ma tagħtix kuntratt jew ftehim qafas jew tistabbilixxi sistema dinamika ta' xiri.

Komunikazzjoni.

44. (1) L-iskambju tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni kollha jista' jsir bil-posta, bil-*fax*, b'mezzi elettroniċi skond is-subregolamenti (4) u (5), bit-telefon fil-każijiet u fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subregolament (6), jew b'taħlita ta' dawk il-mezzi, skond l-għażla ta' l-awtorità kontraenti.

(2) Il-mezzi ta' komunikazzjoni magħżula għandhom ikunu disponibbli b'mod ġenerali u b'hekk ma jirrestrinġux l-aċċess ta' l-operaturi ekonomiċi għall-proċedura ta' l-offerti.

(3) Il-komunikazzjoni u l-iskambju u l-ħżin ta' l-informazzjoni għandhom jitwettqu b'dak il-mod li jiġi żgurat li tinżamm l-integrità ta' *data* u l-kunfidenzjalità ta' offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni, u li l-awtoritajiet kontraenti jeżaminaw il-kontenut ta' l-offerti u talbiet għall-parteċipazzjoni biss wara li jiskadi ż-żmien stipulat biex dawn isiru.

(4) L-għodda li għandhom jintużaw biex issir komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, ma għandhomx ikunu diskriminatorji, għandhom ikunu

disponibbli b'mod ġenerali u ikunu interoperattivi mal-prodotti ta' teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni li jintużaw b'mod ġenerali.

(5) Ir-regoli li ġejjin japplikaw għal tagħmir għat-trasmissjoni elettronika ta' offerti, u biex dawn jiġu riċevuti, u għal tagħmir biex jiġu riċevuti b'mod elettroniku talbiet għal parteċipazzjoni:

(a) informazzjoni li tirrigwarda l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għall-preżentata elettronika ta' offerti u talbiet għal parteċipazzjoni, inkluż il-qlib ta' *data* f'kodiċi, għandha tkun disponibbli lill-partijiet interessati. Barra minn dan, it-tagħmir biex jiġu riċevuti elettronikament offerti u talbiet għal parteċipazzjoni għandhom josservaw il-ħtiġiet ta' l-Iskeda 11;

(b) l-Istati Membri jistgħu, konformement ma' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 1999/93/KE, jeħtieġu li offerti elettroniċi jkollhom magħhom firma elettronika avvanzata skond il-paragrafu 1 ta' dik id-Direttiva;

(ċ) l-Istati Membri jistgħu jintroduċu jew iżommu fis-seħħ skemi volontarji ta' akkreditazzjoni mmirati lejn livelli mtejbin ta' għoti ta' servizz ta' ċertifikazzjoni għal dak it-tagħmir;

(d) l-offerenti jew il-kandidati jintrabtu li jippreżentaw, qabel ma jiskadi t-terminu stabbilit għall-preżentata ta' offerti jew talbiet għal parteċipazzjoni, id-dokumenti, iċ-ċertifikati u d-dikjarazzjonijiet imsemmija fir-regolamenti 49 sa 52 u fir-regolament 35 jekk dawn ma jkunux jeżistu f'format elettroniku.

(6) Ir-regoli li ġejjin japplikaw għat-trasmissjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni:

(a) talbiet għal parteċipazzjoni fil-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi jistgħu jsiru bil-miktub jew bit-telefon;

(b) meta t-talbiet għal parteċipazzjoni jsiru bit-telefon, għandha tintbagħat konferma bil-miktub qabel ma jiskadi ż-żmien li fih għandhom jiġu riċevuti;

(ċ) l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li talbiet għal parteċipazzjoni magħmula bil-*fax* għandhom jiġu konfermati bil-posta jew b'mezzi elettroniċi, meta dan ikun meħtieġ għall-finijiet ta' prova legali. Kull ħtieġa bħal din, flimkien mat-terminu perentorju biex tinbagħat il-konferma bil-

posta jew b'mezzi elettroniċi, għandha tiġi ddikjarata mill-awtorità kontraenti fl-avviż dwar kuntratt.

Speċifikazzjonijiet tekniċi.

45. (1) (a) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jistipulaw speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-kuntratti pubbliċi u dawn għandhom ikunu inklużi fid-dokumenti tal-kuntratt. Kull meta jkun possibbli dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu definiti biex iqisu l-kriterji ta' aċċessibbilità għal persuni b'diżabilità jew disinn għall-utenti kollha.

(b) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jagħtu aċċess ugwali għall-offerenti u ma jkollhomx l-effett li joħolqu ostakoli mhux ġustifikati għall-ftuħ ta' akkwisti pubbliċi għall-kompetizzjoni.

(2) Mingħajr preġudizzju għar-regoli tekniċi li huma legalment vinkolanti f'Malta, u sakemm dawn huma kompatibbli mad-dritt Komunitarju, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati:

(a) jew b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif imfissra fis-subregolament (7), u, f'ordni ta' preferenza, għal *standards* nazzjonali li jittrasponu *Standards* Ewropej, Approvazzjonijiet Tekniċi Ewropej, speċifikazzjonijiet tekniċi komuni, *standards* internazzjonali, sistemi oħrajn tekniċi ta' referenza stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew, meta dan ma jeżistux, għal *standards* nazzjonali approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew speċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali li għandhom x'jaqsmu mad-disinn, il-kalkolu u l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u l-użu tal-prodotti. Kull referenza għandu jkollha magħha l-kliem "jew ekwivalenti";

(b) jew skond il-ħtiġiet ta' twettiq jew ta' funzjoni. Dawn ta' l-aħħar jistgħu jinkludu karatteristiċi ambjentali. Madankollu, dawn il-parametri għandhom ikunu preċiżi biżżejjed biex jippermettu li l-offerenti jistabbilixxu s-suġġett tal-kuntratt u jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti jagħtu l-kuntratt;

(ċ) jew skond il-ħtiġiet ta' twettieq u ta' funzjoni kif imfisser fil-paragrafu (b), b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a), bħala mezz ta preżunzjoni ta' konformità ma' dawk il-ħtiġiet ta' twettiq u ta' funzjoni;

(d) jew billi ssir referenza għall-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a) għal ċerti karatteristiċi, u billi ssir riferenza għall-ħtiġiet ta' twettiq u ta' funzjoni msemmija fil-

paragrafu (b) għal karatteristiċi oħra.

(3) Meta awtorità kontraenti tagħżel li tagħmel referenza għall-ispeċifikazzjonijiet fis-subregolament (2)(a), ma tistax tiċħad offerta għar-raġunijiet li l-prodotti u s-servizzi li dwarhom issir l-offerta ma jkunux konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet li għalihom tkun għamlet referenza, ladarba l-offerent jagħti prova fl-offerta tiegħu għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kontraenti, b'kull mezz xieraq li jkun, li s-soluzzjonijiet li qed jipproponi jkunu jissodisfaw b'mod ekwivalenti l-ħtiġiet imfissra bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Mezz xieraq jista' jkun *dossier* tekniku tal-produttur jew rapport ta' test minn korp rikonoxxut.

(4) Meta awtorità kontraenti tagħmel l-għażla stabbilita fis-subregolament (2) biex tistabbilixxi skond il-ħtiġiet ta' twettiq jew ta' funzjoni, hija ma tistax tiċħad offerta għal xogħlijiet, prodotti jew servizzi li jkunu konformi ma' *standard* nazzjonali li jittrasponi *Standard* Ewropew, Approvazzjoni Teknika Ewropea, speċifikazzjoni teknika komuni, *standard* internazzjonali jew sistema oħra teknika ta' referenza stabbilita minn korp ta' standardizzazzjoni Ewropew, jekk dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom x'jaqsmu mal-ħtiġiet ta' twettiq u ta' funzjoni li jkunu ġew stabbiliti minnha. Fl-offerta tiegħu l-offerent għandu jagħti prova għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kontraenti u b'xi mezzi xierqa li x-xogħol, il-prodott jew is-servizz li huma konformi ma' l-i*standard* ikunu skond il-ħtiġiet ta' twettiq jew ta' funzjoni ta' l-awtorità kontraenti. Mezz xieraq jista' jkun *dossier* tekniku tal-produttur jew rapport ta' test minn korp rikonoxxut.

(5) Meta l-awtoritajiet kontraenti jistabbilixxu karatteristiċi ambjentali skond il-ħtiġiet ta' twettiq jew ta' funzjoni kif imfisser fis-subregolament (2)(b), huma jistgħu jużaw l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati, jew jekk ikun meħtieġ, partijiet minnhom, kif imfisser f'ekotikketti Ewropej jew (multi-)nazzjonali, jew b'xi ekotikketta oħra, sakemm:

(i) dawk l-ispeċifikazzjonijiet ikunu xierqa biex jiddefinixxu l-karatteristiċi tal-provvisti jew servizzi li huma l-għan tal-kuntratt;

(ii) il-ħtiġiet għat-tikketta huma mfasslin abbażi ta' informazzjoni xjentifika;

(iii) l-ekotikketti huma adottati billi tintuża proċedura li kull min għandu interess, bħal korpi governattivi, konsumaturi, manifatturi, distributturi u organizzazzjonijiet ambjentali jistgħu jieħdu; u

(iv) huma aċċessibli għall-partijiet kollha interessati:

Iżda l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jindikaw li l-prodotti u servizzi li jġorru fuqhom l-ekotikketta jkunu meqjusin li jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mniżżlin fid-dokumenti tal-kuntratt; madankollu huma għandhom jaċċettaw kull mezz ieħor adatt bħala prova, bħal *dossier* tekniku tal-produttur jew rapport ta' test minn korp rikonoxxut.

(6) Sakemm l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi uma jkunux ġustifikati bis-suġġett tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jintroduċu fil-klawżoli tal-kuntratt li jirrigwarda kuntratt partikolari speċifikazzjonijiet tekniċi li jirreferu għal prodotti ta' għamla jew sors speċifiċi, jew proċess partikolari, jew *trade marks*, privattivi, tipi jew oriġini speċifiċi jew produzzjoni bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti intrapriżi jew ċerti prodotti. Riferenza bħal dik għandha tkun permessa fuq bażi eċċezzjonali, fejn ma tkunx possibbli deskrizzjoni preċiża biżżejjed u li tiftiehem tas-suġġett tal-kuntratt konformement mas-subregolamenti (3) u (4). Riferenza bħal dik għandu jkollha magħha l-kliem "jew ekwivalenti".

(7) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament il-kliem li ġejjin ifissru:

(a) "speċifikjazzjonijiet tekniċi", fil-każ ta' kuntratti ta' xogħolijiet pubbliċi, tfisser it-totalità tal-preskrizzjonijiet tekniċi partikolarment dawk li jkunu inklużi fid-dokumenti ta' l-offerti, li jagħtu tifsira għall-karatteristiċi meħtieġa minn xogħol, materjal, prodott jew provvista, li tippermetti li xogħol, materjal, prodott jew provvista jkunu deskritti b'mod tajjeb għall-użu li għalih kienu maħsuba mill-awtorità kontraenti. Dawn il-karatteristiċi għandhom jinkludu livelli ta' eżekuzzjoni ambjentali, disinn għal kull ħtieġa (inkluża l-aċċessibbilità għal persuni b'diżabilità) u valutazzjonijiet ta' konformità, eżekuzzjoni, sigurtà u dimensjonijiet, inklużi proċeduri rigward l-assigurazzjoni ta' kwalità, teminoloġija, simboli, metodi ta' testjar u testijiet, ippakkettjar, l-immarkar u t-tikkettjar u l-proċessi u metodi ta' produzzjoni. Għandhom jinkludu wkoll regoli dwar id-disinn u l-istima ta' l-ispejjeż involuti, it-test, kondizzjonijiet ta' spezzjoni u ta' aċċettazzjoni għal xogħolijiet u metodi jew teknika tal-kostruzzjoni u kondizzjonijiet tekniċi oħra li dwarhom l-awtorità kontraenti tkun f'posizzjoni illi tippreskrivi, taħt regolamenti ġenerali jew speċifiċi, rigward xogħolijiet li jkunu mitmuma u l-materjal u affarijiet konnessi max-xogħolijiet;

(b) "speċifikjazzjonijiet tekniċi", fil-każ ta' kuntratti ta' provvisti pubbliċi jew servizzi pubbliċi, tfisser speċifikazzjoni

f'dokument li tagħti tifsira għall-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott jew ta' servizz, bħal ma huma livelli ta' kwalità, livelli ta' eżekuzzjoni ambjentali, disinn għal kull ħtieġa (inkluża l-aċċessibbilità għal persuni b'diżabbilità) u l-valutazzjoni ta' konformità, l-eżekuzzjoni, l-użu ta' prodott, sigurtà jew dimensjonijiet inklużi ħtiġiet rilevanti għall-prodott rigward taħt liema isem il-prodott ikun qed jiġi mibjugħ, teminoloġija, simboli, metodi ta' testjar u testijiet, l-ippakkettjar, l-immarkar u t-tikkettjar, istruzzjonijiet għall-utenti, proċessi u metodi ta' produzzjoni u proċessi ta' valutazzjoni ta' konformità;

(ċ) "*standard*" tfisser speċifikazzjoni teknika approvata minn korp ta' standardizzazzjoni rikonoxxut, għall-applikazzjoni ripetuta u kontinwa, li ma hemmx bżonn li tiġi osservata bilfors u li taqa' taħt xi waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) *Standard* Internazzjonali - *standard* adottat minn organizzazzjoni ta' *standards* internazzjonali u li jkun magħmul disponibbli għall-pubbliku in ġenerali;

(ii) *Standard* Ewropew - *standard* adottat minn organizzazzjoni ta' *standards* Europea u li jkun magħmul disponibbli għall-pubbliku in ġenerali;

(iii) *Standard* Nazzjonali - *standard* adottat minn organizzazzjoni ta' *standards* nazzjonali u li jkun magħmul disponibbli għall-pubbliku in ġenerali;

(d) "approvazzjoni teknika Ewropea" tfisser valutazzjoni teknika favorevoli dwar is-siwi ta' l-użu ta' prodott b'għan partikolari, ibbażata fuq it-twettiq tal-ħtiġiet essenzjali għal xogħolijiet ta' bini, permezz ta' karatteristiċi inerenti tal-prodott u l-kondizzjonijiet imfissra ta' l-applikazzjoni u l-użu. Approvazzjonijiet Tekniċi Ewropej jiġu maħruġin minn korp ta' approvazzjoni maħtur għal dak l-għan mill-Istat Membru;

(e) "speċifikazzjoni teknika komuni" tfisser speċifikazzjoni teknika stabbilita skond proċedura rikonoxxuta mill-Istati Membri biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi fl-Istati Membri kollha u li tkun ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea;

(f) "riferenza teknika" tfisser kull prodott li jkun prodott minn korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej, minbarra *standards* uffiċjali, skond il-proċeduri adottati għall-iżvilupp tal-bżonnijiet tas-suq;

(g) "korpi rikonoxxuti" tfisser, fil-kuntest ta' dan ir-regolament, laboratorji ta' testijiet u kalibrazzjoni, u korpi ta' ċertifikazzjoni u spezzjoni, li huma konformi ma' *Standards* Ewropej applikabbli.

Elementi li jvarjaw.

46. (1) Meta l-kriterju għall-għoti tal-kuntratt ikunu dawk ta' l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jawtorizzaw lill-offerenti jissottomettu elementi li jvarjaw.

(2) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiddikjaraw fid-dokumenti tal-kuntratt l-inqas speċifikazzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa mill-elementi li jvarjaw u kull ħtieġa speċifika għall-preżentazzjoni tagħhom. Meta ma jkunux jistgħu jsiru elementi li jvarjaw dan għandu jiġi indikat fl-avviż dwar kuntratt ta' l-UE. Għandhom jitqiesu biss dawk l-elementi li jvarjaw li jkunu josservaw l-inqas speċifikazzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet kontraenti.

(3) Fil-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal provvisti pubbliċi jew servizzi pubbliċi, l-awtoritajiet kontraenti li jkunu awtorizzaw l-elementi li jvarjaw ma jistgħux jiċħdu element li jvarja għar-raġuni biss li, jekk jingħata l-kuntratt, dan jista' jwasal għal kuntratt ta' servizzi minflok kuntratt ta' provvisti pubbliċi jew kuntratt ta' provvista minflok kuntratt ta' serviżżi pubbliċi.

Djalogu kompetittiv.

47. (1) Fil-każ ta' kuntratti partikolarment kumplessi, meta l-awtoritajiet kontraenti jikkunsidraw li l-użu tal-proċedura miftuħa jew ristretta ma tkunx tippermetti l-għoti tal-kuntratt, dan ta' l-aħħar jista' jagħmel użu mid-djalogu kompetittiv skond dan ir-regolament:

Iżda kuntratt pubbliku għandu jingħata unikament abbażi tal-kriterju ta' għoti għall-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża.

(2) Awtoritajiet kontraenti għandhom jippublikaw avviż dwar kuntratt li fih iniżżlu l-bżonnijiet u l-ħtiġijiet tagħhom, li huma għandhom jiddefinixxu f'dak l-avviż u, jew f'dokument ta' deskrizzjoni.

(3) (a) Awtoritajiet kontraenti għandhom jiftħu, flimkien mal-kandidati magħżulin skond id-disposizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti 27, 35, 49, 50, 51 u 52, djalogu li l-iskop tiegħu għandu jkun li jidentifika u jiddefinixxi l-mezzi l-aktar xierqa biex jissodisfa l-ħtiġiet tagħhom. Huma jistgħu jiddiskutu l-aspetti kollha tal-kuntratt mal-kandidati magħżulin matul dan id-djalogu.

(b) Matul id-djalogu, awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw ugwaljanza ta' trattament fost l-offerenti kollha. B'mod partikolari, huma m'għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod

diskriminatorju li tista' tagħti lil xi offerent vantaġġ fuq l-oħrajn.

(ċ) Awtoritajiet kontraenti ma jistgħux jiżvelaw lill-parteċipanti l-oħra soluzzjonijiet proposti jew tagħrif ieħor kunfidenzjali komunikat minn kandidat li jkun qed jieħu sehem fid-djalogu mingħajr il-kunsens tal-kandidat.

(4) Awtoritajiet kontraenti jistgħu jipprovdu biex isseħħ proċedura fi stadji suċċessivi sabiex jitnaqqas l-għadd ta' soluzzjonijiet li għandhom ikunu diskussi matul l-istadju ta' djalogu billi jiġu applikati l-kriterji ta' l-għoti fl-avviż dwar kuntratt jew fid-dokument ta' deskrizzjoni. L-avviż dwar kuntratt jew id-dokument ta' deskrizzjoni għandu jindika li tista' ssir din l-għażla.

(5) L-awtorità kontraenti għandha tkompli b'dan id-djalogu sakemm din tkun tista' tidenfika s-soluzzjoni jew soluzzjonijiet, jekk ikun meħtieġ wara li tqabbilhom, li jistgħu jissodisfaw il-ħtiġiet tagħha.

(6) Wara li jkunu ddikjaraw id-djalogu magħluq u infurmaw b'dan lill-parteċipanti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitolbuhom jagħmlu l-aħħar offerti tagħhom abbażi tas-soluzzjoni jew soluzzjonijiet ippreżentati u speċifikati matul id-djalogu. Dawn l-offerti għandu jkollhom fihom l-elementi kollha meħtieġa u neċessarji għat-twettiq tal-proġett. Dawn l-offerti jistgħu jiġu kjarifikati, speċifikati u rfinuti fuq talba ta' l-awtorità kontraenti. Madanakollu, kjarifikazzjoni, speċifikazzjoni, irfinar jew tagħrif addizjonali bħal dawk ma għandhomx jinvolvu ebda tibdil fil-karatteristiċi bażiċi ta' l-offerta jew tas-sejħa għal offerta, varjazzjonijiet li bihom x'aktarx titfixkel il-kompetizzjoni jew ikollhom effett diskriminatorju.

(7) Awtoritajiet kontraenti għandhom jivvalutaw l-offerti riċevuti abbażi tal-kriterji ta' l-għoti stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt jew fid-dokument ta' deskrizzjoni u għandhom jagħżlu l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża skond ir-regolament 27(3), (4) u (5).

Fuq talba ta' l-awtorità kontraenti, l-offerent li jiġi identifikat bħala li jkun għamel l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża jista' jkun mitlub jiċċarra xi aspetti ta' l-offerta jew jikkonferma obbligi miġburin fl-offerta sakemm dan ma jkollux l-effett li jimmodifika aspetti sostanzjali ta' l-offerta jew tas-sejħa għal offerta u ma jipperikolax it-tfixkil tal-kompetizzjoni jew li jikkawża diskriminazzjoni.

(8) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jispeċifikaw prezzijiet jew ħlasijiet lil parteċipanti fid-djalogu.

(9) (a) Fiċ-ċirkostanzi kollha fejn jiġi adottat djalogu kompetittiv skond dan ir-regolament, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta mid-Direttur tal-Kuntratti jew mill-awtorità kontraenti lill-Ministru li għandu jaħtar kumitat *ad hoc* bir-responsabilità li jmexxi d-djalogu kompetittiv, skond dan ir-regolament, f'isem l-awtorità kontraenti.

(b) Il-kumitat *ad hoc* ikun magħmul minn dak l-għadd ta' persuni skond ma l-Ministru jista' jqis adatt wara li jkun qies il-komplessità tal-kuntratt partikolari.

(ċ) Il-kumitat *ad hoc* għandu jiżgura li d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament jiġu debitament osservati, u għandu jidentifika lill-offerent li jkun għamel l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża.

(d) Il-kumitat *ad hoc* għandu jopera taħt is-superviżjoni tad-Direttur tal-Kuntratti.

Avviżi ta' l-UE

48. (1) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jgħarrfu, permezz ta' avviż minn qabel ta' informazzjoni ta' l-UE pubblikat mill-Kummissjoni jew minnhom infushom dwar il-"profil tax-xerrej" tagħhom, kif imfisser fil-punt 2(b) ta' l-Anness VIII fi Skeda 9:

(a) fejn għandhom x'jaqsmu l-provvisti, il-valur totali stmat tal-kuntratti jew ta' kull ftehim qafas skond iż-żona tal-prodott li huma jkollhom l-intenzjoni li jagħtu matul it-tnax-il xahar ta' wara, fejn il-valur totali stmat, meta jitqiesu r-regolamenti 11 u 15, ikun ugwali għal u aktar minn Lm300,000. Iż-żona tal-prodott għandha tiġi stabbilita mill-awtoritajiet kontraenti b'referenza għan-nomenklatura CPV;

(b) fejn għandhom x'jaqsmu servizzi, il-valur totali stmat tal-kuntratti jew tal-ftehim qafas f'kull waħda mill-kategoriji ta' servizzi elenkati fi Skeda 6 li huma jkollhom l-intenzjoni li jagħtu matul it-tnax-il xahar ta' wara, fejn dak il-valur totali stmat, meta jitqiesu r-regolamenti 11 u 15, ikun ugwali għal jew aktar minn Lm300,000;

(ċ) fejn għandhom x'jaqsmu xogħlijiet, il-karatteristiċi essenzjali tal-kuntratti jew tal-ftehim qafas li huma jkollhom l-intenzjoni li jagħtu, li l-valur stmat tagħhom huwa ugwali għal jew aktar mil-limitu massimu speċifikat fir-regolament 11, meta jitqies ir-regolament 15.

L-avviżi msemmija fil-paragrafi (a) u (b) għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni jew jiġu ubblikati fil-profil tax-xerrej kemm jista' jkun malajr wara l-bidu tas-sena ta' l-estimi finanzjarji.

L-avviż imsemmi fil-paragrafu (ċ) għandu jintbagħat lill-Kummissjoni jew jiġi pubblikat fil-profil tax-xerrej kemm jista' jkun malajr wara d-deċiżjoni li tapprova l-ippjanar tal-kuntratti tax-xogħlijiet jew ta' kull ftehim qafas li l-awtoritajiet kontraenti jkollhom l-intenzjoni li jagħtu.

Awtoritajiet kontraeti li jippubblikaw avviż ta' informazzjoni minn qabel dwar il-profili tax-xerrej tagħhom għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, b'mezz elettroniku, avviż tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż ta' informazzjoni minn qabel dwar il-profil tax-xerrej, skond il-format u l-proċeduri dettaljati biex jintbagħtu avviżi indikati fil-punt 3 ta' l-Anness II fi Skeda 9.

Il-pubblikazzjoni ta' l-avviżi msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tkun obbligatorja biss fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jqassru l-limiti ta' żmien biex jirċievu offerti kif stabbilit fir-regolament 40(3).

Dan is-subregolament ma għandux japplika għal proċeduri negozjati mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt.

(2) Meta l-awtoritajiet kontraenti jkollhom l-ħsieb li jagħtu kuntratt pubbliku jew ftehim qafas bi proċedura miftuħa, ristretta jew, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 38, bi proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt jew, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 47, bi djalogu kompetittiv, għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż dwar kuntratt UE.

(3) (a) Awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jistabbilixxu sistema dinamika ta' xiri għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż dwar kuntratt.

(b) Awtoritajiet kontraenti li jixtiequ jagħtu kuntratt bażat fuq sistema dinamika ta' xiri għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż dwar kuntratt simplifikat.

(4) (a) Awtoritajiet kontraenti li jkunu taw kuntratt pubbliku jew għamlu ftehim qafas għandhom jibagħtu avviż tar-riżultati tal-proċedura ta' l-għoti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin ġurnata wara l-għoti tal-kuntratt jew il-konklużjoni tal-ftehim qafas.

(b) Fil-każ ta' ftehim qafas magħmul skond ir-regolament 25 l-awtoritajiet kontraenti mhumiex marbuta li jibagħtu avviż tar-riżultati tal-proċedura ta' l-għoti għal kull kuntratt ibbażat

fuq dak il-ftehim.

(ċ) Awtoritajiet kontraenti għandhom jibagħtu avviż ta' riżultat ta' l-għoti ta' kuntratti bażati fuq sistema dinamika ta' xiri fi żmien tmienja u erbgħin ġurnata mill-għoti ta' kull kuntratt. Huma jistgħu, madanakollu, jiġbru flimkien avviżi bħal dawk fuq bażi ta' tliet xhur kull darba. F'dak il-każ huma għandhom jibagħtu l-avviżi miġbura fi żmien tmienja u erbgħin ġurnata minn tmiem kull tliet xhur.

(d) Fil-każ ta' kuntratti pubbliċi għal servizzi elenkati fi Skeda 7, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jindikaw fl-avviż jekk ikunux jaqblu mal-pubblikazzjoni tiegħu.

(e) Ċerta informazzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt jew l-għemil ta' ftehim qafas tista' tinżamm milli tiġi pubblikata meta r-rilaxx ta' informazzjoni bħal dik jista' jimpedixxi l-infurzar tal-liġi jew b'xi mod ieħor ikun kuntrarju għall-interess pubbliku, jista' jagħmel ħsara lill-interessi kummerċjali leġittimi ta' operaturi ekonomiċi, pubbliċi jew privati, jew jista' jippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejniethom.

(5) L-avviżi għandhom jinkludu l-informazzjoni msemmija fl-Anness I A fi Skeda 9 u, fejn ikun adatt, kull informazzjoni oħra meqjusa utli mill-awtorità kontraenti fil-format ta' formoli *standard* adottati mill-Kummissjoni.

(6) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jibgħatu l-avviżi dwar kuntratt lill-Kummissjoni jew b'mezzi elettroniċi skond il-format u proċeduri għal trasmissjoni indikati fil-paragafu 3 ta' l-Anness II ta' Skeda 9, jew b'mezzi oħra. Fil-każ li jsir użu tal-proċedura aċċellerata stabbilita fir-regolament 40(7), l-avviżi għandhom jintbagħtu jew b'*telefax* jew b'mezzi elettroniċi, skond il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fil-paragrafu 3 ta' l-Anness II ta' Skeda 9. L-avviżi għandhom jiġu pubblikati skond il-karatteristiċi tekniċi għall-pubblikazzjoni stabbiliti fil-punt 1(a) u (b) ta' l-Anness II ta' Skeda 9.

(7) Avviżi dwar kuntratt għandhom ikunu kollha kemm huma pubblikati f'lingwa uffiċjali tal-Komunità skond ma tiġi magħżula mill-awtorità kontraenti. Sommarju ta' l-avviż dwar kuntratt għandu jiġi ppubblikat bil-lingwi l-oħra tal-Komunità.

(8) Avviżi mħejjija u trasmessi b'mezzi elettroniċi skond il-format u l-proċeduri għal trasmissjoni indikati fil-paragrafu 3 ta' l-Anness II ta' Skeda 9, għandhom jiġu ppubblikati mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li jkunu ntbagħtu. Avviżi li ma jkunux

trasmessi b'mezzi elettroniċi skond il-format u l-proċeduri għal trasmissjoni indikati fil-paragrafu 3 ta' l-Anness II ta' Skeda 9 għandhom jiġu pubblikati mhux aktar tard minn tnax-il ġurnata wara li jkunu ntbagħtu jew fil-każ tal-proċedura aċċellerata msemmija fir-regolament 40(7), mhux aktar tard minn ħamest ijiem wara li jkunu ntbagħtu.

(9) L-avviżi ma għandhomx jiġu ppubblikati fil-Gazzetta jew fl-istampa qabel id-data meta jintbagħtu l-avviżi dwar kuntratt lill-Kummissjoni. Dawn għandu jkun fihom id-data meta l-avviż dwar kuntratt jintbagħat u ma għandu jkun fihom ebda tagħrif ieħor ħlief dak li jkun intbagħat lill-Kummissjoni jew li jkun ġie pubblikat fuq profil tax-xerrej skond is-subregolament (1).

(10) L-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu kapaċi jagħtu prova tad-data meta dawn jintbagħtu. Il-konferma mill-Kummissjoni tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż mibgħut tikkostitwixxi prova tal-pubblikazzjoni.

(11) Il-kontenut ta' avviż dwar kuntratt li ma jkunx mibgħut b'mezzi elettroniċi skond il-format u l-proċeduri għat-trasmissjoni indikati fil-paragrafu 3 ta' l-Anness II ta' Skeda 9 għandu jkun limitat għal madwar sitt mija u ħamsin kelma.

(12) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirranġaw għall-pubblikazzjoni skond dan ir-regolament ta' avviżi li jkunu jħabbru kuntratti pubbliċi li ma jkunux suġġetti għall-ħtieġa ta' pubblikazzjoni stipulata f'dan ir-regolament.

Kriterji ta' għażla kwalitattiva.

49. (1) Operatur ekonomiku jista' jkun eskluż milli jipparteċipa f'kuntratt pubbliku jekk dak l-operatur ekonomiku:

(a) ikun fallut jew ikun fi stralċ, jew ikollu l-affarijiet tiegħu amministrati mill-qorti, ikun għamel arranġament mal-krediturі jew ikun issospenda l-attivitajiet kummerċjali tiegħu jew ikun qiegħed f'sitwazzjoni bħal dik li toriġina minn proċedura simili taħt liġijiet u regolamenti nazzjonali;

(b) ikun assoġġettat għal proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' falliment, għal ordni ta' stralċ obbligatorju jew amministrazzjoni mill-qorti jew għal arranġament mal-krediturі jew għal xi proċedimenti oħra simili taħt liġijiet jew regolamenti nazzjonali;

(ċ) ikun instab ħati ta' reat li jirrigwarda l-imġieba professjonali tiegħu minn sentenza li jkollha l-forza ta' *res judicata*;

(d) ikun ġie dikjarat ħati ta' mġieba professjonali ħażina gravi li dwarha jkun hemm provi b'dawk il-mezzi li l-awtoritajiet kontraenti jistgħu juru;

(e) ma jkunx wettaq l-obbligi li jirrigwardaw il-ħlas ta' kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali skond id-disposizzjonijiet tal-liġijiet ta' Malta jew tal-pajjiż fejn ikun stabbilit;

(f) ma jkunx wettaq l-obbligi li jirrigwardaw il-ħlas tat-taxxi skond id-disposizzjonijiet tal-liġijiet ta' Malta jew tal-pajjiż fejn ikun stabbilit;

(g) ikun ħati ta' fatti qarrieqa gravi fl-għoti tat-tagħrif li jkun meħtieġ taħt dawn ir-regolamenti jew li ma jkunx ta dak it-tagħrif.

(2) Meta l-awtorità kontraenti tkun teħtieġ prova mingħand il-kandidat jew l-offerent li ebda wieħed mill-każijiet imsemmija fis-subregolament (1)(a), (b), (ċ), (e) u (f) ma jkunu japplikaw għalih, hija għandha taċċetta bħala prova suffiċjenti, ċertifikazzjoni rilevanti li tkun maħruġa minn korp kompetenti ġudizzjarju jew amministrattiv fil-pajjiż ta' l-oriġini jew fil-pajjiż minn fejn tiġi dik il-persuna, li l-ħtiġiet ikunu ġew osservati.

(3) Meta ċ-ċertifikazzjoni msemmija fis-subregolament (2) ma tkunx disponibbli, din tista' tiġi sostitwita b'dikjarazzjoni bil-ġurament jew b'dikjarazzjoni solenni magħmula mill-persuna interessata quddiem Kummissjunarji b'setgħa li jagħtu ġurament f'Malta jew quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, nutar jew korp professjonali jew kummerċjali kompetenti, fil-pajjiż ta' residenza ta' dik il-persuna.

(4) Kandidat jew offerent li jkun ġie misjub ħati b'sentenza finali li l-awtorità kontraenti tkun taf biha għal xi waħda jew aktar mir-raġunijiet hawn taħt elenkati, ikun eskluż mil-parteċipazzjoni f'kuntratt pubbliku:

(a) parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, kif imfisser fl-Artikolu 2(1) ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/733/JHA;

(b) korruzzjoni, kif imfisser fl-Artikolu 3 ta' l-Att tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 1997 u l-Artikolu 3(1) ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/742/JHA rispettivament;

(ċ) frodi kif imfissra fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;

(d) ħasil ta' flus, kif imfisser fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-għanijet ta' ħasil tal-flus:

Iżda d-Direttur jista' jawtorizza deroga mill-applikazzjoni ta' dan is-subregolament għal ħtiġiet ogħla fl-interess ġenerali.

Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, l-awtoritajiet kontraenti għandhom, fejn ikun xieraq, jitolbu lil kandidati jew lil offerenti biex jippreżentaw id-dokumenti msemmija fis-subregolamenti (2) u (3) u jistgħu, meta jkollhom dubji li jirrigwardaw is-sitwazzjoni personali ta' dawk il-kandidati jew offerenti, japplikaw ukoll lill-awtoritajiet kompetenti biex jiksbu kull informazzjoni li huma jqisu bħala neċessarja dwar il-qagħda personali tal-kandidati jew ta' l-offerenti interessati.

Fejn l-informazzjoni għandha x'taqsam ma' kandidat jew offerent stabbilit f'xi Stat Membru li ma jkunx Malta, l-awtorità kontraenti tista' tfittex il-koperazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti. Waqt li jitqiesu l-liġijiet nazzjonali ta' l-Istat Membru fejn il-kandidati jew l-offerenti jkunu stabbiliti, talbiet bħal dawk għandhom jirrigwardaw persuni ġuridiċi u, jew naturali, inklużi, jekk ikun adatt, diretturi ta' kumpannija u kull persuna li jkollha setgħat ta' rappreżentanza, deċiżjoni jew kontroll fir-rigward tal-kandidat jew ta' l-offerent.

Prova tal-qagħda finanzjarja u ekonomika.

50. (1) Tista' tiġieb prova tal-qagħda finanzjarja u ekonomika ta' operatur ekonomiku, bħala regola ġenerali, fost l-oħrajn, b'xi ħaġa waħda jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) dikjarazzjonijiet adatti minn bankiera, jew fejn ikun adatt, prova ta' assigurazzjoni rilevanti kontra r-riskji fil-professjoni;

(b) il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-bilanċ jew siltiet minnhom, meta l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjonjiet tal-bilanċ hija meħtieġa taħt il-liġi dwar il-kumpanniji fil-pajjiż fejn l-operatur ekonomiku jkun stabbilit;

(ċ) dikjarazzjoni tat-*turnover* totali ta' l-operatur ekonomiku u fejn ikun adatt tat-*turnover* tiegħu fir-rigward tal-prodotti, xogħlijiet jew servizzi li għandhom x'jaqsmu mal-kuntratt għat-tliet snin finanzjarji ta' qabel skond meta kienet id-data li fiha ġie stabbilit l-operatur ekonomiku jew li fiha beda n-negozju tiegħu, safejn l-informazzjoni dwar dawn it-*turnovers* tkun disponibbli.

(2) Operatur ekonomiku jista', meta jkun xieraq u għal kuntratt partikolari, jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura legali ta' l-għaqda li għandu magħhom. F'dak il-każ għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti li ser ikollu disponibbli r-riżorsi meħtieġa, per eżempju, billi jipproduċi operatur ekonomiku minn dawk l-entitajiet għal dak il-għan.

(3) Taħt l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imfisser fir-regolament 31 jista' jiddependi fuq il-kapaċitajiet tal-parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

(4) Awtoritajiet kontraenti għandhom jispeċifikaw fl-avviż dwar kuntratt jew fl-istedina għall-offerta, liema mir-riferenzi msemmija fis-subregolament (1) jkunu ntgħażlu u liema jkunu dawk li għandhom jingħataw, u ta' kull riferenza oħra li tista' tqis adatta.

(5) Fil-każ li kandidat jew offerent ma jkunx jista', għal xi raġuni valida, jipprovdi r-riferenzi mitluba minn awtorità kontraenti, il-qagħda ekonomika u finanzjarja tiegħu jistgħu jiġu sostanzjati minn dokumenti oħra li l-awtorità kontraenti tqis li jkunu adatti.

Prova ta' kapaċità teknika.

51. (1) Il-kapaċitajiet tekniċi u, jew professjonali ta' l-operaturi ekonomiċi għandhom jiġu valutati u eżaminati skond is-subregolament (2).

(2) Il-prova tal-kapaċitajiet tekniċi ta' l-operaturi ekonomiċi tista' tingħata permezz ta' xi wieħed jew aktar mill-mezzi li ġejjin, skond in-natura, il-kwantità jew l-importanza, u l-użu tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi:

(a) (i) elenku tax-xogħlijiet magħmula matul l-aħħar ħames snin, flimkien ma' ċertifikati ta' eżekuzzjoni sodisfaċenti għax-xogħlijiet l-aktar importanti. Dawn iċ-ċertifikati għandhom jindikaw il-valur, data u lok tax-xogħlijiet u għandhom jispeċifikaw jekk twettqux skond ir-regoli tas-sengħa u jekk ġewx mitmuma kif suppost. Fejn ikun adatt, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat dawn iċ-ċertifikati direttament lill-awtorità kontraenti;

(ii) elenku tal-provvisti prinċipali kunsinnati jew tas-servizzi prinċipali mogħtija matul l-aħħar tliet snin, flimkien ma' l-ammonti ta' flus, id-dati u r-riċevituri ta' dawk il-provvisti jew servizzi, kemm pubbliċi jew privati, involuti. Tingħata prova tal-kunsinna u tas-servizzi mogħtijin:

- meta r-riċevitur kien awtorità kontraenti, fil-forma ta' ċertifikati maħruġin jew kontrofirmati mill-awtorità kompetenti;

- meta r-riċevitur kien xerrej privat, biċ-ċertifikazzjoni tax-xerrej jew, fin-nuqqas, sempliċement b'dikjarazzjoni mill-operatur ekonomiku;

(b) indikazzjoni tal-persunal tekniku jew tal-korpi tekniċi involuti, kemm jekk ikunu jappartjenu direttament għall-intrapriża ta' l-operatur ekonomiku kemm jekk ma jkunx, speċjalment dawk responsabbli għall-kontroll tal-kwalità u, fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, dawk il-persuni li fuqhom il-kuntrattur jista' jiddependi biex iwettaq ix-xogħlijiet;

(ċ) deskrizzjoni tal-faċilitajiet tekniċi u miżuri użati mill-fornitur jew mill-provditur tas-servizz biex tiġi żgurata l-kwalità u l-faċilitajiet ta' studju u ta' riċerka ta' l-operatur ekonomiku;

(d) meta l-prodotti jew servizzi li għandhom jiġu fornuti jkunu kumplessi jew, b'mod eċċezzjonali, ikunu meħtieġa għal xi għan speċjali, spezzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kontraenti jew f'isimhom minn korp uffiċjali kompetenti tal-pajjiż fejn il-fornitur jew il-provditur ta' servizzi huwa stabbiliti, bil-kunsens ta' dak il-korp, dwar il-kapaċitajiet tekniċi tal-fornitur jew il-kapaċità teknika tal-provditur ta' servizzi u, jekk ikun meħtieġ, dwar il-faċilitajiet ta' studju u riċerka li għandu u l-miżuri ta' kontroll tal-kwalità li jkun ser iwettaq;

(e) il-kwalifiki edukattivi u professjonali tal-provditur ta' servizzi jew tal-kuntrattur u, jew dawk tal-persunal maniġerjali ta' l-operatur ekonomiku u, b'mod partikolari, dawk tal-persuna jew persuni responsabbli biex jipprovdu s-servizzi jew li jamministraw ix-xogħol;

(f) għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi u kuntratti ta' servizzi pubbliċi, u f'każijiet adatti biss, indikazzjoni tal-miżuri ta' l-immaniġġar ambjentali li l-operatur ekonomiku jkun jista' japplika meta jwettaq il-kuntratt:

Iżda jekk l-awtoritajiet kontraenti jeħtieġu l-produzzjoni ta' ċertifikati mħejjija minn korpi indipendenti li jiċċertifikaw l-osservanza ta' l-operatur ekonomiku ma' ċerti *standards* ta' maniġġar ambjentali, dawn għandhom jirreferu għall-Iskema ta' l-Eko-Maniġġar u Verifika Komunitarja (EMAS) jew ma' *standards* ta' maniġġar ambjentali bażati fuq *standards* Ewropej jew internazzjonali rilevanti ċertifikati minn korpi li jikkonformaw mad-dritt Komunitarju jew *standards* Ewropej jew internazzjonali rilevanti li jirrigwardaw iċ-ċertifikazzjoni. Għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti

minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħra. Għandhom ukoll jaċċettaw provi oħra ta' miżuri ekwivalenti ta' maniġġar ambjentali minn operaturi ekonomiċi;

(g) dikjarazzjoni tal-medja ta' kull sena ta' nies li jaħdmu mal-provditur ta' servizzi jew kuntrattur u l-għadd tal-persunal maniġerjali għat-tliet snin li għaddew;

(h) dikjarazzjoni tat-tagħmir ta' għodda, impjanti jew dak tekniku disponibbli lill-provditur ta' servizzi jew kuntrattur biex iwettaq il-kuntratt;

(i) indikazzjoni tal-proporzjon tal-kuntratt li l-provditur ta' servizzi jista' jkollu ħsieb li jappalta;

(j) għal dak li jirrigwarda l-prodotti li għandhom jiġu fornuti:

(i) kampjuni, deskrizzjoni u, jew ritratti, li l-awtentiċità tagħhom għandha tkun awtentikata jekk l-awtorità kontraenti hekk titlob;

(ii) ċertifikati abbozzati minn istituti jew aġenziji uffiċjali ta' kontroll tal-kwalità b'kompetenza rikonoxxuta fejn tingħata prova ta' konformità ta' prodotti li jkunu identifikati b'mod ċar b'riferenzi għal speċifikazzjonijiet jew *standards*.

(3) Operatur ekonomiku jista', meta jkun xieraq u għal kuntratt partikolari, jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, irrispettivament min-natura legali ta' l-għaqda li għandu magħhom. F'dak il-każ għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti li ser ikollu disponibbli r-riżorsi meħtieġa, għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt, per eżempju, billi jipproduċi garanzija minn dawk l-entitajiet li jagħmlu dawk ir-riżorsi disponibbli għall-operatur ekonomiku.

(4) Safejn operaturi ekonomiċi għal kuntratt pubbliku jew għandu jkollhom awtorizzazzjoni partikolari jew ikunu membri ta' xi organizzazzjoni partikolari f'pajjiżhom stess biex ikunu jistgħu jagħtu s-servizz, il-provvista jew ix-xogħol inkwistjoni, l-awtorità kontraenti tista' teħtieġhom li jġibu prova li jkollhom dik l-awtorizzazzjoni jew dik is-sħubija.

(5) Operatur ekonomiku jista' jiġi mitlub iġib prova ta' l-iskrizzjoni tiegħu, kif meħtieġa fil-pajjiż tiegħu fejn ikun stabbilit, f'xi wieħed mir-reġistri professjonali jew kummerċjali jew li jipprovdi dikjarazzjoni jew ċertifikat kif imfisser fis-subregolament (10).

(6) Taħt l-istess kondizzjonijiet grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imfisser fir-regolament 31 jista' jiddependi fuq il-kapaċitajiet tal-parteċipanti fil-grupp jew f'entitajiet oħra.

(7) Fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti li jkollhom bħala l-għan tagħhom provvisti li jeħtieġu tqegħid fuq il-post jew xogħol ta' stallazzjoni, l-għoti ta' servizzi u, jew it-twettiq ta' xogħlijiet, il-kapaċità ta' l-operaturi ekonomiċi li jipprovdu s-servizz jew li jeżegwixxu l-istallazzjoni jew ix-xogħol tista' tiġi valutata b'mod partikolari skond l-abbiltà, l-effiċjenza, l-esperjenza u l-affidabilità tagħhom.

(8) L-awtorità kontraenti għandha tispeċifika, fl-avviż jew fl-istedina għal offerti, liema referenzi msemmija fis-subregolamenti (2) u (3) tixtieq tirċievi.

(9) Il-qies tat-tagħrif imsemmi fir-regolament 50 u fis-subregolamenti (1), (2), (3), (4), (5) u (6) għandhom ikunu jittrattaw biss il-materja attwali tal-kuntratt pubbliku.

(10) L-awtorità kontraenti għandha tqis l-interessi leġittimi ta' kandidati u offerenti dwar l-ħarsien ta' sigrieti tekniċi jew kummerċjali tagħhom.

(11) Id-Dipartiment tal-Kuntratti għandu jsemmi liema jkunu l-awtoritajiet u l-korpi kompetenti li joħorġu d-dokumenti, ċertifikati jew dikjarazzjonijiet imsemmija f'dan regolament u għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra b'dan.

(12) Għandu jinżamm mid-Dipartiment tal-Kuntratti elenku tar-reġistri professjonali u kummerċjali rilevanti u l-awtoritajiet li mingħandhom jistgħu jinkisbu d-dikjarazzjonijiet jew ċertifikati rilevanti, u dan għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

Tagħrif li jissupplimenta.

52. (1) Meta l-awtoritajiet kontraenti jeħtieġu l-produzzjoni ta' ċertifikati mħejjija minn korpi indipendenti li jiċċertifikaw l-osservanza mill-osservatur ekonomiku ta' ċerti *standards* ta' assikurazzjoni ta' kwalità, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jirreferu għal sistemi ta' assikurazzjoni ta' kwalità bażati fuq serje ta' *standards* Ewropej rilevanti ċertifikati minn korpi li josservaw is-serje ta' *standards* Ewropej li jirrigwardaw iċ-ċertifikazzjoni. Għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħra. Għandhom ukoll jaċċettaw provi oħra ta' miżuri ta' assikurazzjoni ta' kwalità minn operaturi ekonomiċi.

(2) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistiednu lill-kandidati jew lill-offerenti jissupplementaw jew jiċċaraw iċ-ċertifikati u d-dokumenti preżentati skond is-subregolament (1) u r-regolament 49.

Rapport lill-Kummissjoni.

53. (1) Id-Direttur tal-Kuntratti għandu jipprepara u jibgħat lill-Kummissjoni rapport statistiku fuq il-kuntratti mogħtijin mill-awtoritajiet kontraenti elenkati fi Skeda 1 matul is-sena ta' qabel, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

(2) Ir-rapport statistiku għandu mill-inqas jagħti:

(a) il-valur kollu stmat tal-kuntratti li jkunu ġew mogħtija taħt il-limiti stabbiliti minn kull awtorità kontraenti jew kategorija ta' awtoritajiet kontraenti, u

(b) l-għadd u l-valur tal-kuntratti li jkunu ġew mogħtija 'l fuq mil-limiti stabbiliti minn kull awtorità kontraenti jew kategorija ta' awtoritajiet kontraenti, sottodiviżi kemm jista' jkun possibbli bil-proċedura, il-kategorija ta' xogħlijiet, prodott jew servizz bl-użu tan-nomenklaturi CPV, u ċ-ċittadinanza ta' l-offerent li lilu jkun ġie mogħti l-kuntratt u, fil-każ ta' proċeduri negozjati, sottodiviż skond ir-regolamenti 38, u l-għadd u l-valur tal-kuntratti li jkunu ġew mogħtija lil kull Stat Membru u lil pajjiżi li ma jkunux Stati Membri.

TAQSIMA VI

Tipi ta' Kuntratti

Sezzjoni A

Kuntratti ta' servizzi pubbliċi

Skop.

54. (1) Il-kuntratti ta' servizzi pubbliċi u l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet dwar id-disinni, meta l-valur stmat tal-kuntratt jew il-kompetizzjoni dwar id-disinn meta jintbagħat l-avviż dwar kuntratt ta' l-UE jew żmien ekwivalenti meta dak l-avviż ma jkunx meħtieġ, tkun daqs jew teċċedi l-valur tal-limitu stabbilit, għandhom jiġu mogħtija skond dawn ir-regolamenti, ħlief għat-Taqsimiet II, III, VI Sezzjoni B, VI Sezzjoni Ċ u VII li ma għandhomx japplikaw għalihom.

(2) Din it-Taqsima għandha wkoll tapplika għal kuntratti ta' servizzi pubbliċi, li l-valur stmat tagħhom ikun daqs jew jeċċedi il-valur tal-limitu ta' Lm63,000 mingħajr ebda VAT, maħruġin f'dak li għandu x'jaqsam ma' kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi b'sussidju skond ir-regolament 69(2), minn awtorità li ma tkunx awtorità kontraenti, meta ħamsin fil-mija jew aktar tal-valur tal-kuntratt ta' servizzi pubbliċi jkun direttament sussidjat mill-awtorità kontraenti. L-awtoritajiet kontraenti li jagħtu dawk is-sussidji għandhom jiżguraw l-osservanza ta' dan ir-regolament kemm meta huma stess jagħtu l-kuntratt f'isem u għal dawk l-entitajiet l-oħra kemm meta l-kuntratt

pubbliku jingħata minn entità waħda jew aktar li ma jkununx huma nnifishom.

(3) Din it-Taqsima għandha ukoll tapplika għal kuntratti pubbliċi maħsuba biex ikopru kemm xogħlijiet elenkati fl-Iskeda 5 kif ukoll servizzi elenkati fl-Iskedi 6 u 7, jekk l-valur tas-servizzi inkwistjoni jkun jeċċedi dak tax-xogħlijiet koperti bil-kuntratt.

(4) (a) Kuntratti pubbliċi li jkopru s-servizzi elenkati fi Skeda 6 għandhom jingħataw skond dawn ir-regolamenti.

(b) Kuntratti pubbliċi li jkopru s-servizzi elenkati fi Skeda 7 jkunu unikament soġġetti għar-regolamenti 45 u 48(4).

(ċ) Kuntratti li jkopru s-servizzi elenkati kemm fi Skeda 6 kemm fi Skeda 7 jingħataw skond dawn ir-regolamenti meta l-valur tas-servizzi elenkati fi Skeda 6 ikun ogħla mill-valur tas-servizzi elenkati fi Skeda 7. F'każijiet oħra, il-kuntratti jingħataw skond ir-regolamenti 45 u 48(4).

Applikazzjoni.

55. Meta awtoritajiet kontraenti jkunu jeħtieġu l-produzzjoni ta' ċertifikati li jiġu mħejjija minn korpi indipendenti biex ikunu ta' prova tal-konformità ta' servizz ma' ċerti *standards* ta' assikurazzjoni ta' kwalità, dawn għandhom jirreferu għal sistemi ta' assikurazzjoni ta' kwalità bażati fuq is-serje rilevanti ta' *Standards* Ewropej EN 29 000 awtentikata mill-korpi li jikkonformaw mas-serje ta' *Standards* Ewropej EN 45 000. Dawn għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħra. Dawn għandhom ukoll jaċċettaw kull prova oħra ta' miżuri ekwivalenti ta' assikurazzjoni ta' kwalità minn provdituri ta' servizzi li ma għandhom ebda aċċess għal dawk iċ-ċertifikati, jew ebda possibilità li jiksbuhom f'termini ta' żmien rilevanti.

Applikazzjoni fuq żewġ stadji.

56. (1) Meta kuntratt ta' servizzi pubbliċi għandu jingħata dwar servizz klassifikat taħt l-Iskeda 6, l-awtorità kontraenti għandha tapplika d-disposizzjonijiet kollha rilevanti ta' dawn ir-regolamenti kif japplikaw għal kuntratti pubbliċi li l-valur stmat tagħhom ikun daqs jew jeċċedi l-limitu stabbilit.

(2) L-awtorità kontraenti għandha tosserva d-disposizzjonijiet tar-regolament 45 meta jkun qed jingħata kuntratt ta' servizzi pubbliċi dwar servizz klassifikat taħt Skeda 7. Hija għandha tibgħat avviż ta' għoti ta' l-UE lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali u għandha tindika fl-avviż ta' l-UE jekk tkunx bi ħsiebha tippublikah jew le.

(3) Meta kuntratt ta' servizzi pubbliċi jkun ser jingħata dwar servizzi klassifikati taħt Skeda 6 u servizzi klassifikati taħt Skeda 7, dan għandu jiġi klassifikat bħala li hu għal servizzi klassifikati taħt

Skeda 6 jekk il-valur stmat tas-servizzi klassifikati taħt Skeda 6 ikun jeċċedi il-valur stmat tas-servizzi klassifikati taħt Skeda 7.

Kompetizzjonijiet dwar id-disinni.

57. (1) Ir-regoli dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet dwar id-disinn kif hawn stabbiliti għandhom jiġu komunikati lil kull min ikun interessat jipparteċipa fil-kompetizzjoni.

(2) Id-dħul ta' parteċipanti fil-kompetizzjonijiet dwar id-disinn ma għandux ikun limitat minħabba:

(a) f'referenza għal Malta jew parti minn Malta;

(b) f'raġunijiet li l-parteċipanti jkunu meħtieġa li jkunu persuni naturali jew ġuridiċi.

(3) Kompetizzjoni dwar id-disinn tkun organizzata minn:

(a) awtoritajiet kontraenti li jkunu awtoritajiet tal-gvern ċentrali, għal kompetizzjonijiet li jibdew minn limitu stabbilit daqs jew ogħla minn Lm63,000;

(b) awtoritajiet kontraenti li mhumiex awtoritajiet tal-gvern ċentrali, għal kompetizzjonijiet li jibdew minn limitu stabbilit daqs jew ogħla minn Lm97,000;

(ċ) l-awtoritajiet kontraenti kollha, għal kompetizzjonijiet li jibdew minn limitu stabbilit daqs jew ogħla minn Lm97,000 meta l-kompetizzjonijiet jirrigwardaw servizzi tal-kategorija 8 fi Skeda 6, il-kategorija 5 servizzi ta' telekomunikazzjoni, li l-pożizzjonijiet tagħhom fil-CPV huma ekwivalenti għan-Numri ta' referenza CPC 7524, 7525 u 7526 u, jew servizzi elenkati fi Skeda 7.

(4) Dan ir-regolament jgħodd għal:

(a) kompetizzjonijiet dwar id-disinn organizzati bħala parti minn proċedura li twassal għall-għoti ta' kuntratt ta' servizzi pubbliċi;

(b) kompetizzjonijiet dwar id-disinn bi premjijiet u, jew ħlasijiet lill-parteċipanti.

Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (a) il-limitu stabbilit jirreferi għall-valur stmat, mingħajr ebda VAT, tal-kuntratt ta' servizzi pubbliċi, inkluż kull premju possibbli u, jew ħlas lill-parteċipanti. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (b), il-limitu stabbilit jirreferi għall-ammont totali tal-premjijiet u tal-ħlasijiet, inkluż il-valur stmat mingħajr ebda VAT tal-kuntratt ta' servizzi pubbliċi li jista'

sussegwentement jiġi konkluż skond ir-regolament 59(ċ) jekk l-awtorità kontraenti ma teskludix dan l-għoti mill-avviż dwar il-kompetizzjoni.

(5) Dan ir-regolament ma jgħoddx għal:

(a) kompetizzjonijiet dwar id-disinn skond it-tifsira tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi li huma organizzati minn awtoritajiet kontraenti li jeżerċitaw attività waħda jew aktar imsemmija fir-regolamenti 3 sa 7 tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi u li huma organizzati għat-twettieq ta' dawk l-attivitajiet; l-anqas ma għandu jgħodd għal kompetizzjonijiet eskluży mill-iskop ta' dan ir-regolament:

Iżda dan ir-regolament għandu jkompli jgħodd għal kompetizzjonijiet dwar id-disinn li jingħataw minn awtoritajiet kontraenti li jwettqu xi attività waħda jew aktar imsemmija fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/17/KE u mogħtija għal dawk l-attivitajiet, safejn tiġi applikata l-għażla msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 71 ta' dik id-Direttiva biex tiġi posposta l-applikazzjoni tiegħu;

(b) kompetizzjonijiet li huma organizzati fl-istess każijiet bħal dawk imsemmija fir-regolament 16 għal kuntratti ta' servizzi pubbliċi.

(6) (a) Awtoritajiet kontraenti li bi ħsiebhom jagħmlu kompetizzjoni dwar id-disinn għandhom jgħarrfu l-intenzjonijiet tagħhom permezz ta' avviż dwar kompetizzjoni.

(b) Awtoritajiet kontraenti li jkunu għamlu kompetizzjoni dwar id-disinn għandhom jibgħatu avviż dwar ir-riżultati tal-kompetizzjoni skond ir-regolament 48 u għandhom ikunu jistgħu jagħtu prova tad-data meta jintbagħat l-avviż.

(ċ) Meta r-rilaxx ta' informazzjoni dwar ir-riżultat ta' kompetizzjoni jkun jista' jostakola l-infurzar tal-liġi, ikun xort'oħra kuntrarju għall-interess pubbliku, ikun jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' intrapriża partikolari, pubblika jew privata, jew ikun jista' jippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn provdituri ta' servizzi, ma jkunx hemm bżonn li dik l-informazzjoni tiġi pubblikata.

(7) (a) L-avviżi msemmija fis-subregolament (6) għandu jkun fihom l-informazzjoni msemmija fl-Anness I D ma' Skeda 9 skond mudelli *standard* ta' avviżi adottati mill-Kummissjoni.

(b) L-avviżi għandhom jiġu pubblikati skond ir-

regolament 48(6) sa (11).

(8) (a) Ir-regolament 44(1), (2) u (4) għandu japplika għall-komunikazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu ma' kompetizzjonijiet.

(b) Il-komunikazzjonijiet, l-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni jkunu b'dak il-mod li l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' l-informazzjoni kollha komunikata mill-parteċipanti f'kompetizzjoni jinżammu u li l-aġġudikanti ma jiddeterminawx il-kontenut ta' pjanijiet u proġetti ħlief wara li jiskadi l-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tagħhom.

(ċ) Ir-regoli li ġejjin jgħoddu għal tagħmir biex wieħed jirċievi elettronikament pjanijiet u proġetti:

(i) l-informazzjoni li tirrigwarda l-ispeċifikazzjonijiet li hi meħtieġa għall-preżentazzjoni ta' pjanijiet u proġetti b'mezzi elettroniċi, inkluż il-qlib ta' *data* f'kodiċi, tkun disponibbli għall-partijiet interessati. B'żieda ma' dan, it-tagħmir biex wieħed jirċievi elettronikament pjanijiet u proġetti għandu jkun konformi mal-ħtiġiet ta' Skeda 11;

(ii) l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jintroduċu jew iżommu fis-seħħ arranġamenti volontarji għall-akkreditazzjoni maħsuba biex itejbu l-livell tas-servizz ta' awtentikazzjoni li hemm provdut għal dak it-tagħmir.

(9) Meta kompetizzjonijiet dwar id-disinni jkunu ristretti għal għadd limitat ta' parteċipanti, l-awtorità kontraenti għandha tistipula kriterji ta' għażla ċari u mhux diskriminatorji. F'kull każ, l-għadd ta' kandidati mistiedna għandu jkun biżżejjed biex jiżgura kompetizzjoni ġenwina.

(10) Il-*panel* ikun magħmul esklużivament minn persuni naturali li jkunu indipendenti mill-parteċipanti fil-kompetizzjoni. Meta tkun meħtieġa kwalifika professjonali partikolari mill-parteċipanti f'kompetizzjoni, għall-inqas terz mill-membri għandu jkollu l-kwalifika jew kwalifika ekwivalenti.

(11) (a) Il-*panel* għandu jkun awtonomu fid-deċiżjonijiet u l-fehmiet tiegħu.

(b) Dan għandu jeżamina l-pjanijiet u l-proġetti preżentati mill-kandidati unikament abbażi tal-kriterji indikati fl-avviż tal-kompetizzjoni.

(ċ) Dan għandu jirreġistra l-klassifikazzjoni tiegħu tal-proġetti f'rapport, iffirmat mill-membri tiegħu, magħmul skond il-merti ta' kull proġett, flimkien mar-rimarki tiegħu u xi punti li jistgħu jeħtieġu kjarifika.

(d) Għandha tkun osservata l-anonimità sakemm il-*panel* jasal għall-opinjoni jew id-deċiżjoni tiegħu.

(e) Il-kandidati jistgħu jiġu mistiedna, jekk jinqala' il-bżonn, li jwieġbu għal mistoqsijiet li l-*panel* ikun irreġistra fil-minuti biex jiġu kjarifikati xi aspetti tal-proġetti.

(f) Għandhom jinżammu minuti kompluti dwar id-djalogu bejn il-membri tal-*panel* u u l-kandidati.

Wara l-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE

58. (1) B'mod konformi mar-regolament 38(1), awtorità kontraenti tista' tagħti kuntratti ta' servizzi pubbliċi bi proċedura negozjata, bil-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE:

(a) fil-każ ta' offerti b'risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta li huma irregolari jew mhux aċċettabbli għal raġunijiet konsistenti ma' dawn ir-regolamenti, sakemm il-pattijiet oriġinali tal-kuntratt ma jkunux sostanzjalment mibdula. F'dawk il-każijiet awtorità kontraenti tista' toqgħod lura milli tippubblika avviż ta' l-UE dwar kuntratt meta hija tinkludi fil-proċedura negozjata lil dawk l-offerenti biss kollha li jkunu jissodisfaw il-kriterji tar-regolamenti 45 u 49 sa 52 u li matul il-proċedura miftuħa jew ristretta ta' qabel ikunu ipprezentaw offerti skond il-ħtiġiet formali tal-proċedura ta' l-offerti;

(b) f'każijiet eċċezzjonali, meta x-xorta ta' servizzi jew ir-riskji involuti ma jkunux jippermettu għoti minn qabel ta' prezzijiet totali;

(ċ) meta x-xorta ta' servizzi li għandhom jiġu akkwistati, b'mod partikolari fil-każ ta' servizzi intellettwali u servizzi li jaqgħu fil-kategorija 6 ta' Skeda 6, ikunu tali li l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt ma jistgħux jiġu stabbiliti bi preċiżjoni biżżejjed li tkun tippermetti l-għoti tal-kuntratt bl-għażla ta' l-aħjar offerta skond ir-regoli li jirregolaw proċeduri miftuħa jew ristretti.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinnegozjaw ma' l-offerenti l-offerti preżentati minnhom sabiex jadattawhom għall-ħtiġiet li jkunu ġew stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt, fl-ispeċifikazzjonijiet u fid-dokumenti

addizzjonali, jekk ikun hemm, u biex isibu l-aħjar offerta skond ir-regolament 27.

(3) Waqt in-negozjati, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-offerenti kollha jiġu trattati b'mod ugwali. B'mod partikolari ma għandhomx jagħtu informazzjoni b'mod diskriminatorju li tista' tagħti xi vantaġġ lil xi offerenti fuq l-oħrajn.

(4) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jippreskrivu li l-proċedura negozjata titwettaq fi stadji suċċessivi sabiex jitnaqqas l-għadd ta' offerti li għandhom jiġu negozjati billi japplikaw il-kriterji ta' l-għoti fl-avviż dwar kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet. L-avviż dwar kuntratt jew l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jindikaw jekk tkunx saret din l-għażla.

Mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE

59. L-awtorità kontraenti tista' tagħti kuntratti ta' servizzi pubbliċi bi proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE:

(a) fin-nuqqas ta' offerti jew offerti adatti jew applikazzjonijiet b'risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta, sakemm il-kondizzjonijiet oriġinali tal-kuntratt ma jkunux sostanzjalment mibdula u sakemm jiġi fuq talba tagħha komunikat rapport lill-Kummissjoni;

(b) meta, għal raġunijiet tekniċi jew artistiċi, jew għal raġunijiet konnessi mal-ħarsien ta' jeddijiet esklużivi, is-servizzi jistgħu jiġu provduti biss minn operatur ekonomiku partikolari;

(ċ) meta l-kuntratt inkwistjoni jiġi mogħti wara li ssir kompetizzjoni dwar disinn u għandu jiġi mogħti lil xi kandidat wieħed jew aktar li jirnexxu, f'liema każ dawn għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fin-negozjati;

(d) sakemm ikun strettament meħtieġ, meta t-termini ta' żmien għal proċeduri miftuħa, ristretti jew negozjati msemmija fir-regolamenti 39 u 40 ma jkunux jistgħu jiġu rispettati minħabba f'raġunijiet ta' urġenza estrema kaġunata minn grajjiet imprevedibbli. Iċ-ċirkostanzi li jiġu invokati biex jiġġustifikaw l-urġenza ma għandhomx ikunu attribwibbli lill-awtorità kontraenti;

(e) sakemm ikun strettament meħtieġ, għal servizzi addizzjonali mhux inklużi fil-proġett ikkunsidrat fl-ewwel lok jew fil-kuntratt li jkun sar l-ewwel, imma li jkunu, minħabba f'ċirkostanzi imprevedibbli, saru meħtieġa għall-eżekuzzjoni tas-servizz hemm deskritt, bil-kondizzjoni li l-għoti jsir favur l-

operatur ekonomiku li jkun qed jagħti dak is-servizz:

(i) meta dawk is-servizzi addizzjonali ma jistgħux ikunu teknikament jew ekonomikament separati mill-kuntratt prinċipali mingħajr inkonvenjenza kbira għall-awtorità kontraenti, jew

(ii) meta dawk is-servizzi addizzjonali, għalkemm separabbli mit-twettiq tal-kuntratt oriġinali, jkunu strettament meħtieġa biex jiġi kompletat:

Iżda l-valur stmat aggregat tal-kuntratti li jiġi mogħti għal servizzi addizzjonali ma jistax jeċċedi ħamsin fil-mija mill-ammont tal-kuntratt prinċipali;

(f) sakemm ikun strettament meħtieġ, għal servizzi ġodda li jikkonsistu fir-ripetizzjoni ta' servizzi simili fdati lill-operatur ekonomiku li lilu l-istess awtorità kontraenti tkun tat kuntratt aktar qabel, sakemm dawk is-servizzi jkunu jikkonformaw ma' proġett bażiku li dwaru jkun ġie oriġinalment mogħti kuntratt bi proċeduri miftuħa jew ristretti:

Iżda meta awtorità kontraenti tkun bi ħsiebha tagħti serje ta' offerti għall-istess proġett, għandu l-ewwel jingħata avviż ta' l-UE li jiddikjara li x'aktarx tiġi adottata l-proċedura negozjata, u għandu jistipula n-nefqa stmata totali tas-servizzi ta' wara li għandhom jitqiesu mill-awtorità kontraenti meta jiġu applikati d-disposizzjonijiet tar-regolament 15.

Din il-proċedura tista' tiġi applikata unikament matul il-tliet snin li jiġu wara li jkun sar il-kuntratt oriġinali.

Tagħrif.

60. (1) L-awtorità kontraenti tista' tiddikjara fid-dokumenti tal-kuntratt, jew tiġi mġiegħelha mid-Direttur tal-Kuntratti li tiddikjara, l-awtorità jew awtoritajiet li minnhom kandidat jew offerent jista' jikseb tagħrif adatt dwar l-obbligi li jirrigwardaw d-disposizzjonijiet dwar it-taxxi, il-ħarsien ta' l-ambjent, il-ħarsien ta' l-impjiegi u l-kondizzjonijiet tax-xogħol li jkunu fis-seħħ f'Malta, jew fir-reġjun jew fil-lokalità fejn ikollhom isiru s-servizzi u li għandhom ikunu japplikaw għat-twettiq tal-kuntratt.

(2) Awtorità kontraenti li tipprovdi t-tagħrif imsemmi fis-subregolament (1) għandha titlob lill-offerenti jew kandidati fil-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt biex jindikaw li jkunu qiesu, meta kienu qed jabbozzaw l-offerta tagħhom, l-obbligi dwar il-ħarsien ta' l-impjiegi u l-kondizzjonijiet tax-xogħol li jkunu fis-seħħ fil-post fejn is-servizz għandu jingħata. Dan ikun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regolament 28.

61. Awtoritajiet kontraenti li jkunu aċċettaw elementi li jvarjaw skond ir-regolament 46 ma jistgħux jiċħdu varjant għar-raġuni biss li dan ikun iwassal, jekk jirnexxi, għal kuntratt ta' provvista iktar minn kuntratt ta' servizzi pubbliċi skond it-tifsira ta' dan ir-regolament. Ċħid ta' elementi li jvarjaw.

62. Kandidati jew offerenti li, taħt il-liġi ta' l-Istat Membru fejn ikunu stabbiliti, ikollhom jedd li jitwettqu attività ta' servizzi rilevanti, ma għandhomx jiġu miċħuda unikament abbażi li, taħt il-liġi ta' Malta, kienu jkunu meħtieġa li jkunu jew persuni naturali jew persuni legali. Jedd li titwettaq attività ta' servizzi.

63. Għall-finijiet ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi minn awtoritajiet kontraenti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom japplikaw fir-relazzjonijiet tagħhom kondizzjonijiet daqstant favorevoli daqs dawk li huma jagħtu lil operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern, konkluż fil-qafas tan-negozjati multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Uruguay. Id-Dipartiment tal-Kuntratti għandu għal dan il-għan jikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv dwar Kuntratti Pubbliċi stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 71/306/KEE. Pajjiżi terzi.

Sezzjoni B

Kuntratti ta' provvista pubblika

64. (1) Kuntratti ta' provvista pubblika, meta l-valur stmat tal-kuntratt ikun daqs jew jeċċedi l-valur tal-limitu stabbilit, għandhom jiġu mogħtija skond dawn ir-regolamenti, ħlief għat-Taqsimiet II, III, VI Sezzjoni A, VI Sezzjoni Ċ u VII li ma għandhomx japplikaw għalihom. Skop.

(2) Meta awtorità kontraenti tagħti lil xi korp ieħor li ma jkunx awtorità kontraenti, irrispettivament mill-istatus legali tiegħu, jeddijiet speċjali jew esklużivi biex jingaġġaw f''xi attività tas-servizz pubbliku, l-istrument li jagħti dan il-jedd għandu jistipula li l-korp inkwistjoni għandu josserva l-prinċipju li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni minħabba fiċ-ċittadinanza meta jkun qed jagħti kuntratti ta' provvista pubblika lil terzi.

(3) Din it-Taqsima għandha tapplika għal kuntratti ta' provvista pubblika li l-valur stmat tagħhom ikun daqs jew jeċċedi il-limitu stabbilit inkwistjoni mal-pubblikazzjoni ta' l-avviż ta' l-UE.

65. (1) (a) L-awtorità kontraenti tista' tagħti kuntratti ta' provvista pubblika bi proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE fil-każ ta' offerti b'risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta, li jkunu irregolari jew inaċċettabbli Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE

għal raġunijiet konsistenti ma' dawn ir-regolamenti u sakemm il-pattijiet oriġinali tal-kuntratt ma jkunux sostanzjalment mibdula. L-awtorità kontraenti għandha f'dawn il-każijiet tippubblika avviż dwar kuntratt ta' l-UE, kemm-il darba ma jiġux inklużi f'dawk il-proċeduri negozjati l-operaturi ekonomiċi kollha biss li jkunu jissodisfaw il-kriterji tar-regolamenti 45 u 49 sa 52 li, matul il-proċedura miftuħa jew ristretta ta' qabel, jkunu ppreżentaw offerti skond il-ħtiġiet formali tal-proċedura ta' l-offerti.

(b) F'każijiet eċċezzjonali, meta x-xorta tal-provvisti jew ir-riskji marbutin magħhom ma jippermettux li jiġi stabbilit prezz totali minn qabel.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinnegozjaw ma' l-offerenti l-offerti preżentati minnhom sabiex jadattawhom għal ħtiġijiet li huma jkunu niżżlu fl-avviż dwar kuntratt, l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti addizjonali, jekk ikun hemm, u biex jfittxu l-aħjar offerta skond ir-regolament 27.

(3) Matul in-negozjati, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw trattament ugwali ma' l-offerenti kollha. Partikolarment, huma m'għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li tista' tagħti lil xi offerenti vantaġġ fuq oħrajn.

(4) Awtoritajiet kontraenti jistgħu jippreskrivu li l-proċedura negozjata ssir fi stadji suċċessivi biex b'hekk jitnaqqas l-għadd ta' offerti li għandhom jiġu negozjati billi jiġu applikati l-kriterji ta' għoti fl-avviż dwar kuntratt jew l-ispeċifikazzjonjiet. L-avviż dwar kuntratt jew l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jindikaw jekk tkunx saret din l-għażla.

Mingħajr il-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE

66. L-awtorità kontraenti tista' tagħti l-kuntratti ta' provvista pubblika tagħha bi proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE, fil-każijiet li ġejjin:

(a) fil-każ li ma jiġu riċevuti ebda offerti jew offerti adatti jew ma jiġu preżentati ebda applikazzjonijiet b'risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta sakemm il-pattijiet oriġinali tal-kuntratt ma jkunux sostanzjalment mibdula u jiġi komunikat rapport lill-Kummissjoni fuq it-talba tiegħu;

(b) meta l-prodotti involuti jkunu manifatturati biss bil-għan ta' riċerka, esperiment, studju jew żvilupp. Din id-disposizzjoni ma għandhiex testendi għall-produzzjoni kwantitattiva sabiex tiġi stabbilita vijabilità kummerċjali jew għall-irkupru ta' infiq għar-riċerka u l-iżvilupp;

(ċ) meta, għal raġunijiet tekniċi jew artistiċi, jew għal

raġunijiet konnessi mal-ħarsien ta' jeddijiet esklużivi, il-kuntratt jista' jingħata biss lil operatur ekonomiku partikolari;

(d) daqstant kemm ikun tassew meħtieġ meta t-termini ta' żmien għal proċeduri miftuħa, ristretti jew negozjati msemmija fir-regolamenti 39 u 40 ma jkunux jistgħu jiġu rispettati minħabba f'raġunijiet ta' urġenza estrema kaġunati minn ġrajjiet imprevedibbli mill-awtorità kontraenti sakemm iċ-ċirkostanzi invokati biex jiġġustifikaw dik l-urġenza ma għandhomx ikunu attribwibbli lill-awtorità kontraenti;

(e) dwar kunsinni addizzjonali mill-fornitur oriġinali li jkunu maħsuba jew bħala sostituzzjoni parzjali ta' provvisti jew installazzjonijiet normali jew bħala estensjoni ta' provvisti jew installazzjonijiet eżistenti meta bidla fil-fornitur iġġiegħel lill-awtorità kontraenti tikseb materjal li jkollu karatteristiċi tekniċi differenti li x'aktarx jirriżultaw f'inkompatibilità jew f'diffikultajiet tekniċi sproporzjonati fit-tħaddim u l-manutenzjoni. It-tul ta' dawk il-kuntratti kif ukoll dak ta' kuntratti rikorrenti ma jistax, bħala regola ġenerali, jeċċedi t-tliet snin;

(f) għal provvisti kwotati u mixtrija f'suq ta' merkanzija;

(g) għax-xiri ta' provvisti b'pattijiet partikolarment vantaġġużi, jew minn fornitur li definittivament qiegħed jagħlaq in-negozju tiegħu, jew minn stralċjarji jew likwidaturi ta' falliment, arranġament ma' kredituri, jew proċedura simili skond il-liġijiet ta' Malta.

Ċħid ta' elementi li jvarjaw.

67. Awtoritajiet kontraenti li jkunu aċċettaw elementi li jvarjaw skond ir-regolament 46 ma jistgħux jiċħdu xi element li jvarja unikament minħabba f'li dan jista' jwassal, jekk jirnexxi, għal kuntratt ta' servizzi aktar minn kuntratt ta' provvista pubblika skond it-tifsira ta' dan ir-regolament.

Pajjiżi terzi.

68. Għall-finijiet ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi mill-awtoritajiet kontraenti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom japplikaw fir-relazzjonijiet tagħhom kondizzjonijiet daqstant favorevoli bħalma huma dawk li huma jagħtu lil operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern, konkluż fil-qafas tan-negozjati multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Uruguay. Id-Dipartiment tal-Kuntratti għandu għal dan il-għan jikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv dwar Kuntratti Pubbliċi stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 71/306/KEE.

Sezzjoni Ċ

Kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi

Skop.

69. (1) Kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi u konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi meta l-valur stmat tal-kuntratt jew konċessjoni, meta jintbagħat l-avviż dwar kuntratt ta' l-UE għall-pubblikazzjoni, ikun daqs jew ikun jeċċedi l-valur tal-limitu stabbilit, għandhom jiġu mogħtija skond dawn ir-regolamenti, ħlief għat-Taqsimiet II, III, VI Sezzjoni A, VI Sezzjoni B u VII li ma għandhomx japplikaw għalihom.

(2) Din it-Taqsima għandha wkoll tapplika għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi maħruġa minn awtorità li ma tkunx awtorità kontraenti meta dawk il-kuntratti jinvolvu attivitajiet ta' inġinerija ċivili jew xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal sptarijiet, faċilitajiet maħsuba għall-isports, rikreazzjoni u mistrieħ, bini ta' skejjel u universitajiet jew bini użat għal għanijiet amministrattivi, li l-valur stmat tagħhom ikun daqs jew jeċċedi il-valur tal-limitu stabbilit ta' Lm2,448,000 mingħajr ebda VAT, imma fejn ħamsin fil-mija jew aktar tal-valur tal-kuntratt ta' xogħlijiet pubbliċi jkun sussidjat mill-awtorità kontraenti. L-awtoritajiet kontraenti li jagħtu dawk is-sussidji għandhom jiżguraw l-osservanza ta' dan ir-regolament kemm meta huma stess jagħtu l-kuntratt f'isem u għal dawk l-entitajiet l-oħra kif ukoll meta l-kuntratt pubbliku jingħata minn entità waħda jew aktar ħlief huma stess.

Konċessjoni ta' xogħlijiet pubbliċi.

70. (1) Kuntratti ta' konċessjoni għal xogħlijiet pubbliċi konklużi minn awtoritajiet kontraenti meta l-valur tal-kuntratti jkun ugwali jew iżjed minn Lm2,448,000 għandhom jiġu regolati b'dan ir-regolament. Il-valur għandu jiġi kalkolat skond ir-regoli applikabbli għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi mfissra fir-regolament 15.

(2) Dan ir-regolament ma għandux japplika għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi li jiġu mogħtija:

(a) fil-każijiet imsemmija fir-regolament 16 fir-rigward ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi;

(b) minn awtoritajiet kontraenti li jkunu qegħdin jeżerċitaw xi attività jew aktar imsemmija fir-regolamenti 3 sa 7 tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi, meta dawk il-konċessjonijiet huma mogħtija sabiex jiġu mwettqa dawk l-attivitajiet:

Iżda din it-Taqsima għandha tkompli tgħodd għal konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi mogħtija minn awtoritajiet kontraenti li jwettqu attività waħda jew aktar

imsemmija fir-regolament 6 tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi u mogħtija għal dawk l-attivitajiet.

(3) (a) Awtoritajiet kontraenti li jkunu jixtiequ jagħtu kuntratt ta' konċessjoni għal xogħlijiet pubbliċi għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz ta' avviż.

(b) L-avviżi ta' konċessjonjiet għal xogħlijiet pubbliċi għandu jkollhom fihom l-informazzjoni msemmija fl-Anness I Ċ ta' Skeda 9 u, fejn xieraq, kull informazzjoni oħra meqjusa utli mill-awtorità kontraenti, skond il-formuli *standard* adottati mill-Kummissjoni.

(ċ) L-avviżi għandhom jiġu pubblikati skond ir-regolament 48(6) sa (12).

(4) Meta l-awtoritajiet kontraenti jagħmlu użu minn konċessjonijiet ta' xogħlijiet pubbliċi, il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' appikazzjonijiet għall-konċessjonijiet ma għandux ikun ta' inqas minn tnejn u ħamsin ġurnata mid-data li jintbagħat l-avviż, ħlief fejn japplika r-regolament 40(4). Għandu japplika r-regolament 40(7).

(5) L-awtorità kontraenti tista':

(a) jew titlob lill-konċessjonarju biex jagħti kuntratti li jirrappreżentaw minimu ta' tletin fil-mija tal-valur totali tax-xogħol li għalih il-kuntratt ta' konċessjoni għandu jkun mogħti, lil terzi, u fl-istess żmien jipprovdi l-għażla lill-kandidati biex tiżdied din il-perċentwali, b'din il-perċentwali minima tkun speċifikata fil-kuntratt ta' konċessjoni,

(b) jew titlob lill-kandidati għal kuntratti ta' konċessjoni biex jispeċifikaw fl-offerti tagħhom il-perċentwali, jekk ikun hemm, tal-valur totali tax-xogħol li għalih il-kuntratt ta' konċessjoni għandu jkun mogħti, li huma jkollhom il-ħsieb jassenjaw lil terzi.

(6) Dan ir-regolament ma għandux japplika għal xogħlijiet addizzjonali mhux inklużi fil-proġett ta' konċessjoni ikkunsidrat inizjalment jew fil-kuntratt inizjali iżda li, minħabba f'ċirkostanzi mhux mistennija, ikunu saru meħtieġa għat-twettiq tax-xogħol deskritt fihom, li l-awtorità kontraenti tkun tat lill-konċessjonarju, bil-kondizzjoni li l-għotja tkun magħmula lill-operatur ekonomiku li jkun qed iwettaq xogħol bħal dan:

(a) meta xogħlijiet addizzjonali bħal dawn ma jkunux

jistgħu jiġu separati teknikament jew ekonomikament mill-kuntratt inizjali mingħajr inkonvenjenza kbira għall-awtoritajiet kontraenti, jew

(b) meta xogħlijiet bħal dawn, għalkemm separabbli mit-twettiq tal-kuntratt inizjali, huma strettament meħtieġa għat-tlestija tiegħu:

Iżda l-valur aggregat tal-kuntratti mogħtija għal xogħlijiet addizjonali ma jistax jaqbeż il-ħamsin fil-mija ta' l-ammont tal-kuntratt oriġinali għal konċessjoni ta' xogħlijiet.

(7) Meta l-konċessjonarju huwa awtorità kontraenti huwa għandu jikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament dwar kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi fil-każ ta' xogħlijiet li għandhom ikunu mwettqa minn terzi.

(8) (a) Konċessjonarji ta' xogħlijiet pubbliċi li ma humiex awtoritajiet kontraenti għandhom japplikaw ir-regoli ta' reklamar imfissra fis-subregolament (9) meta jkunu qed jagħtu kuntratti ta' xogħol lil terzi fejn il-valur ta' kuntratti bħal dawn huwa ugwali għal jew aktar minn Lm2,448,000.

Ir-reklamar ma għandux, madanakollu, ikun mitlub fejn kuntratt ta' xogħlijiet jissodisfa l-kondizzjonijiet elenkati fir-regolament 38(2).

Il-valuri ta' kuntratti għandhom jiġu kalkolati skond ir-regoli applikabbli għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi previsti fir-regolament 15.

(b) Gruppi ta' intrapriżi li jkunu ġew iffurmati biex jiksbu l-konċessjoni jew operaturi ekonomiċi relatati magħhom ma għandhomx ikunu meqjusa bħala terzi.

"Intrapriża relatata" għandha tfisser kull intrapriża li fuqha l-konċessjonarju jista' jeżerċita influwenza dominanti, kemm jekk diretta jew indiretta, jew kull intrapriża li tista' teżerċita xi influwenza dominanti fuq il-konċessjonarju jew li, bħala l-konċessjonarju, tkun suġġetta għall-influwenza dominanti ta' intrapriża oħra bħala riżultat ta' pussess, partiċipazzjoni finanzjarja jew ir-regoli li jikkontrollawha. Influwenza dominanti minn naħa ta' xi intrapriża hija preżunta meta, direttament jew indirettament rigward intrapriża oħra, hija -

(i) jkollha maġġoranza tal-kapital sottoskritt ta' l-intrapriża;

(ii) tikkontrolla maġġoranza ta' voti marbutin ma' l-ishma maħruġa mill-intrapriża; jew

(iii) tista' taħtar aktar minn nofs tal-korp intraprendenti amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju.

Il-lista eżawrenti ta' intrapriżi bħal dawn għandha tkun inkluża fl-applikazzjoni għall-konċessjoni. Il-lista għandha tkun aġġornata wara kull tibdil sussegwenti fir-relazzjoni bejn l-intrapriżi.

(9) (a) Konċessjonarji ta' xogħlijiet li m'humiex awtoritajiet kontraenti u li jkunu jixtiequ jagħtu kuntratti ta' xogħlijiet lil terzi għandhom jgħarrfu l-intenzjoni tagħhom permezz avviż dwar kuntratt.

(b) L-avviżi għandu jkun fihom l-informazzjoni msemmija fl-Anness I Ċ ta' Skeda 9 u, fejn ikun adatt, kull informazzjoni oħra meqjusa utli mill-konċessjonarju tax-xogħlijiet, skond il-formula *standard* adottata mill-Kummissjoni.

(ċ) L-avviż għandu jkun pubblikat skond ir-regolament 48.

(d) Għandu japplika wkoll ir-regolament 48(12) dwar il-pubblikazzjoni volontarja ta' avviżi.

(10) F'kuntratti ta' xogħlijiet mogħtija minn konċessjonarju ta' xogħlijiet li mhuwiex awtorità kontraenti, il-limitu ta' żmien biex jaslu talbiet għal parteċipazzjoni, stabbilit mill-konċessjonarju, ma għandux ikun ta' inqas minn sebgħa u tletin ġurnata mid-data li fiha jkun intbagħat l-avviż dwar kuntratt u l-limitu ta' żmien għall-wasla ta' offerti mhux inqas minn erbgħin ġurnata mid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt jew l-istedina għal offerta jkunu ntbagħtu. Japplika wkoll ir-regolament 40(4), (5) u (6).

Wara l-pubblikazzjoni minn qabel.

71. (1) L-awtorità kontraenti tista' tagħti l-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi tagħha bi proċedura negozjata, bil-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE:

(a) fil-każ ta' offerti b'risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta li jkunu irregolari jew inaċċettabbli għal raġunijiet konsistenti ma' dawn ir-regolamenti, sakemm iż-żminijiet oriġinali tal-kuntratt ma jkunux sostanzjalment mibdula. F'dawk il-każijiet, awtorità kontraenti tista' żżomm milli tippublika avviż ta' l-UE dwar kuntratt meta dan ikun jinkludi fil-proċedura negozjata l-offerenti kollha u biss li jissodisfaw il-kriterji tar-regolamenti 45 u 49 sa 52 u li matul il-proċedura miftuħa jew ristretta ta' qabel ikunu għamlu offerti skond il-

ħtiġiet formali tal-proċedura ta' l-offerti;

(b) meta x-xogħlijiet involuti jsiru biss bil-għan ta' riċerka, esperiment jew żvilupp imma mhux għall-finijiet li tiġi stabbilita l-vijabilità kummerċjali jew għall-irkupru ta' spejjeż għal riċerka u żvilupp;

(ċ) f'każijiet eċċezzjonali, meta x-xorta tax-xogħlijiet jew ir-riskji marbutin magħhom ma jkunux jippermettu l-għoti minn qabel ta' prezzijiet totali.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinnegozjaw ma' l-offerenti l-offerti preżentati minnhom sabiex jadattawhom għall-ħtiġiet li jkunu ġew stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt, fl-ispeċifikazzjonijiet u fid-dokumenti addizzjonali, jekk ikun hemm, u għandhom ifittxu l-aħjar offerta skond ir-regolament 27.

(3) Waqt in-negozjati, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-offerenti kollha jiġu trattati b'mod ugwali. B'mod partikolari ma għandhomx jagħtu informazzjoni b'mod diskriminatorju li tista' tagħti xi vantaġġ lil xi offerenti fuq oħrajn.

(4) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistipulaw li l-proċedura negozjata titwettaq fi stadji suċċessivi sabiex jitnaqqas l-għadd ta' offerti li għandhom jiġu negozjati billi japplikaw il-kriterji ta' l-għoti fl-avviż dwar kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet. L-avviż dwar kuntratt jew l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jindikaw jekk tkunx saret din l-għażla.

Mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel.

72. L-awtorità kontraenti tista' tagħti l-kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi tagħha bi proċedura negozjata mingħajr il-pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt ta' l-UE:

(a) fil-każ li ma jiġu riċevuti ebda offerti jew offerti adatti jew ma jkunu ġew preżentati ebda applikazzjonijiet b'risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta, sakemm iż-żminijiet oriġinali tal-kuntratt ma jkunux sostanzjalment mibdula u sakemm ir-rapport jitwassal lill-Kummissjoni fuq talba tagħha;

(b) meta, għal raġunijiet tekniċi jew artistiċi jew għal raġunijiet konnessi mal-ħarsien ta' jeddijiet esklużivi, ix-xogħlijiet ikunu jistgħu biss jingħataw lil operatur ekonomiku partikolari;

(ċ) meta it-termini ta' żmien għal proċeduri miftuħa, ristretti jew negozjati msemmija fir-regolamenti 39 u 40 ma

jistgħux ikunu rispettati għal raġunijiet ta' urġenza estrema li tinqala' minħabba fi ġrajjiet imprevedibbli. Iċ-ċirkostanzi invokati biex jiġġustifikaw l-urġenza ma għandhomx ikunu attribwibbli għall-awtorità kontraenti;

(d) għal xogħlijiet addizzjonali mhux inklużi fil-proġett inizjalment ikkunsidrat jew fil-kuntratt l-ewwel magħmul, imma li jkunu, permezz ta' ċirkostanzi imprevedibbli, saru meħtieġa għat-twettieq tax-xogħol deskritt fihom, bil-kondizzjoni li l-għoti isir lill-operatur ekonomiku li jkun qed jagħmel dak ix-xogħlijiet:

(i) meta dawk ix-xogħlijiet ma jistgħux ikunu teknikament jew ekonomikament separati mill-kuntratt oriġinali mingħajr inkonvenjenza kbira għall-awtorità kontraenti, jew

(ii) meta dawk ix-xogħlijiet, għalkemm separabbli mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt oriġinali, jkunu strettament meħtieġa biex jiġi kompletat il-kuntratt:

Iżda l-valur aggregat tal-kuntratti li jingħataw għal xogħlijiet addizzjonali ma jistax jeċċedi ħamsin fil-mija ta' l-ammont tal-kuntratt oriġinali;

(e) għal xogħlijiet ġodda li jikkonsistu fir-ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili fdati lill-operatur ekonomiku li lilu l-istess awtorità kontraenti tkun tat kuntratt oriġinali, sakemm dawk ix-xogħlijiet ikunu konformi ma' proġett bażiku li dwaru l-kuntratt oriġinali kien ingħata skond proċeduri miftuħa jew ristretti:

Iżda meta awtorità kontraenti tkun bi ħsiebha tagħti serje ta' offerti għall-istess proġett, għandu inizjalment jingħata avviż ta' l-UE li jiddikjara li x'aktarx tiġi adottata l-proċedura negozjata, u għandu jistipula n-nefqa stmata totali tax-xogħlijiet ta' wara li għandha tiqies mill-awtoritajiet kontraenti meta dawn japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 15. Din il-proċedura tista' tiġi unikament użata matul il-tliet snin li jiġu wara l-konklużjoni tal-kuntratt oriġinali.

Disinn u kostruzzjoni f'kuntratti ta' djar pubbliċi.

73. Fil-każ tal-kuntratti li jirrigwardaw id-disinn u l-kostruzzjoni ta' skema sussidjata tad-djar li d-daqs u l-kumplessità tagħha, u ż-żmien stmat tax-xogħol involut, ikunu jeħtieġu li l-ippjanar ikun ibbażat sa mill-bidu fuq kollaborazzjoni mill-qrib fi grupp li jkun jinkludi rappreżentanti ta' l-awtorità kontraenti, ta' esperti u tal-kuntrattur li jkun responsabbli biex jagħmel ix-xogħlijiet, tista' tiġi adottata proċedura speċjali ta' għoti għall-għażla tal-

kuntrattur li jkun l-aktar adatt li jiġi integrat fil-grupp.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinkludu fl-avviż ta' l-UE dwar kuntratt deskrizzjoni kemm jista' jkun ċara tax-xogħlijiet li jkunu ser isiru sabiex dawk il-kuntratturi li jkunu interessati jkunu jistgħu jkollhom idea ċara tal-proġett.

Iktar minn hekk, l-awtoritatjiet kontraenti għandhom, skond il-kriterji ta' għażla kwalitattiva msemmija fir-regolamenti 45 u 49 sa 52, jistipulaw f'dak l-avviż ta' l-UE dwar kuntratt, il-kondizzjonijiet personali, tekniċi u finanzjarji li għandhom jitwettqu mill-kandidati.

Meta tiġi adottata dik il-proċedura, l-awtoritajiet kontraenti għandhom japplikaw ir-regolamenti 40, 45 u 49 sa 52.

Tagħrif.

74. (1) L-awtorità kontraenti tista' tiddikjara fid-dokumenti tal-kuntratt, jew tkun obbligata mid-Direttur tal-Kuntratti li hekk tagħmel, il-korp jew il-korpijiet li minn għandhom offerent jew kandidat jista' jikseb it-tagħrif adatt dwar l-obbligi li jirrigwardaw it-taxxi, il-ħarsien ta' l-ambjent, id-disposizzjonijiet dwar il-ħarsien ta' l-impjiegi u l-kondizzjonijiet tax-xogħol li jkunu fis-seħħ f'Malta, jew fir-reġjun jew fil-lokalità fejn għandhom isiru x-xogħlijiet u li għandhom ikunu japplikaw għax-xogħlijiet li jsiru fuq il-post waqt it-twettieq tal-kuntratt.

(2) L-awtorità kontraenti li tipprovdi t-tagħrif imsemmi fis-subregolament (1) għandha titlob lill-offerenti jew lill-kandidati fil-proċedura ta' l-għażla għall-kuntratt jindikaw li jkunu diġà qiesu, meta kienu qegħdin jabbozzaw l-offerta tagħhom, l-obbligi li jirrigwardaw id-disposizzjonijiet dwar il-ħarsien ta' l-impjiegi u l-kondizzjonijiet tax-xogħol li jkunu fis-seħħ fil-post fejn ser isiru x-xogħlijiet. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regolament 28 li jirrigwarda offerti abnormalment baxxi.

Pajiżi terzi.

75. Għall-finijiet ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi mill-awtoritajiet kontraenti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom fir-relazzjonijiet tagħhom japplikaw kondizzjonijiet daqstant favorevoli daqs dawk li huma jagħtu lil operaturi ekonomiċi ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar Akkwisti Pubbliċi mill-Gvern, li jsiru fil-parametri tan-negozjati multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Uruguay. Id-Dipartiment tal-Kuntratti għandu għal dan il-għan jikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv dwar Kuntratti Pubbliċi stabbilit bl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 71/306/KEE.

TAQSIMA VII

Kuntratti dwar akkwisti pubbliċi ta' entitajiet li joperaw fis-settur ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali

Skop.

76. L-akkwisti pubbliċi ta' entitajiet li joperaw fis-settur ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali għandhom, meta l-valur stmat ta' kuntratt pubbliku jkun daqs jew jeċċedi l-valur tal-limitu stabbilit kif imfisser fir-regolament 16 tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi, ikunu regolati mill-imsemmija Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi.

akkwisti pubbliċi ta' entitajiet li joperaw fis-settur ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali

TAQSIMA VIII

Ordnijiet ta' varjazzjoni

Kuntratti mogħtija minn Awtoritajiet elenkati fi Skeda 2.

77. (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tat-Taqsimiet IV, V, VI Sezzjoni A, VI Sezzjoni B, VI Sezzjoni Ċ u VII, fil-każijiet kollha fejn ordnijiet ta' varjazzjoni individwalment jew fit-totalità tagħhom jeċċedu b'iżjed minn ħamsa fil-mija il-valur tal-kuntratt li jingħata, għandha tinkiseb l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur qabel ma l-awtorità kontraenti tintrabat mal-kuntrattur.

(2) Meta tkun qed titlob approvazzjoni bħal dik, l-awtorità kontraenti għandha tippreżenta dokument li jispeċifika l-isfond għall-kawża ta' dik il-varjazzjoni, l-effett fuq l-ispiża totali ta' l-offerta u kull effett fuq in-nefqa rikorrenti li jirriżulta.

(3) Meta jkun qed jagħti jew jirrifjuta dik it-talba għal varjazzjoni, id-Direttur għandu jispeċifika x'ikun jidhirlu jekk dik il-varjazzjoni setgħetx tiġi evitata u l-proċedura li għandha fil-futur tiġi segwita mill-awtorità kontraenti biex jiġi evitat li dan jerġa' jiġri.

(4) Id-Direttur għandu jżomm notamenti sħaħ dwar talbiet għal varjazzjoni, inkluż l-isem tal-kuntrattur involut u dettalji tad-dokumenti speċifikati fis-subregolamenti (2) u (3).

Kuntratti mogħtija minn Awtoritajiet elenkati fi Skeda 3.

78. L-approvazzjoni għal varjazzjonijiet, li jkollhom effett finanzjarju bħalma hu indikat fir-regolament 77(1) fuq kuntratti mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 3, għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministru responsabbli għal dik l-awtorità li jista' jiddelega l-awtorità tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Parlamentari, lis-Segretarju Permanenti jew lill-Kap ta' l-awtorità inkwistjoni:

Iżda elenku tal-varjazzjonijiet kollha msemmija taħt din it-Taqsima għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta kull sitt xhur mid-Direttur u mill-Kapijiet ta' awtoritajiet kontraenti.

TAQSIMA IX

Kumitati tal-Kuntratti

Kumitati tal-Kuntratti.

79. (1) Il-Kumitati tal-Kuntratti, imsemmija fir-regolamenti 8 u 9, għandhom ikunu magħmula mid-Direttur tal-Kuntratti, li jkun *Chairman ex officio*, flimkien ma' mhux inqas minn erba' u mhux iżjed minn għaxar membri oħra li l-Prim Ministru jidhirlu li jkollhom il-kwalifiki jew esperjenza rilevanti.

(2) Il-Prim Ministru għandu wkoll jaħtar persuni minn fost il-persunal fid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jagħmluha ta' segretarji ta' dawn il-kumitati skond ma jkunu ordnati jagħmlu mid-Direttur. Is-segretarji ma għandhomx ikunu membri ta' dawn il-kumitati u ma jistgħux jivvotaw fihom.

(3) Fl-assenza taċ-*Chairman* jew l-inkapaċità taċ-*Chairman* li jaġixxi bħala *Chairman*, u matul kull vakanza fil-kariga ta' *Chairman*, il-Prim Ministru jista' jaħtar uffiċjal minn fost l-aktar uffiċjali anzjani fid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jagħmilha ta' *Chairman* tal-Kumitati, biex jeżerċita s-setgħat kollha u jwettaq il-funzjonijiet kollha taċ-*Chairman*.

(4) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar u tibqa' membru ta' kumitat jekk hija -

(a) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati; jew

(b) ikollha xi interess finanzjarju jew interess ieħor li x'aktarx jippreġudika t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Kumitati tal-Kuntratti.

(5) Membru ta' xi wieħed minn dawn il-kumitati jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu b'ittra indirizzata lill-Prim Ministru.

(6) Membru ta' xi kumitat li jkollu xi interess dirett jew indirett f'xi kuntratt ittrattat minn dak il-kumitat għandu jiżvela x-xorta ta' interess tiegħu fl-ewwel laqgħa ta' dak il-kumitat wara li jkun sar jaf bil-fatti rilevanti; dak l-iżvelar għandu jiġi reġistrat fil-minuti tal-laqgħa tal-kumitat u l-membru li jkollu interess kif hawn qabel imsemmi għandu jirtira minn kull laqgħa li fiha jiġi diskuss dak il-kuntratt.

(7) Id-disposizzjonijiet tar-regolament 84(9) għandhom

japplikaw *mutatis mutandis* għal Kumitati tal-Kuntratti.

TAQSIMA X

Funzjonijet tal-Kumitati tal-Kuntratti

Funzjonijiet tal-Kumitati tal-Kuntratti.

80. Il-Kumitati tal-Kuntratti għandhom:

(a) jagħtu pariri fuq kull ħaġa li tirrigwarda l-kuntratti pubbliċi, kif ukoll fuq l-akkwist pubbliku ta' materjal, xogħlijiet u servizzi jew b'inizjattiva tagħhom jew fuq materji speċifiċi li jirrigwardaw il-funzjonijiet tagħhom li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu riferiti lilhom għall-parir tagħhom;

(b) jivvalutaw rapporti u rakkomandazzjonijiet li jiġu preżentati mill-awtoritajiet kontraenti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet definittivi għall-għoti tal-kuntratti filwaqt li jiżguraw li jinkiseb l-aħjar valur għall-flus bl-iktar nefqa baxxa possibbli. F'dan ir-rigward, għandhom debitament jitqiesu -

(i) in-nefqa finali inklużi l-ispejjeż tal-finanzjament għall-awtorità kontraenti, u

(ii) l-impatt ta' kull offerta fuq in-nefqa rikorrenti ta' l-awtorità kontraenti;

(ċ) jirrapportaw kull irregolarità li jistgħu jsiru jafu biha jew li tista' tinkixef fil-proċess ta' l-offerti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwarhom lill-Ministru li jkun responsabbli mill-awtorità kontraenti inkwistjoni;

(d) jittrattaw materji li, skond il-kuntratt, għandhom jiġu riferiti lill-Kumitat tal-Kuntratti, u jisimgħu u jiddeċiedu dwar tilwimiet bejn awtoritajiet kontraenti skond ma jkun il-każ, u kuntratturi, li joriġinaw minn kuntratti pubbliċi; u

(e) formalment jinvestigaw ilmenti li jirrigwardaw kuntratti pubbliċi u akkwisti pubbliċi u jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom fuqhom:

Iżda dawk l-ilmenti ma jistgħux ikun s-suġġett għal indaġni jew investigazzjoni separata mid-Direttur fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu jew inkella għandhom jiġu ttrattati u deċiżi mill-Bord ta' l-Appelli.

TAQSIMA XI

Kumitati għall-Akkwisti Pubbliċi

Kumitati għall-akkwisti pubbliċi.

81. (1) Il-Ministru jista' jawtorizza t-twaqqif ta' kumitati, li kunu magħrufa bħala Kumitati għall-Akkwisti Pubbliċi, dwar offerti li jkollhom valur stmat li jeċċedi Lm 20,000.

(2) Kull Kumitat għall-Akkwisti Pubbliċi għandu jkun magħmul mill-kap tad-dipartiment, jew, fin-nuqqas tiegħu, minn uffiċjal maħtur mill-Ministru minn fost l-aktar uffiċjali anzjani fl-awtorità kontraenti li jagħmlu x-xiri. Din il-persuna hekk maħtura għandha, *ex officio*, tkun *Chairman* tal-Kumitat flimkien ma mhux anqas minn erba' membri oħra maħtura mill-Ministru, li ebda wieħed minnhom ma għandu jkun iwettaq dmirijietu fi jew ikun membru tal-persunal tad-dipartiment li jkun qed jagħmel ix-xiri.

(3) Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 8, 10(2), 10(3), 10(4) u 13 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-twaqqif u l-funzjonijiet tal-Kumitati għall-Akkwisti Pubbliċi kollha, iċ-*Chairmen* u l-membri tagħhom.

TAQSIMA XII

Offerti magħmulin f'pakketti separati

Offerti magħmulin f'pakketti separati.

82. (1) L-awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 1 għandhom jiżguraw li għal kull offerta mogħtija skond il-proċeduri miftuħa jew ristretti b'valur stmat ta' iktar minn Lm250,000 jew, fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti, għal offerti ta' valur stmat iktar baxx jew fuq offerti mogħtija skond il-proċeduri negozjati jew id-djalogu kompetittiv, il-kondizzjonijiet ta' l-offerta jistipulaw li offerti għandhom biss jikkwalifikaw sabiex jiġu kkunsidrati jekk isiru f'pakketti separati kif ġej:

(a) Pakkett Wieħed: garanzija ta' offerti oriġinali u valida (Garanzija ta' Offerti), eżegwita kif imiss fl-għamla, għall-ammont u għall-perjodu ta' validità stipulat fid-dokument ta' l-offerta uffiċjali;

(b) Pakkett Tnejn: speċifikazzjonijiet tekniċi inklużi letteratura, dettalji, disinni, kampjuni u kull materjal ieħor kif mitlub fid-dokumenti ta' l-offerta; u

(ċ) Pakkett Tlieta: skedi kompleti ta' prezzijiet u, jew fatturi ta' kwantitajiet, formola ta' offerti, kondizzjonijiet ta' ħlas jew arranġamenti finanzjarji oħra; kull ittra oħra relatata li tista' tipprovdi dettalji relattivi oħra ta' xorta kummerċjali.

(2) Fil-proċess ta' aġġudikazzjoni ta' l-offerta, il-pakketti għall-offerenti kollha għandhom jinfetħu fil-pubbliku u f'sekwenza enumerata fis-subregolament (1). Meta f'xi stadju, offerent jonqos milli jħares il-ħtiġiet proċedurali u, jew l-ispeċifikazzjonijiet, il-pakketti li jifdal fl-offerta tiegħu għandhom jiġu mwarrba mingħajr anqas biss jiġu miftuħa:

Iżda d-Direttur tal-Kuntratti jew, bl-awtorizzazzjoni tiegħu, kull awtorità kontraenti, ikollhom il-jedd jiksbu kjarifiki fuq punti ta' xorta teknika b'mod li tkun tista' ssir valutazzjoni debita ta' kull offerta, li, madankollu, f'dak l-istadju kienet tkun diġà ġiet dikjarata bħala waħda bażikament konformi.

(3) Deċiżjoni li twassal għat-twarrib ta' offerta matul xi stadju tal-proċess għandha tingħata pubblikament fl-uffiċċju ta' l-awtorità kontraenti jew fid-Dipartiment tal-Kuntratti skond ma jkun il-każ u l-offerent milqut għandu jiġi mgħarraf b'dik id-deċiżjoni fi żmien jumejn tax-xogħol mill-pubblikazzjoni tagħha.

(4) Ilment li jsir mill-offerent milqut u minn kull persuna li għandha jew kella interess li tikseb kuntratt pubbliku partikolari għandu jasal fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew għand l-awtorità kontraenti involuta, skond ma jkun il-każ, fi żmien erbat ijiem minn meta jingħata avviż tad-deċiżjoni u dak l-ilment għandu jkollu flimkien miegħu depożitu ta' 0.5% tal-valur stmat ta' l-offerta, liema depożitu għandu biss jitħallas lura jekk il-Bord ta' l-Appelli jiddeċiedi favur l-offerent jew persuna oħra li jkollha jew li darba kellha interess f'li tikseb xi kuntratt pubbliku partikolari:

Iżda d-depożitu ma għandu f'ebda każ ikun inqas minn Lm250 jew iżjed minn Lm 25,000.

(5) Ir-reviżjoni għandha ssir mill-Bord ta' l-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi qabel ma jibda l-istadju li jmiss tal-proċess ta' aġġudikazzjoni.

(6) Il-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Bord meta dan ikun qed jagħmel ir-reviżjoni għandha tkun tikkonsisti f'eżami mill-ġdid sħiħ u dettaljat tar-raġunijiet miġjuba mill-bord ta' l-aġġudikanti ta' xi dipartiment jew awtorità kontraenti għat-twarrib ta' xi offerta partikolari.

(7) Fit-twettiq ta' dan l-obbligu ċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Appelli jkollu l-jedd jagħmel mistoqsijiet xierqa lill-Kap ta' xi dipartiment jew awtorità kontraenti kif ukoll lill-membri tal-bordijiet aġġudikanti rispettivi u jirrikorri għad-dokumentazzjoni kollha rilevanti.

(8) Iċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Appelli għandu wkoll ikollu l-jedd jikseb parir ta' espert minn barra d-Dipartiment jew l-awtorità kontraenti involuta.

(9) Id-deċiżjoni tal-Bord għandha tkun waħda finali u vinkolanti fuq il-partijiet kollha u l-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt għandha timxi skond id-deċiżjoni tiegħu.

(10) Offerent jew kull persuna oħra li jkollha jew li darba kellha interess fil-kisba ta' xi kuntratt pubbliku partikolari li jkollhom ilment taħt din it-Taqsima li ma jiġix aċċettat, ma jkollhomx il-jedd li jgħaddu għall-proċedura ta' l-appelli kif hemm previst fit-Taqsima XIII:

Iżda l-jedd ta' l-appell taħt it-Taqsima XIII għandu jkun disponibbli għal dawk l-offerenti li jkollhom offerta li tilħaq l-istadju finali tal-proċess ta' l-għoti tal-kuntratt, jiġifieri, il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tal-proposti finanzjarji:

Iżda wkoll kull dritt mogħti lil offerenti bis-saħħa tar-regolament 84(19) għandu wkoll japplika għal appelli deċiżi mill-Bord ta' l-Appelli taħt din it-Taqsima.

TAQSIMA XIII

Proċedura għall-preżentata ta' appelli

Proċedura għall-preżentata ta' appelli.

83. (1) Offerent li jħoss ruħu aggravat minn għoti ta' kuntratt li jkun propost u kull persuna oħra li jkollha jew li darba kellha interess li tikseb xi kuntratt ta' provvista pubblika, servizzi pubbliċi jew xogħlijiet pubbliċi partikolari u li jkunu sofrew ħsara jew qegħdin jirriskjaw li jsofru ħsara bi ksur allegat, jistgħu, f'żmien erbatax-il ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, jippreżentaw avviż ta' oġġezzjoni fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew lill-awtorità kontraenti involuta skond ma jkun il-każ. Dak l-avviż ta' oġġezzjoni għandu biss ikun validu jekk flimkien miegħu ikun hemm depożitu ekwivalenti għal wieħed fil-mija tal-valur stmat ta' l-offerta, iżda f'ebda każ ma għandu d-depożitu jkun anqas minn Lm 200 jew iżjed minn Lm 25,000. Il-Kap ta' awtorità kontraenti għandu minnufih javża lid-Direttur li tkun ġiet ippreżentata oġġezzjoni għand l-awtorità tiegħu biex b'hekk tiġi sospiża minnufih il-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt. Id-Dipartiment tal-Kuntratti jew l-awtorità kontraenti involuta, skond il-każ, ma għandux jitħalla jeżegwixxi l-kuntratt matul il-perjodu ta' erbatax-il ġurnata tax-xogħol mogħti biex jiġu preżentati l-appelli. Il-proċess ta' l-għoti għandu jiġi għal kollox sospiż jekk jiġi eventwalment ippreżentat appell.

(2) Il-proċedura li għandha tiġi segwita dwar kif jiġu ppreżentati u deċiżi l-ilmenti kif ukoll il-kondizzjonijiet li taħthom dawk l-ilmenti jistgħu jiġu preżentati għandha tkun kif ġej:

(a) Deċiżjoni mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti (jew mill-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti) u mill-awtorità kontraenti, għandha ssir pubblika fid-Dipartiment tal-Kuntratti jew fl-uffiċċju ta' l-awtorità kontraenti qabel l-għoti tal-kuntratt.

(b) L-avviż ta' oġġezzjoni preżentat kif imiss skond is-subregolament (1) għandu jsir pubbliku sa mhux aktar tard mill-ġurnata tax-xogħol li tiġi wara l-preżentata tiegħu.

(ċ) Fi żmien tliet ijiem tax-xogħol mill-iskadenza tal-perjodu ta' erbatax-il ġurnata mogħti għall-preżentata ta' avviż ta' oġġezzjoni, kull offerent ieħor u kull persuna oħra li jkollha jew li darba kellha xi interess involut f'sejħa għal offerti, jista' jirreġistra interess fil-proċedimenti. Ir-reġistrazzjoni ta' interess tkun biss valida jekk ikollha flimkien magħha depożitu li jammonta għad-depożitu mħallas taħt is-subregolament (1). L-offerent li jkun ġie indikat fid-deċiżjoni ta' aġġudikazzjoni tad-Direttur jew ta' l-awtorità kontraenti bħala l-persuna lil min il-kuntratt kellu jingħata, għandu jitqies bħala li jkun irreġistra interess imma ma jkunx hemm għalfejn iħallas depożitu.

(d) L-ismijiet ta' l-offerenti jew ta' persuni oħra li jkollhom jew darba kellhom xi interess li jiksbu xi kuntratt pubbliku partikolari u li jirreġistraw interess għandhom isiru pubbliċi ma' l-ewwel ġurnata tax-xogħol wara l-iskadenza tat-terminu ta' żmien speċifikat fil-paragrafu (ċ).

(e) (i) Fi żmien tliet ijiem wara l-pubblikazzjoni ta' l-elenku ta' persuni li jirreġistraw interess, l-offerent li jippreżenta l-avviż ta' oġġezzjoni għandu jibgħat ittra ta' oġġezzjoni motivata li tkun tispjega l-oġġezzjoni.

(ii) L-ittra ta' oġġezzjoni u kull dokumentazzjoni li jkun hemm flimkien magħha għandhom jiġu preżentati f'għadd ta' kopji li jkun daqs l-għadd ta' offerenti li jkollhom interess reġistrat, u tliet kopji oħra.

(iii) L-ittra ta' oġġezzjoni għandha ssir pubblika u għandha tiġi ċirkolata lill-offerenti kollha li jkollhom interess reġistrat.

(f) (i) Fi żmien ħamest ijiem mill-pubblikazzjoni ta' l-ittra ta' oġġezzjoni, offerent li kellu interess reġistrat jista'

jibgħat risposta motivata għall-ittra ta' oġġezzjoni.

(ii) Ir-risposta u kull dokumentazzjoni li jkun hemm magħha għandhom isiru f'għadd ta' kopji li jkun daqs l-għadd ta' offerenti li jkollhom interess reġistrat, u tliet kopji oħra.

(iii) Ir-risposta għandha ssir pubblika u għandha tiġi ċirkolata lill-offerenti kollha li jkollhom interess reġistrat u lill-offerenti kollha li jkunu għamlu oġġezzjoni.

(g) Fi żmien għaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tar-risposti d-Direttur jew il-Kap ta' l-awtorità kontraenti għandhom jippreparaw rapport (Rapport ta' Analisi) fejn tiġi analizzata l-ittra ta' oġġezzjoni u r-risposti relattivi. Dan ir-rapport għandu jiġi ċirkolat lill-offerenti li jkunu ppreżentaw oġġezzjoni u li jkollhom interess reġistrat. Wara li jitlesta l-proċess preparatorju kif imiss, il-Kap ta' l-awtorità kontraenti għandu jibgħat lid-Direttur tal-Kuntratti d-dokumentazzjoni kollha relattiva għas-sejħa għal offerti inkwistjoni inklużi l-inkartamenti, l-offerti ppreżentati, il-kopji ta' irċevuti tad-depożitu, l-ittri motivati, ir-rapporti ta' analisi, eċċ.

(h) Id-Direttur għandu jibgħat id-dokumentazzjoni kollha li jkollha x'taqsam ma' xi każ ta' appell liċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Appelli li mbagħad għandu jipproċedi skond kif stipulat fit-Taqsima XIV.

(i) Id-Direttur jew il-Kap ta' l-awtorità kontraenti għandu jippublika kopja tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli fid-dipartiment tiegħu jew fil-bini ta' l-awtorità kontraenti rilevanti, skond ma jkun il-każ. Kopji tad-deċiżjoni għandhom jintbgħatu lill-offerent li jkun qed jilmenta, lil kull offerent li kellu interess reġistrat jew impliċitu u, mid-Direttur biss, lill-awtorità kontraenti inkwistjoni meta din tkun waħda elenkata fi Skeda 2.

(3) Jistgħu isiru biss ilmenti skond din it-Taqsima meta jiġu mogħtija kuntratti pubbliċi mill-awtoritajiet elenkati fl-Iskeda 1 li l-valur tagħhom ikun jeċċedi Lm 20,000.

TAQSIMA XIV

Bord ta' l-Appelli dwar il-Kuntratti Pubbliċi

Bord ta' l-Appelli.

84. (1) Il-Bord ta' l-Appelli dwar Kuntratti Pubbliċi għandu jkun magħmul minn *Chairman* u minn żewġ membri li għandhom jiġu maħtura mill-Prim Ministru għal perjodu sa tliet snin bil-possibilità ta' ħatra mill-ġdid.

(2) Il-Prim Ministru jista' jaħtar *Chairman* sostitut u membri sostituti tal-Bord ta' l-Appelli, f'liema każ il-membri għandhom iservu skond dak it-tqassim ta' dmirijiet, inklużi l-provvedimenti dwar l-inkapaċità ta' membri li jservu u ċirkostanzi oħra, hekk kif il-Prim Ministru jista' jistabbilixxi.

(3) Membru tal-Bord ta' l-Appelli ma jistax jitneħħa matul il-perjodu kopert bil-ħatra tiegħu ħlief għal imġieba ħażina bil-provi jew inkapaċità bil-provi li jwettaq il-funzjoni tiegħu.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 733 sa 739, it-tnejn inklużi, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw għaċ-*Chairman* u għall-membri l-oħra tal-Bord ta' l-Appelli għar-rigward ta' ilmenti quddiemhom bl-istess mod bħalma japplikaw għal imħallfin għar-rigward ta' kawża li tinġieb quddiem il-qorti. Kap. 12.

(5) Persuna għandha tkun skwalifikata milli tiġi hekk maħtura jew milli tkompli milli tkun membru tal-Bord ta' l-Appelli jekk hija tkun membru tal-Kamra tad-Deputati jew jekk ikollha xi interess finanzjarju jew interess ieħor li x'aktarx jippreġudika it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Bord ta' l-Appelli.

(6) Il-membri tal-Bord ta' l-Appelli għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi.

(7) Il-membri tal-Bord ta' l-Appelli ma għandhomx jinżammu personalment responsabbli għal xi att jew omissjoni magħmulin bonafidi filwaqt li jkunu qed jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom bħala membri ta' l-istess Bord.

(8) Il-Bord ta' l-Appelli għandu jiġi provdut mid-Direttur tal-Kuntratti b'servizzi amministrattivi u segretarjali.

(9) Il-Bord ta' l-Appelli għandu jkollu s-setgħa jħarrek xhieda, li jagħti ġuramenti u li jqabbad lil uffiċjali tal-Gvern jew esperti mhux tal-gvern jassistuh fl-investigazzjonijiet tiegħu.

(10) Is-sessjonijiet tal-Bord ta' l-Appelli filwaqt li jkunu qegħdin jinstemgħu l-ilmenti għandhom jinżammu fil-pubbliku u kemm min jagħmel l-ilment u l-parti interessata jkollhom il-jedd jattendu u jkunu akkumpanjati minn xi persuna, professjonist jew xort'oħra, li huma jikkunsidraw adatti biex jiddefendu l-interessi tagħhom.

(11) (a) Iċ-*Chairman* ikollu s-setgħa jistabbilixxi l-proċedura għas-smigħ ta' l-ilmenti kollha li jiġu preżentati lill-Bord ta' l-Appelli u għandu jiżgura li matul is-seduta pubblika l-partijiet

kollha interessati għandhom jingħataw l-opportunità li jressqu l-każ tagħhom.

(b) Il-Bord ta' l-Appelli jkollu s-setgħa li jieħu dawk il-miżuri temporanji skond ma jqis li jkunu meħtieġa.

(12) Membru tal-Bord ta' l-Appelli li jista' jkollu interess dirett jew indirett f'xi kuntratt li jsir is-suġġett ta' ilment għandu jgħarraf lid-Direttur tal-Kuntratti bil-miktub dwar dak l-interess f'liema każ il-membru għandu jkun prekluż milli jipparteċipa iktar fis-smigħ ta' l-ilment.

(13) Iċ-*Chairman* għandu jqiegħed is-smigħ pubbliku fuq il-lista kemm jista' jkun malajr wara li jiġi lilu riferit ir-Rapport ta' l-Analiżi u d-dokumentazzjoni relattiva oħra mid-Direttur tal-Kuntratti kif stipulat fir-regolament 83(2)(h).

(14) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appelli għandha tkun finali f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għoti tal-kuntratt involut u d-Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap ta' awtorità kontraenti ikollu l-awtorità jipproċedi bl-għoti tal-kuntratt malli d-deċiżjoni tal-Bord tiġi ppubblikat u notifikata lill-partijiet interessati.

(15) Deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appelli għandhom preferibilment jittieħdu abbażi ta' vot unanimu. Madankollu, deċiżjonijiet li jittieħdu b'maġġoranza għandhom ikunu finali u vinkolanti dwar l-għoti tal-kuntratt. Iċ-*Chairman* u ż-żewġ membri l-oħra jkollhom vot kull wieħed.

(16) Deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appelli għandhom jiġu preżentati miċ-*Chairman* lid-Direttur tal-Kuntratti bil-miktub fi żmien għaxart ijiem minn meta ssir is-seduta pubblika. Jekk il-Bord ta' l-Appelli ma jkunx jista', għal raġunijiet validi, jikkonforma ruħu ma' dan it-terminu, id-Direttur tal-Kuntratti għandu jestendi l-perjodu inkwistjoni jekk dik l-estensjoni titqies li tkun waħda mitluba miċ-ċirkostanzi tal-każ.

(17) Id-deċiżjonijiet kollha li jittieħdu mill-Bord ta' l-Appelli għandhom jitniżżlu bil-miktub. Fihom għandu jkun hemm il-fatti kollha u r-raġunijiet li fuqhom il-Bord ta' l-Appelli jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjonijiet kollha għandhom jittieħdu b'rakkomandazzjonijiet definittivi li jkunu vinkolanti fuq id-Direttur tal-Kuntratti jew il-Kap ta' l-awtorità kontraenti u l-offerenti kollha involuti.

(18) Il-Bord ta' l-Appelli għandu jirrakkomanda jekk għandux depożitu preżentat minn offerent skond ir-regolament 83 jitħallas

lura, kollu kemm hu jew f'parti minnu, jew ma jitħallas lura xejn, filwaqt li jagħti bil-miktub raġunijiet għal dik ir-rakkomandazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni ta' l-Bord għandha tkun waħda finali u vinkolanti.

(19) Kull offerent li jagħmel ilment u li ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni finali li tittieħed mill-Bord ta' l-Appell għandu jirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Dak id-dritt ma għandux madankollu idewwem lid-Direttur tal-Kuntratti jew lill-Kap ta' awtorità kontraenti milli jimplimenta d-deċiżjoni finali tal-Bord ta' l-Appelli.

Tħassir tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kuntratti Pubbliċi.

85. Ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kuntratti Pubbliċi huma b'dawn imħassra.

SKEDA 1

Lista sħiħa ta' Awtoritajiet Kontraenti

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Direttorat għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Direttorat għal Kordinazzjoni ta' Ppjanar u Prijoritajiet Forzi Armati ta' Malta Informazzjoni Stamperija tal-Gvern Uffiċċju Elettorali Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku KUNSILL TA' MALTA GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI AWTORITÀ TAX-XANDIR
MINISTERU TAL-FINANZI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Dipartiment tat-Teżor Dipartiment tat-Taxxi Interni Taxxa fuq Trasferiment ta' Kapital Dipartiment tad-Dwana Diviżjoni tal-VAT Dipartiment tal-Lotteriji Dipartiment tal-Kuntratti Diviżjoni tal-Politika Ekonomika AWTORITÀ TA' MALTA DWAR SERVIZZI FINANZJARJI BORŻA TA' MALTA AWTORITÀ DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-ISTATISTIKA SEZZJONI TA' KONFORMITÀ MAT-TAXXA

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Affarijiet taċ-Ċittadin u tal-Barrani Nutar tal-Gvern Dipartiment tal-Pulizija Protezzjoni Ċivili Servizzi Korrettivi Diviżjoni tal-Proprjetà tal-Gvern Uffiċċju Konġunt Reġistru ta' l-Art Reġistru Pubbliku Reġistrazzjoni Ċivili Avukat Ġenerali Ġudizzjarju Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ĊENTRU TA' MALTA DWAR ARBITRAĠĠ KUNSILLI LOKALI

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPJIEGI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni / Dipartiment tal-Finanzi u Amministrazzjoni Libreriji u Arkivji Eżamijiet Relazzjonijiet Industrijali u ta' Impjieg JUNIOR COLLEGE KULLEĠĠ TA' MALTA TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA UNIVERSITÀ TA' MALTA FONDAZZJONI GĦALL-ISTUDJI INTERNAZZJONALI FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI KUNSILL TA' MALTA GĦAX-XJENZA U TEKNOLOĠIJA KORPORAZZJONI TA' L-IMPIEG U TAĦRIĠ AWTORITÀ TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ ISTITUT DWAR STUDJI TURISTIĊI KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORTS BORD TAL-KOPERATTIVI POOL NAZZJONALI TAL-QROQQ

MINISTERU TAT-TURIŻMU U KULTURA	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IT-TURIŻMU HERITAGE MALTA KUNSILL TA' MALTA DWAR KULTURA U ARTI ĊENTRU GĦALL-KREATTIVITÀ SAN ĠWANN KAVALLIER NATIONAL ORCHESTRA TEATRU MANOEL ĊENTRU MEDITERRAN GĦAL KONFERENZI ĊENTRU TA' MALTA TAR-RESTAWR SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI FONDAZZJONI PATRIMONJU MALTI
MINISTERU TAL-KOMPETITTIVITÀ U L-KOMUNIKAZZJONI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Avjazzjoni Ċivili Diviżjoni tal-Kummerċ Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA AWTORITÀ TA' MALTA DWAR STANDARDS

MINISTERU TAR-RIŻORSI U INFRASTRUTTURA	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni tax-Xogħlijiet / Finanzi u Amministrazzjoni Taqsimiet Operattivi Bini u Manutenzjoni Manifattura u Servizzi Bini u Inġinerija Dipartiment ta' l-Industrija tal-Kostruzzjoni tal-Bini Dipartiment ta' l-Indafa Tiftix għaż-Żejt AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI KUNSILL KONSULTATTIV DWAR L-INDUSTRIJA TAL-BINI
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Servizzi tal-Klijent Proġetti u Żvilupp

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni tas-Saħħa / Finanzi u Amministrazzjoni Servizzi għall-Anzjani u l-Komunità FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI MEDIĊI SPTAR ZAMMIT CLAPP SPTAR MATER DEI SPTAR MONTE CARMELI AWTORITÀ REGOLATORJA DWAR PRODOTTI MEDIĊINALI KUMITAT TAL-WELFARE

MINISTERU TAT-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI U PROMOZZJONI TA' L-INVESTIMENTI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA KORPORAZZJONI ENEMALTA LABORATORJU NAZZJONALI TA' MALTA MGI/MIMCOL MALTAPOST PLC GOZO CHANNEL CO LTD KUMMISSJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TA' DATA MITTS INDUSTRIAL PROJECTS AND SERVICES LTD SEZZJONI TAL-PRIVATIZZAZZJONI SEZZJONI GĦAN-NEGOZJATI KOLLETTIVI MALTA ENTERPRISE MALTA INDUSTRIAL PARKS
MINISTERU TA' L-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Servizzi ta' Agrikoltura u Żvilupp Rurali Servizzi dwar Ikel u Veterinarji Sajd u Kontroll tal-Konservazzjoni AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR WASTESERVE MALTA LTD.
MINISTERU TA' L-IŻVILUPP URBAN U TOROQ	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IT-TRASPORT

MINISTERU TAL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Sigurtà Soċjali Ġid tal-Familja Djar bi Skop Soċjali AWTORITÀ TAD-DJAR FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' ĠID SOĊJALI SEDQA APPOĠĠ KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦAL PERSUNI B'DISABILITÀ SAPPORT
MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi ISTITUT INTERNAZZJONALI DWAR L-ANZJANI

SKEDA 2

Awtoritajiet Kontraenti li jaqgħu taħt il-kompetenza tad-Dipartiment tal-Kuntratti

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Direttorat għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Direttorat għal Kordinazzjoni ta' Ppjanar u Prijoritajiet Forzi Armati ta' Malta Informazzjoni Stamperija tal-Gvern Uffiċċju Elettorali Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku KUNSILL TA' MALTA GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI AWTORITÀ TAX-XANDIR

MINISTERU TAL-FINANZI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi
	Dipartiment tat-Teżor
	Dipartiment tat-Taxxi Interni
	Taxxa fuq Trasferiment ta' Kapital
	Dipartiment tad-Dwana
	Diviżjoni tal-VAT
	Dipartiment tal-Lotteriji
	Dipartiment tal-Kuntratti
	Diviżjoni tal-Politika Ekonomika
	AWTORITÀ DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB
	AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-ISTATISTIKA
	SEZZJONI TA' KONFORMITÀ MAT-TAXXA
	FINANCIAL INTELLIGENCE ANALYSIS UNIT
	SEZZJONI GĦAN-NEGOZJATI KOLLETTIVI
	AWTORITÀ TA' MALTA DWAR SERVIZZI FINANZJARJI
	BORŻA TA' MALTA

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Affarijiet taċ-Ċittadin u tal-Barrani Nutar tal-Gvern Dipartiment tal-Pulizija Protezzjoni Ċivili Servizzi Korrettivi Diviżjoni tal-Proprjetà tal-Gvern Uffiċċju Konġunt Reġistru ta' l-Art Reġistru Pubbliku Reġistrazzjoni Ċivili Avukat Ġenerali Ġudizzjarju Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ĊENTRU TA' MALTA DWAR ARBITRAĠĠ

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPJIEGI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni / Dipartiment tal-Finanzi u Amministrazzjoni Libreriji u Arkivji Eżamijiet Relazzjonijiet Industrijali u ta' Impjieg JUNIOR COLLEGE KULLEĠĠ TA' MALTA TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA UNIVERSITÀ TA' MALTA FONDAZZJONI GĦALL-ISTUDJI INTERNAZZJONALI FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI KUNSILL TA' MALTA GĦAX-XJENZA U TEKNOLOĠIJA KORPORAZZJONI TA' L-IMPIEG U TAĦRIĠ AWTORITÀ TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ ISTITUT DWAR STUDJI TURISTIĊI KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORTS BORD TAL-KOPERATTIVI POOL NAZZJONALI TAL-QROQQ

MINISTERU TAT-TURIŻMU U KULTURA	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi HERITAGE MALTA KUNSILL TA' MALTA DWAR KULTURA U ARTI ĊENTRU GĦALL-KREATTIVITÀ SAN ĠWANN KAVALLIER NATIONAL ORCHESTRA ĊENTRU TA' MALTA TAR-RESTAWR SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI FONDAZZJONI PATRIMONJU MALTI MALTA TOURISM AUTHORITY ĊENTRU MEDITERRAN GĦAL KONFERENZI MANOEL THEATRE
MINISTERU TAL-KOMPETITTIVITÀ U L-KOMUNIKAZZJONI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Avjazzjoni Ċivili Diviżjoni tal-Kummerċ Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA AWTORITÀ TA' MALTA DWAR STANDARDS

MINISTERU TAR-RIŻORSI U INFRASTRUTTURA	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni tax-Xogħlijiet / Finanzi u Amministrazzjoni Taqsimiet Operattivi Bini u Manutenzjoni Manifattura u Servizzi Bini u Inġinerija Dipartiment ta' l-Industrija tal-Kostruzzjoni tal-Bini Dipartiment ta' l-Indafa Tiftix għaż-Żejt AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI KUNSILL KONSULTATTIV DWAR L-INDUSTRIJA TAL-BINI

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Servizzi tal-Klijent Proġetti u Żvilupp
MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni tas-Saħħa / Finanzi u Amministrazzjoni Servizzi għall-Anzjani u l-Komunità FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI MEDIĊI SPTAR ZAMMIT CLAPP SPTAR MATER DEI SPTAR MONTE CARMELI AWTORITÀ REGOLATORJA DWAR PRODOTTI MEDIĊINALI KUMITAT TAL-WELFARE

MINISTERU TAT-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI U PROMOZZJONI TA' L-INVESTIMENTI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' L-ILMA KORPORAZZJONI ENEMALTA LABORATORJU NAZZJONALI TA' MALTA KUMMISSJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TA' DATA MITTS INDUSTRIAL PROJECTS AND SERVICES LTD SEZZJONI TAL-PRIVATIZZAZZJONI SEZZJONI GĦAN-NEGOZJATI KOLLETTIVI MALTA ENTERPRISE MALTA INDUSTRIAL PARKS GOZO CHANNEL CO LTD
MINISTERU TA' L-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Servizzi ta' Agrikoltura u Żvilupp Rurali Servizzi dwar Ikel u Veterinarji Sajd u Kontroll tal-Konservazzjoni Ambjent AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR WASTESERVE MALTA LTD.

MINISTERU TA' L-IŻVILUPP URBAN U TOROQ	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IT-TRASPORT

MINISTERU TAL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Sigurtà Soċjali Ġid tal-Familja Djar bi Skop Soċjali AWTORITÀ TAD-DJAR FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' ĠID SOĊJALI SEDQA APPOĠĠ KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦAL PERSUNI B'DISABILITÀ SAPPORT KUMMISSJONI GĦALL-PROMOZZJONI TA' UGWALJANZA BEJN L-IRĠIEL U N-NISA
MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi ISTITUT INTERNAZZJONALI DWAR L-ANZJANI

SKEDA 3

Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti li jamministraw l-Akkwisti Pubbliċi tagħhom skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	KUNSILLI LOKALI

MINISTERU TAT-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI U INVESTIMENT	MGI / MIMCOL MALTAPOST PLC

SKEDA 4

Lista ta' l-Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Direttorat għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Direttorat għal Kordinazzjoni ta' Pjanar u Prijoritajiet Forzi Armati ta' Malta Informazzjoni Stamperija tal-Gvern Uffiċċju Elettorali Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku KUNSILL TA' MALTA GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI AWTORITÀ TAX-XANDIR
MINISTERU TAL-FINANZI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Dipartiment tat-Teżor Dipartiment tat-Taxxi Interni Taxxa fuq Trasferiment ta' Kapital Dipartiment tad-Dwana Diviżjoni tal-VAT Dipartiment tal-Lotteriji Dipartiment tal-Kuntratti Diviżjoni tal-Politika Ekonomika AWTORITÀ DWAR LOTTERIJI U LOGĦOB AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-ISTATISTIKA SEZZJONI TA' KONFORMITÀ MAT-TAXXA

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Affarijiet taċ-Ċittadin u tal-Barrani Nutar tal-Gvern Dipartiment tal-Pulizija Protezzjoni Ċivili Servizzi Korrettivi Diviżjoni tal-Proprjetà tal-Gvern Uffiċċju Konġunt Reġistru ta' l-Art Reġistru Pubbliku Reġistrazzjoni Ċivili Avukat Ġenerali Ġudizzjarju Dipartiment tal-Kunsilli Lokali

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPJIEGI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni / Dipartiment tal-Finanzi u Amministrazzjoni Libreriji u Arkivji Eżamijiet Relazzjonijiet Industrijali u ta' Impjieg JUNIOR COLLEGE KULLEĠĠ TA' MALTA TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA UNIVERSITÀ TA' MALTA FONDAZZJONI GĦALL-ISTUDJI INTERNAZZJONALI FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI KUNSILL TA' MALTA GĦAX-XJENZA U TEKNOLOĠIJA KORPORAZZJONI TA' L-IMPIEG U TAĦRIĠ AWTORITÀ TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ ISTITUT DWAR STUDJI TURISTIĊI KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORTS BORD TAL-KOPERATTIVI POOL NAZZJONALI TAL-QROQQ

MINISTERU TAT-TURIŻMU U KULTURA	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IT-TURIŻMU HERITAGE MALTA KUNSILL TA' MALTA DWAR KULTURA U ARTI ĊENTRU GĦALL-KREATTIVITÀ SAN ĠWANN KAVALLIER NATIONAL ORCHESTRA TEATRU MANOEL ĊENTRU TA' MALTA TAR-RESTAWR SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI FONDAZZJONI PATRIMONJU MALTI
MINISTERU TAL-KOMPETITTIVITÀ U L-KOMUNIKAZZJONI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Avjazzjoni Ċivili Diviżjoni tal-Kummerċ Diviżjoni tal-Konsumatur u Kompetizzjoni AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI AWTORITÀ TA' MALTA DWAR STANDARDS

MINISTERU TAR-RIŻORSI U INFRASTRUTTURA	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni tax-Xogħlijiet / Finanzi u Amministrazzjoni Taqsimiet Operattivi Bini u Manutenzjoni Manifattura u Servizzi Bini u Inġinerija Dipartiment ta' l-Industrija tal-Kostruzzjoni tal-Bini Dipartiment ta' l-Indafa Tiftix għaż-Żejt AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI KUNSILL KONSULTATTIV DWAR L-INDUSTRIJA TAL-BINI
MINISTERU GĦAL GĦAWDEX	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Servizzi tal-Klijent Proġetti u Żvilupp

MINISTERU TAS-SAĦĦA, L-ANZJANI U KURA FIL-KOMUNITÀ	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Diviżjoni tas-Saħħa / Finanzi u Amministrazzjoni Servizzi għall-Anzjani u l-Komunità FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI MEDIĊI SPTAR ZAMMIT CLAPP SPTAR MATER DEI SPTAR MONTE CARMELI AWTORITÀ REGOLATORJA DWAR PRODOTTI MEDIĊINALI

MINISTERU TAT-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI U PROMOZZJONI TA' L-INVESTIMENTI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi LABORATORJU NAZZJONALI TA' MALTA MGI KUMMISSJONI DWAR IL-PROTEZZJONI TA' DATA INDUSTRIAL PROJECTS AND SERVICES LTD SEZZJONI TAL-PRIVATIZZAZZJONI SEZZJONI GĦAN-NEGOZJATI KOLLETTIVI MALTA ENTERPRISE
MINISTERU TA' L-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Servizzi ta' Agrikoltura u Żvilupp Rurali Servizzi dwar Ikel u Veterinarji Sajd u Kontroll tal-Konservazzjoni Ambjent AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR WASTE SERVICES LTD.
MINISTERU TA' L-IŻVILUPP URBAN U TOROQ	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IT-TRASPORT

MINISTERU TAL-FAMILJA U SOLIDARJETÀ SOĊJALI	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi Sigurtà Soċjali Ġid tal-Familja Djar bi Skop Soċjali AWTORITÀ TAD-DJAR FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' ĠID SOĊJALI SEDQA APPOĠĠ KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦAL PERSUNI B'DISABILITÀ SAPPORT
MINISTERU TA' L-AFFARIJIET BARRANIN	Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti / Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi ISTITUT INTERNAZZJONALI DWAR L-ANZJANI

SKEDA 5

Attivitajiet tal-Kuntratti tax-Xogħlijiet Pubbliċi

1. Bini ġenerali u inġinerija ċivili (mingħajr ebda specifikazzjoni partikolari) u xogħol ta' twaqqigħ
2. Bini ġenerali u xogħol ta' inġinerija ċivili (mingħajr ebda specifikazzjoni partikolari)
3. Xogħol ta' twaqqigħ
4. Bini ta' appartamenti, blokki ta' uffiċini, sptarijiet u bini ieħor, kemm residenzjali u mhux
5. Kuntratturi ta' bini ġenerali
6. Tisqif
7. Bini ta' ċmini, kalkara u fran
8. Xogħol biex ma jinfidx l-ilma u l-umdità
9. Restawr u manutenzjoni tal-ħitan ta' barra, għoti ta' żebgħa mill-ġdid, tindif, eċċ.
10. L-armar u ż-żarmar ta' pontijiet
11. Attivitajiet speċjalizzati oħra marbutin max-xogħol ta' kostruzzjoni (inkluża l-karpenterija)
12. Inġinerija ċivili: kostruzzjoni ta' toroq, pontijiet, eċċ.
13. Xogħlijiet ġenerali ta' inġinerija ċivili
14. Ċaqlieq ta' materjal (*navyying*)
15. Kostruzzjoni ta' pontijiet, mini u spejjer, tħaffir
16. Inġinerija idrawlika, portijiet
17. Bini ta' toroq li jinkludu bini specjalizzat ta' ajruporti u *runways*
18. Xogħol ta' bini speċjalizzat marbut ma' l-ilma (għal tisqija, passaġġ ta' l-ilma, provvista ta' ilma, rimi ta' drenaġġ, sistema tad-drenaġġ, eċċ)
19. Attivitajiet speċjalizzati f'oqsma oħra ta' inġinerija ċivili
20. Istallazzjoni (*fittings* u *fixtures*)
21. Xogħlijiet ġenerali ta' istallazzjoni
22. Twaħħil ta' sistemi tal-gas u *plumbing*, u t-twaħħil ta' apparat sanitarju
23. Twaħħil ta' apparat tas-sħana u ventilazzjoni (sħana ċentralizzata, arja kundizzjonata, ventilazzjoni)
24. Insulazzjoni kontra l-ħsejjes u s-sħana, insulazzjoni kontra l-vibrazzjoni
25. *Fittings* ta' l-elettriku
26. Istallazzjoni ta' *aerials*, kondutturi tad-dawl u telefon, eċċ.

27. Xogħol ta' tkomplija ta' bini
28. Xogħol ġenerali ta' tkomplija ta' bini
29. Kisi
30. Xogħol ta' l-injam, li primarjament jinvolvi t-twaħħil fil-post u/jew l-istallazzjoni (li jinkludi t-tqegħid ta' l-art tal-*parquet*)
31. Tibjid, twaħħil tal-ħġieġ u tal-karti
32. Twaħħil tal-madum kemm fl-art u mal-ħitan
33. Xogħol ieħor tat-tkomplija tal-bini (twaħħil ta' *fireplaces*).

SKEDA 6

Servizzi skond it-tifsira tar-regolament 56(1)

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
	1. Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija	
17.40.90	Servizzi ta' tiswija ta' *tarpaulin* u apparat ta' l-ikkampjar	88690.1
17.52.90	Servizzi ta' tiswija ta' xbieki u ħbula	88690.2
28.21.90	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' tankijiet, ġibjuni u reċipjenti tal-metall	88610.1
28.22.90	Servizzi ta' tiswija u manuenzjoni ta' *boilers* ta' sħana ċentralizzata	88610.2
28.30.91	Servizzi ta' ġeneraturi ta' *steam*, ħlief ta' *boilers* ta' ilma sħun ta' sħana ċentralizzata, inkluż s-sistema relatata tal-pajpijiet	88610.3
28.30.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' ġeneraturi ta' *steam*, ħlief ta' *boilers* ta' ilma sħun ta' sħana ċentralizzata	88610.4
29.11.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' magni u turbini, ħlief ajruplani, vetturi u vetturi bil-pedali	88620.1
29.11.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' magni u turbini u vetturi bil-pedali, ħlief ajruplani, vetturi u vetturi bil-pedali	88620.2
29.12.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' pompi u kumpressuri	88620.3
29.12.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' pompi u kumpressuri	88620.4
29.13.90	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' viti u valvoli	88620.5
29.21.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' fran u sistemi ta' fran	88620.6
29.22.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' apparat li jerfa' u li jqandel, ħlief liftijiet u *escalators*	88620.8

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
29.21.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' fran u sistemi ta' fran	88620.7
29.22.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' apparat li jerfa' u li jqandel	88620.9a
29.23.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' apparat mhux domestiku li jkessaħ u li jagħti ventilazzjoni	88620.9b
29.23.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' apparat mhux domestiku li jkessaħ u li jagħti ventilazzjoni	88620.9c
29.24.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju ieħor għal skopijiet ġenerali	88620.9d
29.24.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju ieħor għal skopijiet ġenerali	88620.9e
29.32.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju agrikolu u tal-foresti	88620.9f
29.32.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju agrikolu u tal-foresti	88620.9g
29.40.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju ta' l-għodda	88620.9h
29.40.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju ta' l-għodda	88620.9i
29.51.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju għal xogħol tal-ħadid	88620.9j
29.51.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju għal xogħol tal-ħadid	88620.9k
29.52.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju għal mini, barrieri u bini	88620.9l
29.52.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju għal mini, barrieri u bini	88620.9m
29.53.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju għall-ikel, xorb u proċessar tat-tabakk	88620.9n

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
29.53.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju għall-ikel, xorb u proċessar tat-tabakk	88620.9o
29.54.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju għal produzzjoni ta' tessuti, ilbies u xogħol tal-ġilda	88620.9p
29.54.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju għal produzzjoni ta' tessuti, ilbies u xogħol tal-ġilda	88620.9q
29.55.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju għal produzzjoni ta' karta u kartun	88620.9r
29.55.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju għal produzzjoni ta' karta u kartun	88620.9s
29.56.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju ieħor għal skopijiet speċjali	88620.9t
29.56.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju ieħor għal skopijiet speċjali	88620.9u
29.60.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' armi u sistemi ta' armi	88620.9v
29.60.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' armi u sistemi ta' armi	88620.9w
30.01.90	Servizzi ta' istallazzjoni ta' makkinarju ta' l-uffiċċju	88630.1
30.02.90	Servizzi ta' istallazzjoni tal-*computers* u makkinarju ieħor li jipproċessa l-informazzjoni	88630.2
31.10.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' muturi elettriċi, ġeneraturi u *transformers*	88640.1
31.10.92	Servizzi ta' tiswija, manutenzjoni u *rewinding* ta' muturi elettriċi, ġeneraturi u *transformers*	88640.2
31.20.91	Servizzi ta' istallazzjoni ta' distribuzzjoni elettrika u apparat ta' kontroll	88640.3
31.20.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' distribuzzjoni elettrika u apparat ta' kontroll	88640.4

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
31.62.91	Servizzi ta' installazzjoni ta' makkinarj u ieħor elettriku, ħlief makkinarju elettriku li jagħmel sinjali għal toroq prinċipali, toroq u ajruporti	88640.5
31.62.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju ieħor elettriku	88640.6
32.20.91	Servizzi ta' installazzjoni ta' *transmitters* tat-televiżjoni u tar-radju	88650.1
32.20.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' *transmitters* tat-televiżjoni u tar-radju	88650.2
32.30.91	Servizzi ta' installazzjoni ta' apparat professjonali tar-radju, televiżjoni, ħoss u video	88650.3
32.30.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' apparat professjonali tar-radju, televiżjoni, ħoss u video	88650.4
33.10.91	Servizzi ta' installazzjoni ta' apparat mediku u ta' l-operazzjonijiet u apparat relatat	88660.1
33.10.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' apparat mediku u ta' l-operazzjonijiet u apparat relatat	88660.2
33.20.91	Servizzi ta' installazzjoni ta' strumenti u apparat biex tkejjel, tivverifika, tipprova, tinnaviga u għal skopijiet oħra	88660.3
33.20.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' strumenti u apparat biex tkejjel, tivverifika, tipprova, tinnaviga u għal skopijiet oħra	88660.4
33.40.90	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' strumenti professjonali ta' fotografija, ċinematografija u ta' l-għajnejn	88660.5
33.50.91	Servizzi ta' installazzjoni ta' strumenti ta' kejl ta' ħin industrijali u apparat relatat	88660.6
33.50.92	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' strumenti ta' kejl ta' ħin industrijali u apparat relatat	88660.7
35.11.91	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' vapuri u pjattaformi u strutturi li jżommu fil-wiċċ ta' l-ilma	88680.1
35.11.92	Rikondizzjonar ta' vapuri	88680.2

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
35.11.93	Tifrik ta' vapuri	88680.3
35.12.90	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' dgħajjes ta' divertiment u sportivi	88680.4
35.20.91	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' linji tal-ferrovija u tat-tram u tal-ġarr tal-merkanzija	88680.5
35.20.92	Rikondizzjonar ta' linji tal-ferrovija u tat-tram u tal-ġarr tal-merkanzija	88680.6
35.30.91	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' ajruplani u magni ta' l-ajruplani	88680.7
35.30.92	Rikondizzjonar ta' ajruplani	88680.8
36.30.90	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' strumenti mużikali	88690.3
50.2	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' vetturi bil-mutur	611d 611e 611f
50.40.40	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' muturi	61220
52.7	Servizzi ta' tiswija ta' oġġetti personali u tad-dar	633a 633b 633c 633d
	2. Servizzi ta' trasport bl-art,[(1)] inklużi servizzi ta' karozzi armati u servizzi *courier*, ħlief trasport ta' posta	
60.21.2	Trasport regolari ta' passiġġieri urban u suburban, apparti permezz ta' ferroviji	712a
60.21.3	Trasport ta' passiġġieri inter urban, apparti permezz ta' ferroviji	712b
60.21.4	Trasport ieħor ta' passiġġieri bl-art skedat	712c
60.22	Servizzi ta' *taxi* u servizzi ta' kera ta' karozzi tal-passiġġieri b'operatur	712d
60.23	Servizzi oħra ta' ġarr ta' passiġġieri bl-art	712e
60. 24.1	Servizzi ta' ġarr tal-merkanzija bl-art, vetturi speċjalizzati	712f

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
60.24.22	Trasport ta' merkanzija oħra	71239.3
60.24.3	Servizzi ta' kera ta' vetturi kummerċjali tal-merkanzija bl-operatur	712h
64.12	Servizzi ta' *courier* barra servizzi nazzjonali bil-posta	751b
74.60.14	Servizzi ta' karozzi armati	87304
	3. Servizzi ta' trasport bl-ajru ta' passiġġieri u merkanzija, ħlief trasport ta' posta	
62.10.10	Servizzi ta' trasport ta' passiġġieri bl-ajru skedat	73110
62.10.22	Trasport ta' merkanzija fil-*containers* skedat	73220.1
62.10.23	Trasport ta' merkanzija oħra bl-ajru, skedat	73290.1
62.20.10	Servizzi ta' trasport ta' passiġġieri mhux skedat	73120
62.20.20 (parti)	Servizzi ta' ġarr ta' merkanzija bl-ajru mhux skedat	73210.1 73290.2
62.20.30	Servizzi ta' kera ta' ajruplani bl-ekwipaġġ	73400
62.30.10	Servizzi ta' trasport mill-ispazju	73300
	4. Trasport ta' posta bl-art u bl-ajru	
60.24.21	Trasport ta' posta	71235
62.10.21	Trasport ta' posta bl-ajru, skedat	73210.1
62.20.20 (parti)	Servizz ta' ġarr ta' merkanzija mhux skedat	73210.1 73290.2
	5. Servizzi ta' telekomunikazzjoni (2)	
64.20.1	Servizzi ta' trasmissjoni ta' informazzjoni u messaġġi	752a
64.20.2	Servizzi oħra ta' telekomunikazzjoni	752b
	6. Servizzi Finanzjarji: **(a) servizzi ta' assigurazzjoni** **(b) servizzi ta' bank u investiment (3)**	

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
66	Servizzi ta' assigurazzjoni u finanzjament ta' pensjoni, ħlief servizzi obbligatorji ta' sigurtà soċjali	812a 812b 812c
67.2	Servizzi awżiljari ta' assigurazzjoni u finanzjament ta' pensjoni	814
65	Servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja, ħlief servizzi ta' assigurazzjoni u finanzjament ta' pensjoni	811a 811d 811b 811e 811c
67.1	Servizzi awżiljari ta' intermedjazzjoni finanzjarja, ħlief għal finanzjament ta' assigurazzjoni u finanzjament ta' pensjoni	813a 813b 813c
	7. Servizzi tal-*computer* u oħrajn relatati	
72.10.10	Servizzi ta' konsulenza fuq il-*hardware*	84100
72.20.2	Servizzi ta' programmi ta' prodotti ta' *software* ippakkjati	841b
72.20.3	Konsulenza fuq *software* u servizzi oħra ta' provvista	842a
72.3	Servizzi ta' pproċessar ta' informazzjoni	842b 843
72.4	Servizzi ta' *database*	844
72.5	Servizzi ta' tiswija u manutenzjoni ta' makkinarju ta' l-uffiċċju, ta' akkontjar u ta' *computing*	845
72.6	Servizzi oħra relatati mal-*computer*	849
	8. Servizzi ta' Riċerka u żvilupp[(4)]	
73	Servizzi ta' riċerka u żvilupp	851 852
	9. Servizzi ta' akkontjar, verifikar u żamma tal-kotba	
74.12.1	Servizzi ta' akkontjar u verifikar	862a

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
74.12.2	Servizzi ta' żamma tal-kotba, ħlief formuli tat-taxxa	862b
	10. Servizzi ta' riċerka fis-suq u opinjoni pubblika fuq il-votazzjoni	
74.13	Servizzi ta' riċerka fis-suq u opinjoni pubblika fuq il-votazzjoni	864
	11. Servizzi ta' konsulenza maniġerjali (5) u servizzi relatati	
74.14	Servizzi ta' negozju u konsulenza maniġerjali	865, 866a
74.15	Servizzi ta' assi maniġerjali	866b
	12. Servizzi ta' perizja; servizzi ta' inġinerija u servizzi ta' inġinerija integrati; ippjanar urban u servizzi ta' perizja fuq pajsaġġ; servizzi relatati xjentifiċi u ta' konsulenza teknika; ittestjar tekniku u servizzi analitiċi	
74.20.2	Servizzi ta' perizja	867a
74.20.3	Servizzi ta' inġinerija	867b
74.20.4	Servizzi ta' inġinerija integrati għal proġetti kompleti	867c
74.20.5	Servizzi ta' ppjanar urban u ta' perizja fuq pajsaġġ	867d
74.20.6	Servizzi ta' mmaniġġar ta' proġett marbut ma' xogħlijiet ta' kostruzzjoni u inġinerija ċivili	- -
74.20.7	Servizzi xjentifiċi u tekniċi relatati ma' inġinerija	867e
74.3	Servizzi ta' ttestjar tekniku u ta' analizzar	867f
	13. Servizzi ta' reklamar	
74.4	Servizzi ta' reklamar	871
	14. Servizzi ta' tindif ta' bini u servizzi ta' immaniġġar ta' proprjetà	
70.3	Servizzi ta' aġenzija tal-proprjetà bi ħlas jew fuq bażi ta' kuntratt	822a 822b

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
74.7	Servizzi ta' tindif industrijali	874
	15. Servizzi ta' ppublikar u stampar bi ħlas jew fuq bażi ta' kuntratt	
22.21	Servizzi ta' stampar ta' gazzetta	884h
22.22.3	Servizzi ta' stampar, ħlief għal stampar ta' gazzetti	884i
22.23	Servizzi ta' legatura tal-kotba u ta' raffinament	884j
22.24.1	Servizzi tal-komponiment u tal-*plate*	884k
22.25	Servizzi oħra relatati ma' l-istampar	884l
22.3	Servizzi ta' riproduzzjoni u ta' xandir rikordjat	884m 884n 884o
	16. Servizzi ta' drenaġġ u ta' skart; servizzi ta' sanità u oħrajn smili	
90	Servizzi ta' drenaġġ u skart, sanità u servizzi simili	940a 940b 940c

(1) Ħlief għal servizzi ta' trasport bil-ferrovija koperti minn kategorija 18.

(2) Ħief għal servizzi ta' telefonija bil-vuċi, *telex*, telefonija bir-radju, *paging* u satelliti.

(3) Ħlief kuntratti għal servizzi fnanzjarji in konnessjoni mal-ħruġ, bejgħ, xiri u trasferiment ta' sigurtajiet u strumenti finanzjarji oħra, u servizzi ta' bank ċentrali.

(4) Ħlief kuntratti ta' ricerka u żvilupp barra dawk fejn il-benefiċċju huwa dovut esklużivament lill-awtorità kontraenti għal użu fit-twettiq ta' xogħlha bil-kondizzjoni illi s-servizz pprovdut huwa mħallas kollu mill-awtorità kontraenti.

(5) Ħlief servizzi ta' arbitraġġ u konċiljazzjoni.

SKEDA 7

Servizzi skond it-tifsira tar-regolament 56(2)

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
	17. Servizzi ta' lukandi u ristoranti	
55	Servizzi ta' lukandi u ristoranti	64
	18. Servizzi ta' trasport fuq il-linji	
60.1	Servizzi ta' trasport bil-ferrovija	711a 711b 711c
60.21.1	Trasport ta' passiġġieri bil-ferrovija urban u suburban	711d
	19. Servizzi ta' trasport ta' ilma	
61	Servizzi ta' trasport ta' ilma	72
	20. Servizzi ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarju	
63	Servizzi ta' trasport ta' appoġġ u awżiljarju; servizz ta' aġenzija ta' vvjaġġar	74
	21. Servizzi legali	
74.11	Servizzi legali	861
	22. Tqassim ta' ħaddiema u servizzi ta' provvista	
74.5	Impieg ta' ħaddiema u provvista ta' servizzi ta' ħaddiema	872
	23. Servizzi ta' investigazzjoni u sigurtà ħlief servizzi ta' karozzi armati	
74.60.11	Servizzi ta' investigazzjoni	87301
74.60.12	Servizzi ta' konsulenza fuq sigurtà	87302
74.60.13	Servizzi ta' osservazzjoni ta' alarm	87303
74.60.15	Servizzi ta' għassa	87305
74.60.16	Servizzi oħra ta' sigurtà	87309

Nru ta' Riferenza CPA	Suġġett	Nru ta' Riferenza CPC
	24. Servizzi ta' edukazzjoni u vokazzjonali	
80	Servizzi ta' edukazzjoni	92
	25. Servizzi ta' saħħa u soċjali	
85	Servizzi ta' saħħa u soċjali	93
	26. Servizzi rikreazzjonali, kulturali u sportivi	
92.11.3	Servizzi ta' stampi jiċċaqilqu u produzzjoni ta' *tape* tal-video u servizzi relatati	961a
92.12	Servizzi ta' stampi jiċċaqilqu u distribuzzjoni ta' *tape* tal-video	961b
92.13	Servizzi ta' proġettazzjoni ta' stampi jiċċaqilqu	961c
92.2	Servizzi ta' radju u televiżjoni	961d
92.31.2	Servizzi ta' kreazzjoni artistika u litterarja u interpretazzjoni	961e
92.32.1	Servizzi ta' operazzjoni ta' faċilitajiet għall-arti	961f
92.33.1	Servizzi ta' fieri u divertiment	961g
92.34	Servizzi oħra ta' divertiment	961h
92.4	Servizzi ta' aġenzija ta' l-aħbarijiet	962
92.5	Servizzi ta' librerija, arkivji, mużewijiet u servizzi kulturali oħra	963a 963b 963c
92.6	Servizzi sportivi	964a 964b
92.7	Servizzi rekreattivi oħra	964c 964d
	27. Servizzi oħra	

SKEDA 8

Valuri ta' limiti stabbiliti skond ir-regolament 11

1. Il-valuri tal-limiti stabbiliti applikabbli għal kuntratti pubbliċi mingħajr ebda VAT huma dawn li ġejjin:

   (a) Lm63,000 għal kuntratti ta' provvista pubblika u ta' servizzi pubbliċi minbarra dawk koperti bil-punt (b) it-tielet inċiż; mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti li huma elenkati bħala awtoritajiet tal-gvern ċentrali in fi Skeda 4 (Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali); fil-każ ta' kuntratti ta' provvista pubblika mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti li joperaw fil-qasam tad-difiża, dan għandu applika biss għal kuntratti li għandhom x'jaqsmu ma' prodotti koperti bl-Iskeda 10;

   (b) Lm97,000

   - Għal kuntratti ta' provvista u ta' servizzi mogħtija minn awtoritajiet kontraenti minbarra dawk elenkati fi Skeda 4 (Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali);
   - Għal kuntratti ta' provvista mogħtija minn awtoritajiet kontraenti li huma elenkati fi Skeda 4 (Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali) u li joperaw fil-qasam tad-difiża, meta dawn l-kuntratti jinvolvu prodotti mhux elenkati fi Skeda 10;
   - Għal kuntratti ta' servizzi pubbliċi mogħtija minn awtorità kontraenti fir-rigward ta' servizzi elenkati fil-Kategorija 8 ta' Skeda 6, il-Kategorija 5, servizzi ta' telekomunikazzjoni, numru ta' referenza CPC 7524, 7525 u 7526 u, jew is-servizzi elenkati fi Skeda 7.

   (ċ) Lm2,448,000 għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi.

SKEDA 9

AVVIŻI DWAR KUNTRATTI PUBBLIĊI

ANNESS I A

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI INKLUŻA F'AVVIŻI PUBBLIĊI DWAR KUNTRATT

AVVIŻ DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI TA' AVVIŻ TA' INFORMAZZJONI MINN QABEL DWAR PROFIL TA' XERREJ

1. Pajjiż ta' l-awtorità kontraenti
2. Isem ta' l-awtorità kontraenti
3. Indirizz ta' l-internet tal-"profil tax-xerrej" (URL)
4. Numru(i) ta' Referenza tan-Nomenklatura CPV

AVVIŻ DWAR INFORMAZZJONI MINN QABEL

1. Isem, indirizz, numru tal-*fax* u indirizz tal-posta elettronika ta' l-awtorità kontraenti u, jekk differenti, tas-servizz minn fejn informazzjoni addizzjonali tista' tinkiseb u, fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi u xogħlijiet, tas-servizzi, eż. is-sit ta' l-internet rilevanti tal-gvern, minn fejn tista' tinkiseb informazzjoni rigward il-qafas ġenerali regolatorju dwar taxxi, protezzjoni ta' l-ambjent, protezzjoni ta' l-impjiegi u kondizzjonijiet tax-xogħol applikabbli fil-lok fejn il-kuntratt għandu jseħħ.
2. Fejn ikun xieraq indika jekk il-kuntratt pubbliku hux ristrett għal postijiet tax-xogħol protetti jew jekk l-eżekuzzjoni tal-kuntratt hiex ristretta għal qafas ta' programmi ta' xogħol protetti.
3. Fil-każ ta' kuntratti ta' xogħolijiet pubbiċi: in-natura u t-tul tax-xogħolijiet u l-lok ta' eżekuzzjoni; jekk ix-xogħol ikun ser jiġi suddiviż f'diversi gruppi, il-karatteristiċi essenzjali ta' dawk il-gruppi b'riferenza għax-xogħol; jekk tkun disponibbli, stima tal-medda ta' l-ispejjeż tax-xogħlijiet proposti; numru(i) tar-riferenza tan-Nomenklatura.

   Fil-każ ta' kuntratti ta' provvista pubblika: in-natura u l-kwantità jew il-valur tal-prodotti li għandhom jiġu forniti, in-numru(i) tar-riferenza tan-Nomenklatura.

   Fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi pubbliċi: il-valur totali tax-xiri kif propost f'kull waħda mill-kategoriji ta' servizz fl-Anness II A; numru(i) tar-riferenza tan-Nomenklatura.
4. Id-data stmata għall-bidu tal-proċeduri ta' l-għoti fir-rigward tal-kuntratt jew kuntratti, fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi pubbliċi skond il-kategorija.
5. Fejn ikun adatt, indikazzjoni dwar jekk ikunx hemm involut xi ftehim qafas.

6. Fejn ikun adatt, aktar informazzjoni.

7. Data tal-ħruġ ta' l-avviż jew tal-ħruġ ta' l-avviż tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż minn qabel ta' informazzjoni dwar il-profil tax-xerrej.

8. Indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt ikunx kopert bil-Ftehim.

AVVIŻI DWAR KUNTRATTI

Proċeduri miftuħa jew ristretti, djalogi kompetittivi, proċeduri, proċeduri negozjati:

1. Isem, indirizz, numru tat-telefon u tal-*fax* u indirizz tal-posta elettronika ta' l-awtorità kontraenti.

2. Fejn ikun adatt, indikazzjoni fejn il-kuntratt pubbliku huwa ristrett għal post protett fejn isir ix-xogħol, jew jekk l-eżekuzzjoni hijiex ristretta għall-qafas ta' programmi ta' impjieg protett.

3. (a) Il-proċedura ta' l-għoti magħżula;

   (b) Fejn ikun adatt, ir-raġunijiet għall-użu ta' proċeduri mgħaġġla (fi proċeduri ristretti jew negozjati);

   (ċ) Fejn ikun adatt, indikazzjoni dwar jekk hemmx xi ftehim ta' qafas involut;

   (d) Fejn ikun adatt, indikazzjoni dwar jekk hijiex involuta sistema dinamika ta' xiri;

   (e) Fejn ikun adatt, it-twettiq ta' bejgħ bl-irkant elettroniku (fil-każ ta' proċeduri miftuħa, ristretti jew negozjati, fis-sitwazzjoni koperta bir-regolamenti 58(1)(a), 65(1)(a) u 71(1)(a))

4. Forma tal-kuntratt.

5. Lok ta' eżekuzzjoni, twettieq tax-xogħlijiet, għall-kunsinna tal-prodotti jew għall-għoti tas-servizzi

6. (a) Kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi:

   - xorta u daqs tax-xogħlijiet u x-xorta ġenerali tax-xogħol. B'mod partikolari indikazzjoni ta' għażliet fir-rigward ta' xogħlijiet supplimentari, u, jekk ikun magħruf, orarju provviżorju biex isiru dawn l-għażliet kif ukoll kemm jista' jsir tiġdid jekk ikun il-każ. Jekk ix-xogħol jew il-kuntratt huma suddiviż f'diversi gruppi, il-kobor tal-gruppi differenti; in-numru(i) tar-riferenza tan-Nomenklatura,

   - informazzjoni rigward l-għan tax-xogħol jew tal-kuntratt fejn dan ta' l-aħħar ikun jinvolvi wkoll it-tfassil ta' proġetti,

   - fil-każ ta' ftehim qafas, indikazzjoni wkoll tat-tul ippjanat tal-ftehim, il-valur totali ta' l-istima tax-xogħlijiet għal kem idum il-ftehim qafas, u sa fejn hu possibbli, il-valur u l-frekwenza tal-kuntratti li jkunu ser jingħataw.

(b) Kuntratti ta' provvista pubblika:

- xorta tal-prodotti li għandhom jiġu forniti, b'indikazzjoni b'mod partikolari jekk l-offerti humiex mitluba bil-għan li jkun hemm xiri, ħlas għall-kiri, kiri jew *hire purchase* jew taħlita ta' dawn kollha, in-numru tar-riferenza tan-nomenklatura. Il-kwantità ta' prodotti li għandhom jiġu forniti, b'indikazzjoni b'mod partikolari ta' l-għażliet dwar ix-xiri supplimentari u, jekk ikun magħruf, l-orarju provviżorju biex wieħed jagħmel dawn l-għażliet, kif ukoll kemm drabi jistgħu jiġġeddu. In-numru(i) ta' referenza tan-Nomenklatura,
- fil-każ ta' kuntratti regolari jew li jiġġeddu matul perjodu partikolari, indikazzjoni wkoll ta' l-orarju, jekk ikun magħruf, tal-kuntratti sussegwenti għax-xiri tal-provvisti maħsuba,
- fl-eventwalità ta' ftehim qafas, indikazzjoni wkoll tat-tul kif ippjanat tal-ftehim qafas, il-valur totali stmat tal-prodotti tul il-ftehim qafas kollu, u safejn ikun possibbli, il-valur u l-frekwenza tal-kuntratti li għandhom jingħataw

(ċ) Kuntratti ta' servizzi pubbliċi:

- kategorija u deskrizzjoni tas-servizz. In-numru(i) tar-riferenza tan-Nomenklatura. Il-kwantità ta' servizzi li għandhom jingħataw. Indikazzjoni b'mod partikolari ta' l-għażliet dwar ix-xiri supplimentari u, jekk ikun magħruf, l-orarju provviżorju biex wieħed jagħmel dawn l-għażliet, kif ukoll kemm drabi jistgħu jiġġeddu, jekk ikun il-każ. Fil-każ ta' kuntratti li jistgħu jiġu mġedda tul perjodu stabbilit, stima tat-tul ta' żmien, jekk ikun magħruf, għall-kuntratti pubbliċi sussegwenti għax-xiri tas-servizzi maħsuba,
- fl-eventwalità ta' ftehim qafas, indikazzjoni wkoll tat-tul kif ippjanat tal-ftehim qafas, il-valur totali stmat tas-servizzi tul il-ftehim qafas kollu, u fejn hu possibbli, il-valur u l-frekwenza tal-kuntratti li ser jingħataw,
- indikazzjoni jekk l-eżekuzzjoni tas-servizz hijiex riservata bid-disposizzjonijiet ta' liġi, regolamenti jew disposizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari.

Referenza għal-liġi, regolament jew disposizjoni amministrattiva.

- indikazzjoni jekk il-persuni ġuridiċi għandhomx jindikaw l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali tal-persunal li jkun ser ikollu r-responsabbilità għall-eżekuzzjoni tas-servizz.

7. Jekk il-kuntratti huma suddiviż f'diversi lottijiet, indikazzjoni tal-possibbilità li wieħed jitfa' l-offerta għal wieħed jew għal ħafna jew għal-lottijiet kollha.

8. Kull terminu ta' żmien għall-iffinalizzar tax-xogħlijiet, provvista, servizzi

tal-kuntratt tax-xogħlijiet, provvista, servizzi; fejn hu possibbli kull limitu ta' żmien biex jinbdew ix-xogħlijiet jew kull limitu ta' żmien minn meta tibda l-kunsinna tal-provvisti jew l-għoti tas-servizzi.

9. Amissjoni jew projbizzjoni ta' elementi li jvarjaw.

10. Fejn ikunu japplikaw kondizzjonijiet partikolari li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt hija soġġetta għalihom.

11. Fil-każ ta' proċeduri miftuħa:

    (a) isem, indirizz, numru tat-telefon u tal-*fax* u indirizz elettroniku tas-servizz minn fejn jistgħu jiġu mitluba dokumenti tal-kuntratt u dokumenti addizzjonali;

    (b) meta jkun adatt, it-terminu ta' żmien biex isiru dawk it-talbiet;

    (ċ) meta jkun adatt, x'inhuma l-ispejjeż u l-kondizzjonijiet dwar l-ħlas biex wieħed jikseb dawn id-dokumenti.

12. (a) Terminu ta' żmien sabiex ikunu riċevuti l-offerti jew offerti indikattivi meta tintuża sistema dinamika ta' xiri (proċeduri miftuħa);

    (b) terminu ta' żmien sabiex ikunu riċevuti it-talbiet ta' parteċipazzjoni (proċeduri ristretti jew negozjati);

    (ċ) indirizz fejn għandhom jintbagħtu;

    (d) il-lingwa jew lingwi li għandhom jintużaw sabiex isiru dawn.

13. Fil-każ ta' proċeduri miftuħa:

    (a) persuni li huma awtorizzati li jkunu preżenti waqt il-ftuħ ta' l-offerti;

    (b) data, ħin u post fejn ser jinfetħu.

14. Fejn ikun xieraq kull depożitu jew garanzija meħtieġa.

15. Pattijiet prinċipali rigward l-iffinanzjar u l-ħlas u, jew riferenzi għat-testi fejn ikunu jinsabu.

16. Fejn ikun adatt, il-forma legali li għandha tittieħed mill-ġabra flimkien ta' operaturi ekonomiċi li lilhom ikun ser jingħata l-kuntratt.

17. Il-kriterji ta' l-għażla dwar is-sitwazzjoni personali ta' l-operaturi ekonomiċi li jistgħu jwasslu għall-eżklużjoni tagħhom, u l-informazzjoni meħtieġa li turi illi huma ma jaqgħux fil-każijiet fejn l-esklużjoni hija ġġustifikata. Il-kriterji ta' l-għażla u l-informazzjoni rigward is-sitwazzjoni personali ta' l-operaturi ekonomiċi, l-informazzjoni u kull formalità meħtieġa sabiex issir valutazzjoni ta' *standards* ekonomiċi u tekniċi minimi meħtieġa mill-operatur ekonomiku. Livell(i) minimu(i) possibbli meħtieġa.

18. Fejn hemm ftehim qafas: l-għadd u, fejn ikun adatt, l-ikbar għadd propost ta' operaturi ekonomiċi li ser ikunu parti fih, iż-żmien previst tal-ftehim qafas previst, b'dikjarazzjoni, jekk xieraq, ir-raġunijiet għal kull terminu ta' żmien li jeċċedi l-erba' snin.

19. Fil-każ ta' djalogu kompetittiv jew proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni

ta' avviż dwar kuntratt, indika, jekk ikun adatt, l-użu ta' proċedura fi stadji sabiex jitnaqqas gradatament l-għadd ta' soluzzjonijiet li għandhom jiġu diskussi jew offerti li għandhom jiġu negozjati.

20. Fil-każ ta' proċedura ristretta, djalogu kompetittiv jew proċedura negozjata bil-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt, meta ssir l-għażla biex jiġi mnaqqas l-għadd ta' kandidati li ser ikunu mistiedna sabiex jippreżentaw l-offerti, sabiex ikun hemm djalogu jew negozjati: l-inqas għadd u, jekk ikun adatt, l-akbar għadd propost ta' kandidati u l-kriterji oġġettivi li għandhom jintużaw sabiex jingħażel l-għadd ta' kandidati.

21. It-terminu ta' żmien li fih l-offerent għandu jżomm l-offerta (proċeduri miftuħa).

22. Meta jkun adatt, l-ismijiet u l-indirizzi ta' operaturi ekonomiċi li jkunu magħżulin minn qabel mill-awtorità kontraenti (proċeduri negozjati).

23. Il-kriterji msemmija fir-regolament 27(3), (4) u (5) li għandhom jintużaw fl-għoti ta' kuntratt: "l-irħas prezz" jew "offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża". Il-kriterji li jirrappreżentaw l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża kif ukoll l-importanza tagħhom għandhom ikunu msemmija meta ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, f'dokument ta' deskrizzjoni.

24. L-isem u l-indirizz ta' l-entità responsabbli għall-appell u, fejn ikun adatt, proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża rigward termini perentorji sabiex isiru l-appelli, jew jekk ikun hemm il-bżonn l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn din l-informazzjoni tista' tinkiseb.

25. Id-data(i) tal-pubblikazzjoni ta' informazzjoni minn qabel skond l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-pubblikazzjoni indikati fi Skeda 9 II jew dikjarazzjoni illi ma kienx hemm din il-pubblikazzjoni.

26. Data tal-ħruġ ta' l-avviż.

27. Indikazzjoni jekk il-kuntratt huwiex kopert bil-Ftehim.

AVVIŻ SIMPLIFIKAT DWAR KUNTRATT GĦALL-UŻU F'SISTEMA DINAMIKA TA' XIRI

1. Pajjiż ta' l-awtorità kontraenti.

2. L-isem u l-indirizz elettroniku ta' l-awtorità kontraenti.

3. Referenza tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż dwar kuntratt għas-sistema dinamika ta' xiri.

4. Indirizz tal-posta elettronika ta' l-awtorità tal-kuntratti fejn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u dokumenti addizzjonali rigward is-sistema ta' xiri dinamika huma disponibbli.

5. Suġġett tal-kuntratt: deskrizzjoni bin-numru(i) ta' riferenza ta' nomenklatura "CPV" u kwantità jew tul ta' żmien tal-kuntratt li ser jingħata.

6. Terminu perentorju għall-preżentazzjoni ta' offerti indikattivi.

AVVIŻI DWAR GĦOTI TA' KUNTRATTI

1. L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità kontraenti.
2. Proċeduri ta' għotja magħżula. Fil-każ ta' proċeduri negozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż dwar kuntratt (regolament 24), il-ġustifikazzjoni.
3. Kuntratti ta' provvista pubblika: ix-xorta u t-tul tal-kuntratt, il-karatteristiċi ġenerali tax-xogħol.

   Kuntratti ta' servizzi pubbliċi: ix-xorta u l-kwantità ta' prodotti forniti, meta jkun xieraq, mill-fornitur; numru tar-riferenza tan-nomenklatura.

   Kuntratti ta' servizzi pubbliċi: kategorija u dekrizzjoni tas-servizz; numru tar-riferenza tan-nomenklatura; kwantità ta' servizzi mixtrija.
4. Data ta' l-għoti tal-kuntratt.
5. Kriterji għall-għoti tal-kuntratt.
6. Għadd ta' offerti riċevuti.
7. L-isem u l-indirizz ta' l-operaturi ekonomiċi li jkunu rebħu l-kuntratti.
8. Prezz u medda ta' prezzijiet (minimu/massimu) mħallas.
9. Valur ta' l-offerta (offerti) miżmuma jew l-ogħla u l-irħas offerta li tqiesu fl-għoti tal-kuntratt.
10. Meta jkun xieraq, valur u proporzjon tal-kuntratt li x'aktarx ikun appaltat lill-terzi.
11. Data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż dwar l-offerta skond l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-pubblikazzjoni fi Skeda 9 II.
12. Data tal-ħruġ ta' l-avviż.
13. L-isem u l-indirizz ta' l-entità responsabbli għall-appell u, fejn ikun xieraq, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża dwar termini perentorji biex isiru l-appelli, jew jekk ikun meħtieġ l-isem, l-indirizz, in-numru ta' telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn din l-informazzjoni tista' tinkiseb.

ANNESS I B

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIDHER F'AVVIŻI TA' KONĊESSJONIJIET GĦAL XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

1. L-isem u l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika ta' l-awtorità kontraenti
2. (a) Il-lok ta' l-eżekuzzjoni

   (b) Is-suġġett tal-konċessjoni; ix-xorta u t-tul tas-servizzi
3. (a) Il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet

(b) L-indirizz fejn għandhom jintbagħtu

(ċ) Lingwa(i) li biha(bihom) għandhom jinkitbu

4. Kondizzjonijiet personali, tekniċi u finanzjarji li għandhom jintlaħqu mill-kandidati

5. Il-kriterji li ser jiġu applikati fl-għoti tal-kuntratt.

6. Jekk ikun xieraq, il-proporzjon minimu tax-xogħlijiet li ser jiġu appaltati lil terzi.

7. Data tal-ħruġ ta' l-avviż.

8. L-isem u l-indirizz ta' l-entità responsabbli għall-appell u, fejn ikun xieraq, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża dwar termini perentorji biex isiru l-appelli, jew jekk ikun meħtieġ l-isem, l-indirizz, in-numru ta' telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn din l-informazzjoni tista' tinkiseb.

ANNESS I Ċ

INFORMAZZJONI, LI GĦANDHA TIDHER F'AVVIŻI DWAR KUNTRATT TA' XOGĦLIJIET, TA' KONĊESSJONARJI LI MHUMIEX AWTORITAJIET KONTRAENTI

1. (a) Il-lok ta' l-eżekuzzjoni

(b) Ix-xorta u l-qies tas-servizzi, karatteristiċi ġenerali tax-xogħlijiet

2. Kull limitu ta' żmien impost biex jitlesta.

3. L-isem u l-indirizz ta' l-entità li mingħandha jistgħu jintalbu l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti addizzjonali.

4. (a) Il-limitu ta' żmien biex jiġu riċevuti applikazzjonijiet għall-parteċipazzjoni u/jew biex jiġu riċevuti offerti

(b) L-indirizz fejn għandhom jintbagħtu

(ċ) Lingwa(i) li biha(bihom) għandhom jinkitbu

5. Kull depożitu jew garanzija meħtieġa

6. Il-kondizzjonijiet ekonomiċi u tekniċi li għandhom jiġu osservati mill-kuntrattur.

7. Il-kriterji li jiġu applikati fl-għoti tal-kuntratt.

8. Data ta' meta jintbagħat l-avviż.

ANNESS I D

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIDHER F'AVVIŻI TA' KOMPETIZZJONI DWAR ID-DISINN

AVVIŻI DWAR KOMPETIZZJONI

1. L-isem, l-indirizz, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika ta' l-awtorità kontraenti u dawk tas-servizz minn fejn jistgħu jinkisbu d-dokumenti addizzjonali
2. Deskrizzjoni tal-proġett
3. Tip tal-kompetizzjoni: miftuħa jew ristretta
4. Fil-każ ta' kompetizzjoni fil-miftuħ: limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni ta' proġetti
5. Fil-każ ta' kompetizzjoni ristretta:
   (a) l-għadd kontemplat ta' parteċipanti
   (b) ismijiet ta' parteċipanti diġà magħżula, jekk ikun hemm
   (ċ) kriteri għall-għażla tal-parteċipanti
   (d) terminu ta' żmien għat-talbiet għall-parteċipazzjoni
6. Jekk ikun adatt, indikazzjoni li l-parteċipazzjoni hija ristretta għal professjoni speċifika
7. Kriterji li għandhom jiġu applikati fil-valutazzjoni tal-proġetti
8. Ismijiet ta' membri ta' l-aġġudikanti li jkunu diġà ġew magħżula
9. Indikazzjoni jekk id-deċiżjoni ta' l-aġġudikanti torbotx lill-awtorità kontraenti
10. Għadd u valur ta' xi premjijiet
11. Pagamenti li ser isiru lill-parteċipanti, jekk ikun il-każ
12. Indikazzjoni dwar jekk wara l-kompetizzjoni jkunu jew ma jkunux ser jingħataw xi kuntratti lir-rebbieħ jew rebbieħa tal-kompetizzjoni
13. Data tal-ħruġ ta' l-avviż

AVVIŻ DWAR IR-RIŻULTATI TA' KOMPETIZZJONI

1. L-isem, l-indirizz, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika ta' l-awtorità kontraenti
2. Deskrizzjoni tal-proġett
3. Għadd totali tal-parteċipanti
4. Għadd ta' parteċipanti barranin
5. Rebbieħ(a) tal-kompetizzjoni

6. Premjijiet, jekk ikun hemm

7. Referenza ta' l-avviż tal-kompetizzjoni

8. Data tal-ħruġ ta' l-avviż

ANNESS II

KARATTERISTIĊI DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI

Pubblikazzjoni ta' l-avviżi

(a) L-avviżi mmsemija fir-regolamenti 48, 70(3) u (9) u 57(6) jintbagħtu mill-awtoritajiet kontraenti lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fil-format kif mitlub bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/78/KE tat-13 ta' Settembru, 2001 dwar l-użu ta' formuli *standard* fil-pubblikazzjoni ta' avviżi pubbliċi dwar kuntratti (ĠU L 285, 29.10.2001, p. 1.) L-avviżi ta' informazzjoni minn qabel kif imsemmi fir-regolament 48(1), l-ewwel subparagrafu, ippubblikata fuq profil tax-xerrej kif imfisser fil-punt 2(b), għandhom ukoll jużaw dak il-format, bħal ma għandu wkoll ikun l-avviż ta' dik il-pubblikazzjoni.

(b) L-avviżi mmsemmija fir-regolamenti 48, 70(3) u (9) u 57(6) huma ppubblikati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew mill-awtoritajiet kontraenti fil-każ ta' informazzjoni minn qabel ippubblikata fuq profil tax-xerrej skond ir-regolament 48(1), l-ewwel subparagrafu.

Barra minn dan, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jippubblikaw din l-informazzjoni fuq l-Internet dwar "profil tax-xerrej" kif imsemmi fil-punt 2(b).

(ċ) L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej għandu jagħti lill-awtorità kontraenti l-konferma msemmija fir-regolament 48(10).

2. Pubblikazzjoni ta' informazzjoni kumplimentari jew addizzjonali

(a) Awtoritajiet kontraenti huma mħeġġa jippubblikaw l-ispeċifikazzjonijiet u d-dokumenti addizzjonali fl-intier tagħhom fuq l-internet.

(b) Il-profil tax-xerrej jista' jinkludi avviżi ta' informazzjoni minn qabel kif imsemmija fir-regolament 48(1), l-ewwel paragrafu, informazzjoni dwar stediniet kontinwi għall-offerti, xiri skedat, kuntratti magħmulin, proċeduri kanċellati u kull informazzjoni ġenerali utli, bħal punt ta' kuntatt, numru ta' telefon u ta' *fax*, indirizz postali u indirizz ta' posta elettronika.

3. Format u proċedura sabiex jintbagħtu n-notifiki elettronikament

Il-format u l-proċedura sabiex jintbagħtu n-notifiki elettronikament huma aċċessibbli fuq l-internet fl-indirizz "http://simap.eu.int".

SKEDA 10

Lista ta' Prodotti fil-Qasam tad-Difiża

Il-lista ta' prodotti fil-Qasam tad-Difiża tkun dik il-lista kif stabbilita bil-lista inkluża fl-Anness II tad-Direttiva al-KE 93/36/KEE

SKEDA 11

Ħtiġiet relatati ma' Tagħmir biex jiġu riċevuti Offerti b'mezzi elettroniċi, Talbiet għal Parteċipazzjoni u Pjanti u Proġetti fil-Kompetizzjonijiet

It-tagħmir biex jiġu riċevuti b'mezzi elettroniċi offerti, talbiet għall-parteċipazzjoni u pjanti u proġetti fil-kompetizzjonijiet għandu mill-inqas jiggarantixxi, b'mezzi tekniċi u proċeduri adatti, li:

(a) firem elettroniċi relatati ma' l-offerti, talbiet għall-parteċipazzjoni u t-trasmissjoni ta' pjanti u proġetti huma konformi mad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati skond id-Direttiva 1999/93/KE;

(b) il-ħin u d-data eżatti meta jiġu riċevuti l-offerti, it-talbiet għall-parteċipazzjoni u l-preżentazzjoni ta' pjanti u proġetti jistgħu jkunu stabbiliti b'mod preċiż;

(ċ) jista' jkun raġonevolment żgurat li, qabel il-limiti ta' żminijiet stabbiliti, ħadd ma jkollu aċċess għal *data* trasmessi skond dawn il-ħtiġiet;

(d) jekk ikun hemm ksur ta' din il-projbizzjoni ta' aċċess, jista' jkun raġonevolment żgurat li dan il-ksur jista' jkun magħruf b'mod ċar;

(e) huma persuni awtorizzati biss li jistgħu jistabbilixxu jew jibdlu d-dati tal-ftuħ tad-*data* li jkunu ġew riċevuti;

(f) matul l-istadji differenti tal-proċedura ta' l-għoti tal-kuntratt jew tal-kompetizzjoni, l-aċċess għal kull *data* riċevuti, jew xi parti minnhom, ikun possibbli biss b'azzjoni simultanja minn persuni awtorizzati;

(g) l-azzjoni simultanja minn persuni awtorizzati għandha tagħti aċċess għad-*data* trasmessi wara d-data preskritta biss;

(h) id-*data* riċevuti u miftuħa skond dawn il-ħtiġiet għandhom ikunu aċċessibbli għal dawk il-persuni biss li huma awtorizzati li jiffamiljarizzaw ruħhom ma' dik id-*data*.